2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni li hija parti integrali mid-Deċiżjonijiet dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2024, Taqsima II – Il-Kummissjoni u l-aġenziji eżekuttivi u d-disa', l-għaxar u l-ħdax-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hija parti integrali minnha, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Awdituri u lill-Bank Ewropew tal-Investiment, u biex tiżgura li jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

---

11 ĠU L 78, 19.3.2008, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2008/215/oj.

12 ĠU L 307, 3.12.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1877/oj.

9. Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tad-29 ta' April 2026 dwar l-għeluq tal-kontijiet għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2024, Taqsima III – Il-Kummissjoni (2025/2145(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2024[1],

– wara li kkunsidra l-kontijiet annwali konsolidati tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2024 (COM(2025)0359 – C10-0145/2025)[2],

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni dwar is-segwitu għall-kwittanza għas-sena finanzjarja 2023 (COM(2025)0373), u r-risposti dettaljati għat-talbiet speċifiċi magħmula mill-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-2024 tal-Kummissjoni dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni għall-Baġit tal-UE (COM(2025)0824),

– wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Kummissjoni lill-awtorità ta' kwittanza dwar l-awditi interni mwettqa fl-2024 (COM(2025)0314) u d-dokument ta' ħidma tas-servizzi tal-Kummissjoni li jakkumpanjah (SWD(2025)0159),

– wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2024, flimkien mar-risposti tal-istituzzjonijiet[3], u r-rapporti speċjali tal-Qorti tal-Awdituri,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni[4] dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2024 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Frar 2026 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2024 (05749/2026 – C10-0037/2026),

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Frar 2026 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-aġenziji eżekuttivi għall-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2024

---

1 ĠU L, 2024/207, 22.2.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/budget/2024/207/oj.
2 ĠU C, C/2025/4944, 13.10.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/4944/oj.
3 ĠU C, C/2025/5409, 8.10.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/5409/oj.
4 ĠU C, C/2025/5407, 13.10.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/5407/oj.

(05752/2026 – C10-0050/2026),

– wara li kkunsidra l-Artikoli 317, 318 u 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 106a tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012[5], u b'mod partikolari l-Artikoli 69, 260, 261 u 262 tiegħu,

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni[6], u b'mod partikolari l-Artikoli 69, 266, 267 u 268 tiegħu,

– wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità[7], u b'mod partikolari l-Artikolu 14(2) u (3) tiegħu,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 101 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, tal-Kumitat għall-Iżvilupp, tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, tal-Kumitat għall-Ambjent, il-Klima u s-Sikurezza tal-Ikel, tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu, tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali, tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni, tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri,

– wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A10-0085/2026),

1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea

---

5 ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1046/oj.

6 ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj.

7 ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2003/58/oj.

għas-sena finanzjarja 2024;

2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni li hija parti integrali mid-Deċiżjonijiet dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2024, Taqsima II – Il-Kummissjoni u l-aġenziji eżekuttivi u d-disa', l-għaxar u l-ħdax-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali u lill-istituzzjonijiet tal-awditjar nazzjonali u reġjonali tal-Istati Membri, u biex tiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

10. Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tad-29 ta' April 2026 dwar l-għeluq tal-kontijiet tad-disa', tal-għaxar u tal-ħdax-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp għas-sena finanzjarja 2024 (2025/2145(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra r-rapporti finanzjarji u l-kontijiet tad-dħul u l-infiq tad-disa', tal-għaxar u tal-ħdax-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp għas-sena finanzjarja 2024 (COM(2025)0354 – C10-0158/2025),

– wara li kkunsidra l-informazzjoni finanzjarja dwar il-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp (COM(2025)0354),

– wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-attivitajiet li jaqgħu taħt id-disa', l-għaxar u l-ħdax-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp għas-sena finanzjarja 2024, flimkien mar-risposti tal-Kummissjoni[1],

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni[2] dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2024 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Frar 2026 rigward il-kwittanza lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet tal-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp għas-sena finanzjarja 2024 (05886/2026 – C10-0051/2026),

– wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmat f'Cotonou (il-Benin) fit-23 ta' Ġunju 2000[3] u emendat f'Ouagadougou (Burkina Faso) fit-22 ta' Ġunju 2010[4],

– wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1764 tal-5 ta' Ottubru 2021 dwar l-Assoċjazzjoni tal-Pajjiżi u t-Territorji extra-Ewropej mal-Unjoni Ewropea inkluż ir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea minn naħa, u Greenland u r-Renju tad-Danimarka min-naħa l-oħra (Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni extra-Ewropea, inkluż Greenland)[5],

---

1 ĠU C, C/2025/5409, 8.10.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/5409/oj.
2 ĠU C, C/2025/5407, 13.10.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/5407/oj.
3 ĠU L 317, 15.12.2000, p. 3.
4 ĠU L 287, 4.11.2010, p. 3.
5 ĠU L 355, 7.10.2021, p. 6, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2021/1764/oj.

– wara li kkunsidra l-Artikolu 33 tal-Ftehim Intern tal-20 ta' Diċembru 1995 bejn ir-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, li ltaqgħu fi ħdan il-Kunsill, dwar l-iffinanzjar u l-amministrazzjoni tal-għajnuna tal-Komunità taħt it-Tieni Protokoll Finanzjarju għar-raba' Konvenzjoni AKP-KE[6],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 32 tal-Ftehim Intern tat-18 ta' Settembru 2000 bejn ir-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, li ltaqgħu fi ħdan il-Kunsill, dwar l-iffinanzjar u l-amministrazzjoni tal-għajnuna tal-Komunità permezz tal-Protokoll Finanzjarju għall-Ftehim ta' Sħubija bejn l-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha ffirmat f'Cotonou (il-Benin) fit-23 ta' Ġunju 2000 u l-allokazzjoni tal-għajnuna finanzjarja għall-pajjiżi u territorji extra-Ewropej li għalihom hija applikabbli l-parti erbgħa tat-Trattat KE[7],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 11 tal-Ftehim Intern tal-24 ta' Ġunju 2013 u tas-26 ta' Ġunju 2013 bejn ir-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, dwar l-iffinanzjar ta' għajnuna mill-Unjoni Ewropea taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-perjodu mill-2014 sal-2020, skont il-ftehim ta' sħubija AKP-UE, u dwar l-allokazzjoni ta' assistenza finanzjarja għall-pajjiżi u territorji extra-Ewropej li għalihom tapplika r-Raba' Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea[8],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 74 tar-Regolament Finanzjarju tas-16 ta' Ġunju 1998 applikabbli għall-kooperazzjoni għall-finanzjament tal-iżvilupp skont ir-raba' Konvenzjoni AKP-KE[9],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 119 tar-Regolament Finanzjarju tas-27 ta' Marzu 2003 applikabbli għad-disa' Fond Ewropew għall-Iżvilupp[10],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 50 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 215/2008 tat-18 ta' Frar 2008 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-10 Fond Ewropew għall-Iżvilupp[11],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 44 tar-Regolament tal-Kunsill (UE)

---

6 ĠU L 156, 29.5.1998, p. 108.
7 ĠU L 317, 15.12.2000, p. 355.
8 ĠU L 210, 6.8.2013, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_eums/2013/806/oj.
9 ĠU L 191, 7.7.1998, p. 53, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_financ/1998/430/oj.
10 ĠU L 83, 1.4.2003, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_financ/2003/401/oj.
11 ĠU L 78, 19.3.2008, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2008/215/oj.

2018/1877 tas-26 ta’ Novembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju applikabbli għall-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp, u li jħassar ir-Regolament (UE) 2015/323[12].

– wara li kkunsidra l-Artikolu 101, l-Artikolu 102, it-tielet inċiż, u l-Anness V tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A10-0085/2026),

1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tad-disa’, tal-għaxar u tal-ħdax-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp għas-sena finanzjarja 2024;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Awdituri u lill-Bank Ewropew tal-Investiment, u biex tiżgura li tiġi ppubblikata f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

---

12 ĠU L 307, 3.12.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1877/oj.

11. Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-29 ta’ April 2026 li tinkludi xi kummenti li jagħmlu parti integrali mid-Deċiżjonijiet dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2024, Taqsima III – Il-Kummissjoni u l-aġenziji eżekuttivi u d-disa’, l-għaxar u l-ħdax-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp (2025/2145(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2024, Taqsima III – Il-Kummissjoni,

– wara li kkunsidra d-deċiżjonijiet tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġits tal-aġenziji eżekuttivi għas-sena finanzjarja 2024,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 101 u l-Anness V tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, tal-Kumitat għall-Iżvilupp, tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, tal-Kumitat għall-Ambjent, tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu, tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali, tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni, tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri,

– wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A10-0085/2026),

A. billi l-ħdax-il FEŻ laħaq l-istadju finali tiegħu hekk kif il-klawżola ta’ estinzjoni tiegħu daħlet fis-seħħ fil-31 ta’ Diċembru 2020; billi, madankollu, kuntratti speċifiċi għal ftehimiet ta’ finanzjament eżistenti ġew iffirmati sal-31 ta’ Diċembru 2023, u l-implimentazzjoni tal-proġetti li għaddejjin iffinanzjati mill-FEŻ se tkompli sat-tlestija finali tagħhom;

B. billi d-disa’, l-għaxar u l-ħdax-il[1] FEŻ ma ġewx inkorporati fil-baġit ġenerali tal-Unjoni u għadhom qed jiġu implimentati u rrapportati separatament sal-għeluq tagħhom;

C. billi, għall-QFP 2021-2027, l-għajnuna għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp lill-pajjiżi AKP hija integrata fl-Istrument ta’ Viċinat, ta’ Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta’ Kooperazzjoni Internazzjonali –

[1] Il-11-il FEŻ ikopri l-QFP 2021-2027.

Ewropa Globali (“NDICI-Ewropa Globali”) bħala parti mill-baġit ġenerali tal-UE, u l-għajnuna għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp lill-PTEE, inkluż Greenland, ġiet inkorporata fid-Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni Ekstra-Ewropea;

D. billi l-FEŻ huma ġestiti kważi kompletament mid-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni għas-Sħubijiet Internazzjonali (DĠ INTPA) bi proporzjon żgħir (7 %) tan-nefqa tal-FEŻ tal-2023 li qed jiġi ġestit mid-Direttorat Ġenerali għall-Viċinat u n-Negozjati għat-Tkabbir (DĠ NEAR);

Prijoritajiet politiċi

1. Jisħaq fuq l-importanza tar-rispett għall-valuri u l-prinċipji fundamentali tal-Unjoni kif definiti fit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE); fil-qafas tal-proċess ta’ kwittanza jagħmel enfasi speċjali fuq il-prinċipji tal-istat tad-dritt kif stabbilit fl-Artikolu 2 tat-TUE, il-prinċipju ta’ ġestjoni finanzjarja tajba kif stabbilit fl-Artikolu 317 tat-TFUE u l-ġlieda kontra l-frodi u l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni kif stabbilit fl-Artikolu 325 tat-TFUE;

2. Ifakkar li r-rispett għall-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali huwa prekundizzjoni għal ġestjoni finanzjarja tajba tal-baġit tal-Unjoni u li l-Kummissjoni għandha firxa wiesgħa ta’ strumenti għad-dispożizzjoni tagħha biex tiżgura r-rispett għal dawn il-prinċipji; jinnota bi tħassib serju r-rigress kontinwu fir-rigward tal-istat tad-dritt u l-korruzzjoni sistemika u l-attakki fuq id-drittijiet fundamentali f’diversi Stati Membri, b’implikazzjonijiet diretti għall-ġestjoni tajba tal-fondi tal-Unjoni, jinnota li n-nuqqas ta’ fondi tal-Unjoni għandu effett allarmanti fuq il-forniment ta’ servizzi pubbliċi; jenfasizza b’mod partikolari s-sitwazzjoni li qed tiddeterjora fl-Ungerija, ikkaratterizzata minn korruzzjoni mifruxa u networks oligarkiċi stabbiliti, li tirrikjedi attenzjoni kontinwa; jiddeplora l-fatt li, filwaqt li l-problemi jippersistu jew jiggravaw, il-pressjoni eżerċitata mill-Kummissjoni biex twassal għal riformi sinifikattivi naqset hekk kif l-ammonti ta’ fondi li għadhom ffriżati qed jonqsu; jisħaq li l-Kummissjoni jeħtieġ li tmur lil hinn mill-monitoraġġ u tagħmel użu sħiħ u konsistenti mill-istrumenti disponibbli biex tissospendi jew tipproteġi l-finanzjament tal-Unjoni fejn in-nuqqasijiet fl-istat tad-dritt jaffettwaw il-ġestjoni finanzjarja tajba fl-Istati Membri kollha kkonċernati; jisħaq li r-rispett għall-istat tad-dritt irid japplika għall-parteċipanti kollha fil-programmi tal-Unjoni, inklużi pajjiżi terzi;

3. Itenni l-importanza assoluta tal-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal fl-azzjonijiet kollha tal-Unjoni; jesprimi tħassib serju dwar is-sejbiet tal-Kummissjoni Internazzjonali Indipendenti ta’ Inkjesta tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Ukrajna rigward id-deportazzjoni u t-trasferiment furzat ta’ tfal Ukreni lejn ir-Russja, kif iddokumentat fir-rapporti tagħha; jissottolinja l-ħtieġa li l-Unjoni Ewropea, fi ħdan il-

kompetenzi tagħha, taġixxi bħala attur kostruttiv u affidabbli fi ħdan il-qafas legali u istituzzjonali internazzjonali, filwaqt li tikkontribwixxi għall-isforzi multilaterali mmirati lejn l-identifikazzjoni tat-tfal affettwati, tiċċara fejn jinsabu, tappoġġja t-traċċar u r-riunifikazzjoni tal-familji, u tiffaċilita r-ritorn sikur tagħhom, f'konformità mad-dritt internazzjonali u l-aħjar interessi tat-tfal; jisħaq li l-politiki u l-istrumenti ta' finanzjament tal-Unjoni għandhom jappoġġjaw b'mod konsistenti l-kooperazzjoni internazzjonali għall-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal, l-aċċess għar-rimedji, ir-riabilitazzjoni u r-riintegrazzjoni, kif ukoll l-obbligu ta' rendikont għal ksur serju tad-dritt umanitarju internazzjonali u tad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem;

4. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Qorti tal-Awdituri (il-Qorti) għas-sena finanzjarja 2024 reġgħet ħarġet opinjoni favorevoli dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tad-dħul; jiddeplora, fl-istess ħin, il-fatt li l-Qorti kellha toħroġ opinjoni negattiva dwar il-legalità u r-regolarità tan-nefqa baġitarja tal-Unjoni, għas-sitt sena konsekuttiva, u opinjoni kwalifikata dwar il-legalità u r-regolarità tan-nefqa fl-ambitu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza;

5. Jinnota li l-Qorti tenfasizza diversi kwistjonijiet fir-Rapport Annwali tagħha għall-2024 li jagħtu lok għal tħassib serju; jilqa' l-fatt li r-rata kumplessiva ta' żball naqset minn 5,6 % għall-2023 għal 3,6 % għall-2024; jisħaq, madankollu, li dan it-tnaqqis għandu jiġi interpretat b'kawtela, peress li mhux neċessarjament jirrifletti titjib fil-ġestjoni finanzjarja jew fl-effettività tas-sistemi ta' kontroll iżda jaf huwa influwenzat ukoll minn fatturi kuntestwali bħat-tmiem tal-infiq ta' emerġenza relatat mal-COVID-19, livell komparattivament baxx ta' implimentazzjoni baġitarja fl-2024 u l-istadju bikri tal-implimentazzjoni tal-QFP 2021-2027; jinsab partikolarment imħasseb li filwaqt li r-rata ta' żball għall-intestatura "Koeżjoni, reżiljenza u valuri" naqset minn 9,3 % għal 5,7 %, għadha ferm ogħla mil-livell limitu ta' materjalità ta' 2 % bil-Qorti tkompli tidentifika dgħufijiet fis-sistemi ta' kontroll u detezzjoni kemm min-naħa tal-Kummissjoni kif ukoll min-naħa tal-Istati Membri; jesprimi tħassib li n-natura rikorrenti ta' dawn is-sejbiet tirriskja li tinnormalizza l-livell attwali ta' żball fil-politika ta' koeżjoni; jesprimi tħassib serju f'dan il-kuntest dwar proposti biex jiġi introdott mudell ġdid ta' nfiq fil-QFP li jmiss li jkun jibbaża saħansitra aktar fuq is-sistemi ta' kontroll tal-Istati Membri, filwaqt li l-kawżi sottostanti ta' rati ta' żball persistentement għoljin għadhom ma jidhrux li ġew indirizzati b'mod adegwat; ifakkar li l-politika ta' koeżjoni tibqa' strument fundamentali tal-Unjoni għall-promozzjoni tal-konverġenza ekonomika, soċjali u territorjali u għall-appoġġ ta' żvilupp ibbilanċjat fir-reġjuni kollha, u jisħaq li kwalunkwe riforma futura tal-mudelli ta' nfiq trid tippreserva l-objettivi, il-prevedibbiltà u l-qafas baġitarju ddedikat tal-politika ta' koeżjoni;

6. Jesprimi tħassib serju dwar in-nuqqasijiet persistenti fl-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza; jinnota li l-Qorti ħarġet opinjoni kwalifikata dwar il-legalità u r-regolarità tan-nefqa tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza għat-tielet sena konsekuttiva u li tistma li l-impatt finanzjarju minimu tas-sejbiet tagħha huwa ogħla mil-livell limitu ta' materjalità; jissottolinja n-nuqqasijiet serji fl-awditjar u l-kontroll identifikati mill-Qorti, li jkomplu jdgħajfu l-aċċertament dwar l-użu regolari tal-fondi tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza; jinsab partikolarment imħasseb dwar id-diskrepanza sinifikanti fl-obbligu ta' rendikont li tirriżulta min-nuqqas ta' informazzjoni affidabbli u kompluta dwar il-benefiċjarji finali tal-finanzjament tal-Unjoni, b'mod partikolari minħabba l-interpretazzjoni tal-Kummissjoni tal-kunċett ta' "riċevitur finali" fl-ambitu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, li tikkontradixxi l-leġiżlazzjoni eżistenti; ifakkar li l-Parlament ripetutament qajjem tħassib serju f'riżoluzzjonijiet ta' kwittanza preċedenti rigward il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, inkluż dwar it-trasparenza tal-benefiċjarji finali; iqis li l-Kummissjoni għandha tibda proċeduri ta' ksur; iqis ukoll li l-Kummissjoni għandha taġixxi mingħajr dewmien żejjed u teżerċita bis-sħiħ is-setgħat tagħha bħala gwardjan tat-Trattati kontra l-Istati Membri biex tiżgura li ċ-ċittadini u l-partijiet ikkonċernati jkollhom aċċess sħiħ għal din l-informazzjoni; jekk tonqos milli jagħmel dan, il-Parlament se jikkunsidra l-miżuri xierqa kollha fi ħdan il-prerogattivi tiegħu biex jiżgura l-konformità, inkluża l-azzjoni legali;

7. Jinnota bi tħassib li r-rata ta' implimentazzjoni attwali għall-fondi ta' koeżjoni hija ferm aktar baxxa mir-rata ta' implimentazzjoni matul il-QFP 2014-2020 preċedenti, li tikkoinċidi mal-fatt li madwar 50 % biss tal-fondi fl-ambitu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza kienu ġew żborżati sa tmiem l-2024, li jimplika li l-50 % li jifdal tal-fondi jridu jiġu żborżati qabel tmiem il-perjodu ta' implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza f'Diċembru 2026; jinnota bi tħassib li l-ammont totali ta' bonds tal-Unjoni pendenti żdied għal EUR 578,2 biljun fi tmiem l-2024 u jinnota bi tħassib l-istimi tal-Qorti li dan l-ammont jista' jilħaq EUR 900 biljun sa tmiem l-2027, li se jpoġġi piż sinifikanti fuq il-QFP futuri minħabba l-pagamenti tal-imgħax assoċjati u r-ripagamenti tal-kapital; jinnota li s-sostenibbiltà tad-dejn tal-Unjoni trid titqies fid-deċiżjonijiet baġitarji futuri kollha;

8. Jisħaq li t-trasparenza mhijiex prinċipju ta' governanza astratt iżda element ewlieni ta' ambjent ta' kontroll effettiv; jissottolinja li dokumentazzjoni mhux kompluta, prattiki ta' reġistrazzjoni inkonsistenti jew dipendenza minn mezzi ta' komunikazzjoni informali jdgħajfu direttament ir-rekords tal-awditjar u jfixklu l-kapaċità tal-awtorità ta' kwittanza li tivvaluta l-legalità, ir-regolarità u l-ġestjoni finanzjarja tajba; jesprimi dispjaċir għall-fatt li, f'dak ir-rigward, kien hemm bosta eżempji matul l-aħħar snin li fihom il-Kummissjoni naqset milli tilħaq standards raġonevoli ta' trasparenza

u jieħu nota tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali fil-każ fil-kawża T-36/23[2], *Stevi u New York Times vs Il-Kummissjoni*; ifakkar li skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 il-messaġġi testwali mibgħuta jew riċevuti mill-uffiċjali tal-Unjoni jiġu kkwalifikati bħala dokumenti biss jekk jikkonċernaw il-politika jew id-deċiżjonijiet tal-Unjoni; jenfasizza li l-Kummissjoni għandha tiżgura li l-prattiki ta' trasparenza jissodisfaw standards għoljin ta' governanza biex tiggarantixxi li l-awtorità ta' kwittanza tkun tista' tivvaluta bis-sħiħ il-legalità, ir-regolarità u l-ġestjoni finanzjarja tajba tal-baġit tal-Unjoni; jinnota l-importanza ta' tweġibiet f'waqthom għal talbiet ta' aċċess għad-dokumenti; iħeġġeġ lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-proċeduri tagħha biex tiżgura li l-korpi ta' sorveljanza jkunu jistgħu jivvalutaw bis-sħiħ il-legalità, ir-regolarità u l-ġestjoni finanzjarja tajba; iqis li jekk ma jkunx hemm dokumentazzjoni u trasparenza xierqa fil-livell ta' tmexxija superjuri hemm ir-riskju li jiddgħajfu l-fiduċja pubblika, ir-responsabbiltà istituzzjonali u l-kredibbiltà tal-Kummissjoni bħala gwardjan tat-Trattati; jistieden lit-tmexxija tal-Kummissjoni tiżgura konformità sħiħa mal-obbligi ta' trasparenza, reġistrazzjoni xierqa tal-komunikazzjonijiet kollha relatati max-xogħol, inkluż fil-livell tal-President u tal-Membri tal-Kulleġġ, u ssaħħaħ il-proċeduri interni u l-mekkaniżmi ta' obbligu ta' rendikont sabiex jiġu evitati nuqqasijiet simili fil-futur;

9. Jinnota li Prim Ministru preċedenti taċ-Ċekja nstab li kien f'sitwazzjoni ta' kunflitt ta' interess matul il-mandat preċedenti tiegħu li wasslet għas-sospensjoni u l-korrezzjoni finanzjarja tal-finanzjament tal-Unjoni; jieħu nota tad-dikjarazzjonijiet pubbliċi tal-Prim Ministru, li jindikaw l-intenzjoni li jċedi s-sjieda u l-kontroll tal-interessi kummerċjali li potenzjalment jibbenefikaw mill-fondi tal-Unjoni permezz tal-ħolqien ta' arranġament fiduċjarju allegatament irriversibbli; ifakkar fl-importanza li jiġu stabbiliti arranġamenti legali verifikabbli biex jiġi evitat kwalunkwe riskju li l-fondi tal-Unjoni jistgħu jkunu ta' benefiċċju għall-interessi kummerċjali privati tad-detenturi ta' karigi pubbliċi; jissottolinja li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm fis-seħħ salvagwardji effettivi biex tinżamm it-trasparenza, inkluż dwar id-divulgazzjoni ta' informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja, l-integrità u l-ġestjoni finanzjarja tajba tal-fondi tal-Unjoni;

10. Jisħaq li l-Membri tal-Kummissjoni jeħtieġ jissodisfaw l-ogħla standards ta' integrità, indipendenza u obbligu ta' rendikont, kemm fil-funzjonijiet attwali tagħhom kif ukoll fir-rwoli preċedenti tagħhom; jinnota bi tħassib li diversi pożizzjonijiet maniġerjali superjuri baqgħu vakanti fid-DĠ NEAR matul il-perjodu li fih il-Kummissarju attwali għas-Saħħa u l-Benessri tal-Annimali kien responsabbli għal dan id-Direttorat Ġenerali fil-kapaċità tiegħu bħala Kummissarju

---

[2] Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Mejju 2025, Matina Stevi u The New York Times Company vs Il-Kummissjoni Ewropea, T-36/23, ECLI:EU:T:2024:483.

għall-Viċinat u t-Tkabbir, u jinnota li l-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni f'dan ir-rigward matul l-iskambju ta' fehmiet mal-awtorità ta' kwittanza ma kinitx preċiża; jisħaq li l-Kummissjoni jeħtieġ tiżgura li l-Membri kollha tal-Kulleġġ jissodisfaw l-istandards ta' integrità, indipendenza u kondotta professjonali meħtieġa sabiex jeżerċitaw ir-responsabbiltajiet tagħhom, b'mod partikolari meta dawk ir-responsabbiltajiet jinvolvu l-ġestjoni ta' portafolli politikament sensittivi u fondi sinifikanti tal-Unjoni; Iqis li, meta jitqiesu flimkien, in-nuqqasijiet serji u fit-tul marbuta mal-ġestjoni fid-DĠ NEAR, l-għoti ta' informazzjoni mhux preċiża lill-Parlament fil-kuntest tal-proċedura ta' kwittanza, u t-tħassib addizzjonali relatat mal-imġiba u l-indipendenza deskritt hawn fuq juru xejra li hija inkompatibbli mal-istandards ta' obbligu ta' rendikont, affidabbiltà u amministrazzjoni tajba meħtieġa minn Membru tal-Kummissjoni;

11. Jisħaq li l-Kummissjoni jeħtieġ taġixxi b'mod kompletament imparzjali u trasparenti, li jinkludi l-eliminazzjoni tal-kunflitti ta' interess, l-għoti ta' obbligu ta' rendikont ċar għall-ġestjoni tal-fondi tal-Unjoni u l-konformità mal-linji gwida tagħha stess dwar l-istat tad-dritt; jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ it-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont fir-rigward tal-ħatra u l-attivitajiet tal-konsulenti speċjali tagħha billi tippubblika b'mod sistematiku informazzjoni dettaljata dwar il-kriterji tal-għażla, il-mandat, il-kompiti, it-tul ta' żmien tal-assenjazzjoni, ir-remunerazzjoni, u d-dikjarazzjonijiet tal-interessi tagħhom; jisħaq li l-konsulenti speċjali jistgħu jeżerċitaw influwenza sinifikanti fuq l-iżvilupp tal-politika u għalhekk iridu jkunu soġġetti għal standards ta' governanza ċari, obbligi ta' rapportar regolari u divulgazzjoni proattiva f'konformità mal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba u l-Artikolu 15(3) tat-TFUE;

12. Jisħaq li l-azzjonijiet ta' segwitu tal-Kummissjoni ma jistgħux iwasslu għal estensjoni tal-kompetenzi tagħha lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni previst fit-Trattati,

13. Jinnota li, f'diversi rapporti speċjali matul dawn l-aħħar snin, il-Qorti identifikat nuqqasijiet fil-metodoloġija tal-Kummissjoni għall-istima tal-effetti fuq il-klima tal-infiq tal-Unjoni, li wasslu għal sovrastima sistemika bl-użu ta' sistemi ta' tikkettar *ex ante* bbażati fuq l-effett mistenni tal-attivitajiet u li ma jqisux ir-riżultati reali; jisħaq li l-limitazzjonijiet tal-metodoloġiji attwali jistgħu jaffettwaw l-affidabbiltà taċ-ċifri rrapportati u jkollhom implikazzjonijiet għall-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-awtorità ta' kwittanza; jinnota wkoll li l-metodoloġiji attwali għat-traċċar tan-nefqa fuq il-klima u l-bijodiversità ma jkoprux bis-sħiħ l-effetti kollha tal-attivitajiet tal-Unjoni, inklużi ċerti miżuri fl-ambitu tal-politika agrikola komuni; jinnota li l-applikazzjoni tal-prinċipju "La Tagħmilx Ħsara Sinifikanti" (DNSH) tgħin fil-prevenzjoni tal-implimentazzjoni ta' miżuri mhux konformi; jenfasizza li dawn il-limitazzjonijiet metodoloġiċi jistgħu joħolqu sfidi ta' obbligu ta' rendikont għall-awtorità ta' kwittanza; jissottolinja li l-kapaċità tal-Parlament li jeżerċita kontroll baġitarju

effettiv tiddependi wkoll minn evidenza trasparenti, verifikabbli u fil-livell tal-proġetti ta’ konformità u impatt ambjentali;

14. Ifakkar li r-rieżami tal-Kummissjoni tal-2024 tal-ftehimiet ta’ għotja tal-NGOs ma sab ebda ksur tal-liġi; jissottolinja, madankollu, li kwalunkwe riċevitur tal-finanzjament tal-Unjoni, inklużi l-NGOs, għandu jkun soġġett għal rekwiżiti ta’ skrutinju u trasparenza robusti, proporzjonati u bbażati fuq ir-riskju, f’konformità mad-dispożizzjonijiet legali u l-ġestjoni finanzjarja tajba; jisħaq li l-kontroll baġitarju, is-salvagwardji u r-rekwiżiti ta’ trasparenza jridu jiġu applikati b’mod newtrali, proporzjonat u bbażat fuq l-evidenza, sabiex jiżgura li t-trasparenza u s-sorveljanza japplikaw b’mod effettiv fil-kategoriji kollha tal-benefiċjarji u li l-iskrutinju jkun ibbażat fuq ir-riskju; jenfasizza li n-nuqqas ta’ trasparenza ddgħajjef il-fiduċja fil-proċess ta’ kwittanza u li skrutinju effettiv jirrikjedi l-applikazzjoni ta’ standards ekwivalenti għall-benefiċjarji kollha; jieħu nota tas-sejbiet tal-Qorti fir-rapport speċjali tagħha 11/2025 “Trasparenza tal-finanzjament tal-UE mogħti lill-NGOs”;

15. Jinnota li, skont it-Trattati, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili huma benefiċjarji leġittimi tal-finanzjament tal-Unjoni u spiss jappoġġjaw il-kisba tal-objettivi tal-Unjoni; jisħaq li l-kontroll baġitarju, is-salvagwardji u r-rekwiżiti ta’ trasparenza jridu jiġu applikati b’mod newtrali, proporzjonat u bbażat fuq l-evidenza, u tingħata attenzjoni dovuta għaċ-ċertezza legali; jissottolinja li t-trasparenza selettiva tista’ ddgħajjef il-fiduċja fil-proċess ta’ kwittanza u li skrutinju effettiv jirrikjedi l-applikazzjoni konsistenti ta’ standards komparabbli għall-benefiċjarji kollha; jieħu nota tal-Grupp ta’ Ħidma għall-Iskrutinju stabbilit fil-Parlament f’dan ir-rigward;

16. Ifakkar fir-rwol kruċjali tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, li jiddefendu l-valuri demokratiċi biex jappoġġjaw soċjetà demokratika vibranti u dinamika, u jiżguraw bażi soda għal kopertura wiesgħa tal-fehmiet rilevanti kollha f’dibattiti differenti u jenfasizza li l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jistgħu jirċievu appoġġ mill-fondi tal-Unjoni, f’konformità mar-Regolament Finanzjarju, biex jeżerċitaw dawn il-funzjonijiet, kif previst fl-Artikolu 11 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea;

17. Jilqa’ b’sodisfazzjon li minħabba l-ħtieġa urġenti li tingħata spinta lill-kapaċitajiet ta’ difiża tal-Unjoni, l-għadd u l-volum ta’ strumenti ta’ finanzjament tad-difiża tal-Unjoni żdiedu mill-bidu tal-gwerra ta’ aggressjoni illegali tar-Russja kontra l-Ukrajna; iqis li d-difiża u l-appoġġ għall-Ukrajna jridu jiġu ttrattati bħala l-prijorità baġitarja fil-kuntest ġeopolitiku attwali u li għandhom jiġu allokati riżorsi adegwati biex jintlaħaq dan l-objettiv; jissottolinja l-ħtieġa ta’ approċċ komprensiv tal-Unjoni għall-finanzjament tas-sigurtà u tad-difiża, li jirreaġixxi kemm għat-theddid militari konvenzjonali kif ukoll dak non konvenzjonali, inkluż it-theddid ibridu, bħal dak relatat

mal-intelliġenza artifiċjali, id-droni u l-attakki ċibernetiċi; iqis li t-teknoloġiji li jipprovdu l-akbar vantaġġ operazzjonali għandhom jingħataw prijorità fil-finanzjament tat-teknoloġiji; jissottolinja li r-responsabbiltà demokratika, l-awditjar u t-trasparenza jridu jiżdiedu b'mod parallel man-nefqa, filwaqt li jirrikonoxxi li r-rekwiżiti leġittimi ta' sigurtà jistgħu jillimitaw l-iżvelar ta' ċerta informazzjoni sensittiva, mingħajr ma jnaqqsu l-kapaċità ġenerali tal-awtorità ta' kwittanza li teżerċita sorveljanza effettiva; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' aktar titjib fit-trasparenza tal-finanzjament tad-difiża tal-Unjoni, inkluż billi jiġu żgurati arranġamenti tal-awditjar proporzjonati għas-sensittività tal-attivitajiet ta' difiża iżda li jiżguraw sorveljanza effettiva, u billi jiggarantixxu li l-awtorità ta' kwittanza tkun tista' teżerċita skrutinju demokratiku tal-attivitajiet kollha ffinanzjati mill-Unjoni, matul il-fażijiet tal-adozzjoni, tat-tfassil u tal-implimentazzjoni;

18. Jissottolinja li l-ugwaljanza hija valur fundamentali tal-Unjoni u hija minquxa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-Karta); ifakkar fl-impenn tal-Unjoni għall-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fit-tfassil tal-politika tagħha u fl-implimentazzjoni tal-fondi tal-Unjoni, inkluż l-ibbaġitjar skont il-ġeneru;

19. Ifakkar fil-Ftehim li jistabbilixxi Korp Interistituzzjonali għall-Istandards Etiċi għall-Membri tal-Istituzzjonijiet u l-Korpi Konsultattivi msemmija fl-Artikolu 13 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea;

20. Ifakkar fl-importanza li jiġi żgurat li l-fondi tal-Unjoni jiġu allokati u implimentati f'konformità sħiħa mar-Regolament Finanzjarju u mal-valuri fundamentali tal-Unjoni; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' sorveljanza, trasparenza u salvagwardji xierqa biex jiġu evitati l-frodi, il-kunflitti ta' interess, il-korruzzjoni, il-finanzjament doppju, il-ħasil tal-flus u l-użu ħażin tal-fondi, inkluż minn benefiċjarji li l-attivitajiet tagħhom huma inkompatibbli mal-valuri tal-Unjoni; jenfasizza f'dan il-qafas ir-rwol ewlieni tal-arkitettura kontra l-frodi tal-Unjoni kollha kemm hi u jesprimi xi tħassib dwar ir-rifjut ta' xi Stati Membri li jikkooperaw ma' wieħed mill-elementi tagħha, b'mod partikolari l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE);

Rakkomandazzjonijiet ewlenin:

21. Jistieden lill-Kummissjoni, b'mod partikolari:

(i) tivvaluta mill-ġdid u tindirizza b'mod urġenti d-deterjorament tal-istat tad-dritt u r-riskji għall-baġit tal-Unjoni fl-Ungerija, u tieħu l-azzjonijiet kollha meħtieġa f'konformità mar-Regolament dwar il-Kundizzjonalità u għodod oħra disponibbli, inkluża s-sospensjoni sħiħa tal-fondi tal-Unjoni;

(ii) tapplika b'mod konsistenti u preċiż id-dispożizzjonijiet relatati mar-"riċevituri finali", tar-Regolament (UE) 2021/241 tal-

Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza[3] (ir-Regolament RRF), billi tirrevedi l-Gwida tiegħu dwar il-Pjanijiet ta' Rkupru u Riżoluzzjoni, tikkomunika mal-Istati Membri dwar l-applikazzjoni korretta tad-definizzjoni ta' "riċevituri finali", sabiex jiġi żgurat li l-Istati Membri jiġbru u jipprovdu l-informazzjoni dwar l-aħħar entitajiet li jirċievu l-fondi, esklużi l-entitajiet intermedjarji bħall-ministeri jew l-awtoritajiet ta' ġestjoni, u jagħmlu din l-informazzjoni disponibbli għall-awtorità ta' kwittanza sal-aħħar skadenza għas-sottomissjoni tal-iżborż tal-pagamenti tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, u jekk ikun meħtieġ tibda l-proċedimenti għall-ksur;

(iii) tippubblika l-lista tar-riċevituri finali u tal-kuntratturi fl-istrumenti kollha f'format armonizzat u li jinqara mill-magni;

(iv) tiżgura l-konformità mar-regoli tal-Unjoni dwar l-aċċess għad-dokumenti, inklużi l-messaġġi testwali, filwaqt li tirrikonoxxi li l-komunikazzjonijiet istituzzjonali ta' interess pubbliku jenħtieġ li jsiru aċċessibbli b'mod proporzjonat u jirrispettaw ir-rekwiżiti legali u ta' sigurtà, sabiex jiġu ssalvagwardjati s-sorveljanza demokratika u r-responsabbiltà;

(v) tiżgura li l-ebda fond tal-Unjoni ma jitħallas, direttament jew indirettament, lill-benefiċjarji, inklużi dawk relatati mal-membri tal-Kunsill Ewropew, fejn ikun ġie identifikat kunflitt ta' interess u ma jkunx ġie solvut b'mod dimostrabbli u verifikabbli, f'konformità mar-regoli u s-salvagwardji applikabbli tal-Unjoni;

(vi) tiżgura li l-Kummissarji u l-uffiċjali għolja kollha jeżerċitaw il-funzjonijiet tagħhom f'konformità sħiħa mar-regoli tal-Unjoni dwar l-integrità, il-kunflitti ta' interess u l-amministrazzjoni tajba;

(vii) tapplika b'mod adegwat il-qafas ta' kontroll għan-nefqa tal-Unjoni relatata mal-objettivi tal-klima u tal-bijodiversità, inkluż mekkaniżmu ta' verifika proporzjonat, rapportar f'waqtu ta' data dwar il-klima fil-livell tal-proġett u komunikazzjoni trasparenti dwar l-impatti ambjentali, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti u b'kunsiderazzjoni xierqa għall-fattibbiltà operazzjonali u l-kompetittività ekonomika; ittejjeb il-monitoraġġ u r-rapportar tar-riżultati, lil hinn mis-sempliċi miri ta' nfiq, bil-ħsieb li timmassimizza l-impatt tal-finanzjament tal-Unjoni għall-klima u l-bijodiversità;

(viii) teżamina, f'konformità mar-Regolament Finanzjarju, kwalunkwe benefiċjarju potenzjalment frodulenti jew irregolari; tfakkar fl-importanza ta' sorveljanza xierqa tal-

[3] ĠU L 57, 18.2.2021, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/241/oj.

finanzjament tal-Unjoni, b’attenzjoni partikolari għar-rispett tal-valuri fundamentali tal-Unjoni, u l-obbligu legali tal-Kummissjoni li tiżgura li l-benefiċjarji jirrispettaw dawn il-valuri u joqogħdu lura minn imġiba professjonali ħażina;

(ix) tiżgura li l-UPPE jkollu riżorsi adegwati biex jinvestiga każijiet ta’ frodi relatati mal-finanzjament tal-Unjoni, inkluża n-nefqa tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, minħabba l-għadd dejjem akbar ta’ investigazzjonijiet u d-danni għoljin stmati;

(x) tkompli bl-isforzi li saru fl-ibbaġitjar skont il-ġeneru u fit-traċċar tal-impatt tal-baġit tal-Unjoni biex titrawwem l-ugwaljanza bejn il-ġeneri;

KAPITOLU I - Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP)

Id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni u tal-ġestjoni baġitarja u finanzjarja tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri

Affidabbiltà tal-kontijiet

22. Jilqa' l-konklużjoni tal-Qorti fir-rapport annwali tagħha dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2024[4], li l-kontijiet konsolidati tal-Unjoni Ewropea għal dik is-sena huma affidabbli; jinnota li l-Qorti ilha mill-2007 toħroġ kull sena opinjoni favorevoli dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet;

23. Jinnota li fil-31 ta' Diċembru 2024, l-obbligazzjonijiet totali kienu jammontaw għal EUR 827,3 biljun, u l-assi totali kienu jammontaw għal EUR 518,5-il biljun; jinnota li d-differenza li tirriżulta ta' EUR 308,8 biljun tirrappreżenta l-assi netti negattivi tal-Unjoni, li tirrifletti d-dejn u s-sehem tan-nefqa diġà mġarrba sal-31 ta' Diċembru 2024 li jridu jiġu ffinanzjati minn baġits futuri; jinnota wkoll li r-riżultat ekonomiku negattiv għall-2024 ammonta għal EUR 97,2 biljun, b'ammonti minfuqa għan-Next Generation EU li jikkontribwixxu b'mod sinifikanti kemm għall-pożizzjoni tal-assi netti negattivi kif ukoll għar-riżultat ekonomiku;

24. Jinnota li fi tmiem l-2024, il-valur stmat tal-ispejjeż eliġibbli mġarrba iżda li kienu għadhom ma ntalbux dovuti lill-benefiċjarji, irreġistrati bħala spejjeż dovuti, kien ta' EUR 160,7 biljun (2023: EUR 155,2 biljun), li minnhom EUR 7,9 biljun huma relatati ma' pagamenti futuri previsti tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza;

25. Jilqa' l-konklużjoni tal-Qorti li l-assi, l-obbligazzjonijiet, id-dħul u l-ispejjeż, inklużi dawk relatati mal-NGEU, l-istima relatata mal-proċess ta' ħruġ tar-Renju Unit, u l-impatt tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, huma ppreżentati b'mod ekwu fil-kontijiet annwali konsolidati;

Legalità u regolarità tad-dħul tal-Unjoni

26. Jinnota l-konklużjoni tal-Qorti li d-dħul tal-Unjoni huwa ħieles minn żball materjali u li s-sistemi għall-ġestjoni eżaminati mill-Qorti kienu ġeneralment effettivi;

Legalità u regolarità tan-nefqa tal-Unjoni

27. Jesprimi dispjaċir kbir għall-opinjoni negattiva dwar il-legalità u r-regolarità tan-nefqa baġitarja tal-Unjoni maħruġa mill-Qorti għas-sitt sena konsekuttiva; ifakkar li l-awtorità ta' kwittanza tkompli

---

4. ĠU C, C/2025/5409, 8.10.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/5409/oj.

timmonitorja mill-qrib l-iżviluppi u li tivvaluta mill-ġdid is-sitwazzjoni fil-kuntest tal-proċedura ta' kwittanza; jissottolinja l-importanza ta' sforzi kontinwi u sostnuti biex jiġu indirizzati d-dgħufijiet sottostanti u biex jissaħħu l-ġestjoni finanzjarja u l-mekkaniżmi ta' kontroll kemm tal-Kummissjoni kif ukoll tal-Istati Membri; jinnota d-diffikultajiet għall-awtorità ta' kwittanza meta l-Qorti tal-Awdituri u l-Kummissjoni japplikaw definizzjonijiet legali u metodoloġiċi differenti;

28. Jilqa' t-tnaqqis fl-istima tal-Qorti tal-livell ta' żball għal 3,6 % fin-nefqa tal-2024, tnaqqis ta' żewġ punti perċentwali minn 5,6 % fl-2023; jinnota bi tħassib li l-Qorti għadha tidentifika kwistjonijiet sostanzjali fin-nefqa bbażata fuq rimborżi li huma l-akbar kontributur għar-rata kumplessiva ta' żball fejn il-livell ta' żball stmat huwa ta' 5,7 %; jinnota li l-effett tal-iżbalji misjuba mill-Qorti huwa stmat li huwa kemm materjali kif ukoll mifrux;

29. Jinnota li l-istimi tal-2024 tal-Kummissjoni tar-riskju fil-waqt tal-pagament, li jkopru l-intestaturi kollha tal-QFP ħlief l-Intestatura 3, huma konsistentement aktar baxxi mill-intervalli ta' fiduċja tal-Qorti, b'mod partikolari għall-Intestaturi 2 u 6, u jqis li dan jirrifletti wkoll id-differenzi metodoloġiċi u relatati mal-mandat sinifikanti bejn iż-żewġ istituzzjonijiet;

30. Jinnota li, għall-kuntrarju tal-Qorti, li jeħtiġilha tirrapporta l-iżbalji kollha irrispettivament minn jekk tkunx possibbli korrezzjoni finanzjarja, il-Kummissjoni tirrapporta biss irregolaritajiet li għalihom tqis li l-irkupri huma legalment ġustifikati; ifakkar li f'konformità mar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (RDK), il-Kummissjoni tqis bħala "irregolarità" kwalunkwe ksur tal-liġi applikabbli, li jirriżulta minn att jew ommissjoni minn operatur ekonomiku, li għandu, jew li jista' jkollu, l-effett li jippreġudika l-baġit tal-Unjoni billi jimponi nefqa mhux ġustifikata fuq dak il-baġit, filwaqt li d-definizzjoni tal-Qorti ta' "żball" tinkludi l-pagamenti kollha li jsiru mingħajr ma jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet meħtieġa; itenni t-tħassib tiegħu li l-Kummissjoni u l-Qorti, minħabba r-rwoli istituzzjonali distinti tagħhom, japplikaw interpretazzjonijiet legali u definizzjonijiet metodoloġiċi differenti, li jistgħu joħolqu konfużjoni; jinsab imħasseb li l-Kummissjoni tista' sistematikament tissottovaluta l-livell ta' żball eżistenti; jesprimi l-appoġġ tiegħu għall-iżvilupp ta' approċċ u metodoloġija komuni tal-awditjar;

31. Jisħaq fuq l-importanza li jiġi żgurat li l-awtoritajiet pubbliċi jirkupraw b'mod effettiv l-ammonti mitlufa bla bżonn permezz ta' frodi, evażjoni, irregolaritajiet u frammentazzjoni amministrattiva, bħala element essenzjali tal-protezzjoni tal-finanzi pubbliċi; jistieden lill-Kummissjoni ttejjeb it-trasparenza billi tippubblika informazzjoni ċara u annwali dwar l-irkupri, il-korrezzjonijiet finanzjarji u l-konfiski marbuta mal-infiq tal-Unjoni u l-kooperazzjoni fl-infurzar, ippreżentata b'mod koerenti u aċċessibbli li jappoġġja l-obbligu ta'

rendikont filwaqt li jiġi evitat piż amministrattiv bla bżonn;

32. Itenni t-tħassib tiegħu dwar l-osservazzjoni tal-Qorti li l-valutazzjoni tar-riskju tal-Kummissjoni x'aktarx tissottovaluta l-livell reali ta' riskju f'diversi oqsma; jinnota li d-dgħufijiet identifikati f'ċerti sistemi ta' ġestjoni u kontroll jistgħu jaffettwaw l-affidabbiltà ġenerali tal-konklużjonijiet tal-awditjar; jenfasizza l-ħtieġa li tiġi żgurata sorveljanza robusta fil-modi kollha ta' ġestjoni; jilqa' l-fatt li, mill-2025, il-Qorti se twaqqaf il-prattika li tagħżel kampjuni tal-awditjar minn tranżazzjonijiet diġà rieżaminati mill-Kummissjoni jew mill-awtoritajiet nazzjonali tal-awditjar, bidla li saret meħtieġa minħabba li dan l-approċċ, għalkemm mistenni li jiżvela ftit żbalji jew inkella ma jiżvela l-ebda żball, ripetutament wera li mhuwiex affidabbli; jissottolinja li dan l-iżvilupp iqajjem dubji serji dwar l-effettività tas-sistemi ta' kontroll tal-Unjoni u jsaħħaħ l-appell li ilu jagħmel il-Parlament għal mekkaniżmi ta' aċċertament affidabbli fil-modi kollha ta' ġestjoni;

33. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni taċċelera l-użu ta' għodod interoperabbli kontra l-frodi u tal-estrazzjoni tad-data fil-modi kollha ta' ġestjoni, li jippermettu kontroverifiki dwar is-sjieda benefiċjarja, l-indikaturi tar-riskju tal-akkwist u s-sinjali ta' finanzjament doppju; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tirrapporta kull sena lill-awtorità ta' kwittanza dwar il-kopertura u l-effettività ta' dawn l-għodod, inkluża l-adozzjoni mill-awtoritajiet ta' ġestjoni; itenni l-ħtieġa urġenti għall-użu obbligatorju tal-għodod tal-estrazzjoni tad-data u tal-intelliġenza artifiċjali biex jiġu miġġielda b'mod effettiv il-frodi u l-irregolaritajiet;

34. Jissottolinja li l-livell stmat ta' żball fin-nefqa tal-Unjoni, kif irrapportat fid-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tal-Qorti, jirrifletti l-pagamenti li, skont il-valutazzjoni tal-Qorti, ma kinux konformi bis-sħiħ mar-regoli u l-kundizzjonijiet applikabbli; iqis li, għalkemm dan mhuwiex indikatur ta' frodi jew korruzzjoni u ma jimplikax awtomatikament ħela fl-użu tar-riżorsi, iżda pjuttost jenfasizza oqsma fejn miżuri korrettivi jistgħu jinfurzaw l-applikazzjoni xierqa tar-regoli u jipproteġu b'mod effettiv l-interessi finanzjarju tal-Unjoni; jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-livelli persistenti ta' żball, filwaqt li spiss ikunu ta' natura teknika, jistgħu madankollu jdgħajfu l-fiduċja pubblika fil-ġestjoni finanzjarja tajba tal-baġit tal-Unjoni;

35. Ifakkar li, kif stabbilit fit-Trattati, l-awtorità ta' kwittanza teħtieġ dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni, ipprovduta mill-Qorti, dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi fi tmiem is-sena għad-deċiżjoni tagħha dwar il-kwittanza għal dik is-sena; jinnota li l-programmi ta' nfiq tal-Unjoni huma pluriennali u li s-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll tagħhom ikopru bosta snin, u dan jippermetti korrezzjonijiet u rkupri wara tmiem is-sena;

36. Ifakkar li l-Kummissjoni terfa' r-responsabbiltà primarja għall-prevenzjoni u l-identifikazzjoni tal-frodi li taffettwa l-interessi

finanzjarji tal-Unjoni; jinnota li l-Qorti tal-Awdituri, f'konformità mal-mandat tagħha, jeħtiġilha tirrapporta kwalunkwe każ ta' irregolarità identifikat matul il-ħidma tal-awditjar tagħha; jinnota wkoll li l-Qorti tirreferi s-suspetti ta' reati kriminali li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-UPPE u s-suspetti ta' frodi, korruzzjoni jew attivitajiet illegali oħra lill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF); jinnota li fl-2024 il-Qorti rrapportat 19-il każ ta' suspett ta' frodi lill-OLAF u, b'mod parallel, bagħtet seba' minn dawn il-każijiet lill-UPPE, li sa issa rriżultaw f'sitt investigazzjonijiet tal-OLAF u seba' investigazzjonijiet tal-UPPE; ifaħħar lill-Qorti għar-rapportar sistematiku tagħha lill-OLAF u lill-UPPE, speċjalment minħabba li l-informazzjoni li tirriżulta mill-attivitajiet tal-awditjar għandha livell għoli ta' affidabbiltà; jisħaq li l-każijiet kollha ta' nefqa irregolari identifikati mill-Qorti għandhom jiġu rrapportati lill-OLAF u lill-UPPE, filwaqt li jitħalla f'idejn dawn il-korpi kompetenti biex jivvalutaw jekk hemmx intenzjoni frodulenti li tiġġustifika investigazzjoni ulterjuri; jissottolinja l-importanza ta' koordinazzjoni kontinwa bejn il-Kummissjoni, l-OLAF, l-UPPE u l-Qorti biex jiġi żgurat segwitu f'waqtu u effettiv tal-każijiet kollha rrapportati, f'konformità mal-mandati rispettivi tagħhom; itenni l-ħtieġa li l-Kummissjoni tgħammar lil dawn il-korpi b'riżorsi adegwati biex tiggarantixxi kapaċitajiet ta' investigazzjoni u detezzjoni transfruntiera kompletament effettivi; ifakkar fl-importanza ta' indipendenza operattiva sħiħa tal-UPPE u tal-OLAF;

Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

37. Jinnota li r-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-QFP, adottata fi Frar 2024, introduċiet aġġustament tekniku rivedut li żied il-limitu massimu tal-2024 għall-approprjazzjonijiet ta' impenn minn EUR 186,0 biljun għal EUR 186,8 biljun, u żied il-livell tal-approprjazzjonijiet ta' pagament b'EUR 7,1 biljun, biex b'hekk il-baġit finali tal-approprjazzjonijiet ta' pagament tela' għal EUR 149,7 biljun, filwaqt li żamm il-limitu massimu kumplessiv tal-pagamenti għal EUR 170,5 biljun; jinnota wkoll li r-reviżjoni stabbiliet ukoll ir-Riżerva għall-Ukrajna u l-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru (EURI) bħala strumenti speċjali ġodda mqiegħda barra mil-limiti massimi tal-QFP;

38. Jinnota li l-awtorità baġitarja inizjalment approvat baġit tal-Unjoni għall-2024 ta' EUR 189,4 biljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn; jinnota li ħames baġits emendatorji adottati matul is-sena rriżultaw f'żieda netta ta' EUR 5,9 biljun, u dan iġib l-impenji totali għal EUR 195,3 biljun, u b'hekk inqabeż il-limitu massimu tal-QFP ta' EUR 186,8 biljun; jissottolinja li dan sar possibbli permezz tal-użu ta' strumenti speċjali tal-QFP, li jipprovdu riżorsi addizzjonali lil hinn mil-limiti massimi biex jiġu indirizzati ħtiġijiet emerġenti jew mhux previsti;

39. Jinnota li l-assorbiment tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE) 2014-2020 laħaq stadju avvanzat, b'pagamenti totali li jammontaw għal EUR 475,2 biljun, li jikkorrispondu għal 97,0 %

tal-EUR 489,9 biljun disponibbli fl-ambitu tal-programmi; jilqa' l-fatt li 21 Stat Membru qabżu rata ta' assorbiment ta' 95,0 % għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, li juri kapaċità ta' implimentazzjoni b'saħħitha hekk kif il-perjodu joqrob lejn l-għeluq;

40. Jissottolinja li r-rati ta' assorbiment kumulattivi ppreżentati mill-Kummissjoni, ibbażati fuq il-prefinanzjament u l-pagamenti interim magħmula lill-Istati Membri, ma jirriflettux bis-sħiħ il-progress tal-implimentazzjoni tal-proġetti fil-prattika, peress li ma jkoprux l-ammonti totali żborżati mill-awtoritajiet nazzjonali lill-benefiċjarji finali;

41. Jinnota bi tħassib li, minkejja żieda notevoli fil-pagamenti tal-2024, l-assorbiment skont ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (RDK) 2021-2027 għadu baxx, b'EUR 14,7-il biljun żborżati fl-2024 meta mqabbla ma' EUR 6,3 biljun fl-2023, li għadu modest meta mqabbel mal-allokazzjonijiet ġenerali; jinnota wkoll li l-pagamenti ta' għotjiet tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza laħqu biss EUR 55,9 biljun fl-2024, madwar nofs il-previżjoni tal-Kummissjoni ta' Ġunju 2023, li jirrifletti dewmien kontinwu fil-preżentazzjoni u l-ipproċessar tat-talbiet għall-pagament;

42. Jinnota li fl-2024 il-Kummissjoni pprevediet diżimpenji ta' EUR 8,8 biljun għall-perjodu 2025-2027, żieda mill-EUR 8,1 biljun stmati fl-2023 għall-2024-2027, b'din iż-żieda xprunata primarjament mill-programmi tal-politika ta' koeżjoni fil-QFP attwali u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) hekk kif il-programmi tal-2014-2020 qed joqorbu lejn l-għeluq fl-2026; l-implimentazzjoni baxxa fl-2024 tpoġġi ammonti importanti f'riskju mill-2025 'il quddiem;

43. Jinnota bi tħassib li għall-Fond ta' Koeżjoni (FK), il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u l-FSE+, il-Kummissjoni tipprevedi diżimpenji totali ta' EUR 2,7 biljun, żieda notevoli mill-EUR 2,2 biljun ipproġettati fl-2023 u kważi seba' darbiet il-previżjoni ta' EUR 0,4 biljun fl-2022, minkejja s-suppożizzjoni ta' aċċelerazzjoni qawwija fl-implimentazzjoni fl-2026 u l-2027; jisħaq li n-nuqqas li tinkiseb din ir-rata ta' implimentazzjoni aċċelerata se jkompli jżid l-ammonti f'riskju ta' diżimpenn;

44. Iwissi li r-riskji differenti identifikati mill-Qorti fil-baġit tal-Unjoni, inklużi l-impenji pendenti, jistgħu jipperikolaw l-ilħuq tal-objettivi tal-Unjoni; jistieden lill-Kummissjoni, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti, taġixxi b'mod proattiv biex tiżgura li l-għodod ta' mitigazzjoni tar-riskju tagħha (bħall-Fond ta' Proviżjonament Komuni) ikollhom kapaċità suffiċjenti;

45. Jinnota li l-valur nominali pendenti tal-self tal-Unjoni laħaq EUR 601,3 fl-2024, fl-aħħar tal-2024, li jirrifletti l-użu tas-swieq kapitali biex jiffinanzja programmi tal-Unjoni, bħall-Appoġġ biex jittaffew ir-

Riskji ta’ Qgħad f’Emerġenza (SURE) u l-NGEU; jinnota li sal-2027 is-self pendenti totali jista’ jaqbeż id-EUR 900 biljun, kważi għaxar darbiet il-livell irreġistrat fl-2020 qabel it-tnedija tal-NGEU; jinnota li minn Diċembru 2022 il-Kummissjoni applikat strateġija ta’ finanzjament diversifikata bħala l-metodu standard tagħha għall-ġbir ta’ fondi fis-swieq kapitali, jissottolinja l-importanza ta’ rapportar trasparenti, responsabbiltà fiskali u ġestjoni finanzjarja tajba fil-kuntest ta’ żieda fir-riskju tas-self u taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax sabiex tiġi ssalvagwardjata s-sostenibbiltà fiskali u jiġu żgurati obbligu ta’ rendikont sħiħ kif ukoll sorveljanza demokratika mill-awtorità ta’ kwittanza;

46. Jinnota li n-nefqa fuq l-imgħax marbuta mal-finanzjament tal-appoġġ mhux ripagabbli tan-Next Generation EU ammontat għal EUR 5,4 biljun għall-perjodu mill-2021 sal-2024, inklużi EUR 3,4 biljun fl-2024 biss, kważi 50,0 % fuq il-previżjoni inizjali ta’ EUR 3,7 biljun; josserva li n-nefqa totali fuq l-imgħax fil-QFP attwali tista’ tvarja bejn EUR 29,0 u EUR 30,4 biljun, madwar id-doppju tal-istima oriġinali tal-Kummissjoni ta’ EUR 14,9-il biljun; jinnota wkoll li briefing tal-2024 bit-titolu “Management of debt liabilities in the EU budget under the post-2027 MFF” (Ġestjoni tal-obbligazzjonijiet tad-dejn fil-baġit tal-UE fil-QFP ta’ wara l-2027) mitlub mill-Kumitat għall-Baġits[5], jistma li l-pagamenti tal-imgħax għall-appoġġ mhux ripagabbli tal-NGEU fil-QFP li jmiss jistgħu jammontaw għal EUR 70,9 u EUR 73,8 biljun, li jenfasizza l-impatti baġitarji fit-tul tas-self tal-NGEU;

47. Jinnota li l-iskopertura tal-baġit tal-Unjoni kompliet tiżdied fl-2024, u dan jirrifletti l-volum dejjem jikber ta’ operazzjonijiet ta’ teħid b’self u garanziji assoċjati; jirrimarka li l-iskopertura totali tal-baġit tal-Unjoni ammontat għal EUR 342,0 biljun fi tmiem l-2024, li tammonta għal żieda ta’ 14,8 % meta mqabbla ma’ EUR 298,0 biljun fi tmiem l-2023; jissottolinja li din ix-xejra tenfasizza l-importanza ta’ sistema robusta, responsabbiltà fiskali u rapportar trasparenti biex jiġi żgurat li l-Unjoni tkun tista’ tissodisfa l-obbligi tad-dejn tagħha fiċ-ċirkostanzi kollha; jisħaq li, fil-kuntest taż-żieda fil-livelli tad-dejn, l-iżvilupp ta’ riżorsi proprji ġodda ġenwini huwa essenzjali biex jiġi pprevenut li l-kostijiet tas-servizzjar tad-dejn jeskludu l-prijoritajiet f’oqfsa finanzjarji pluriennali futuri;

48. Jinnota bi tħassib li, kif enfasizzat mill-Qorti fir-Rapport Speċjali 18/2025 “Il-flessibbiltà tal-baġit tal-UE”, il-proposta tal-Kummissjoni għall-QFP 2021-2027 ma kinitx ibbażata biżżejjed fuq identifikazzjoni u analiżi bir-reqqa tal-ħtiġijiet u r-riskji li l-baġit tal-Unjoni għandu jkun jista’ jindirizza; jinnota li, għalkemm l-arranġamenti ta’ flessibbiltà eżistenti ppermettew lill-Unjoni tirreaġixxi għal

---

5 https://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/BRIE/2024/766173/IPOL_BRI(2024)766173_EN.pdf.

prijoritajiet emerġenti, diversi għodod ta’ flessibbiltà ġew eżawriti ripetutament fis-snin bikrija tal-QFP, u b’hekk ġie limitat il-marġni ta’ manuvra għall-bqija tal-perjodu; jissottolinja li l-qafas ta’ flessibbiltà huwa kumpless iżżejjed mingħajr sekwenza definita b’mod ċar għall-attivazzjoni ta’ marġnijiet taħt il-limiti massimi u l-istrumenti speċjali ’l fuq minnhom; jinnota, barra minn hekk, li ċerti għodod ta’ flessibbiltà jikkoinċidu ma’ xulxin u ma’ programmi tematiċi mmirati lejn l-istess ħtiġijiet, u dan jirriżulta f’kumplessità bla bżonn fil-ġestjoni finanzjarja u fit-teħid tad-deċiżjonijiet;

Rakkomandazzjonijiet

49. Jappoġġja bil-qawwa r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti fir-rapport annwali tagħha dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2024 kif ukoll fir-rapporti speċjali relatati; jistieden lill-Kummissjoni timplimentahom mingħajr dewmien u żżomm lill-awtorità ta’ kwittanza infurmata dwar il-progress tal-implimentazzjoni;

50. Jistieden lill-Kummissjoni, b’mod partikolari:

(i) issaħħaħ l-affidabbiltà u t-trasparenza tar-rapportar finanzjarju; b’mod partikolari billi ttejjeb aktar iċ-ċarezza tal-preżentazzjoni ta’ assi netti negattivi u spejjeż dovuti, u billi tiżgura li l-implikazzjonijiet baġitarji fit-tul tas-self tan-NGEU jiġu kkomunikati b’mod ċar u sistematiku lill-awtorità baġitarja;

(ii) tieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex tindirizza d-dgħufijiet persistenti fil-legalità u r-regolarità tan-nefqa, inkluż billi ttejjeb u tikkjarifika l-gwida għall-awtoritajiet ta’ ġestjoni, u tkompli bl-isforzi biex tindirizza n-nuqqasijiet identifikati fl-infiq ibbażat fuq ir-rimborż u tiżgura l-applikazzjoni konsistenti tar-Regolament dwar il-Kundizzjonalità tal-Istat tad-Dritt fejn jippersistu r-riskji;

(iii) taġġusta l-metodoloġija tagħha tar-riskju fil-waqt tal-pagament sabiex tiżgura allinjament sħiħ bejn l-istimi tar-riskju tagħha u l-ambjent ta’ kontroll li tibbaża fuqu;

(iv) issaħħaħ il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-fondi ta’ ġestjoni kondiviża 2021-2027, inkluż segwitu aktar attiv dwar ir-rati baxxi ta’ assorbiment, appoġġ amministrattiv imsaħħaħ u assistenza teknika mmirata lill-Istati Membri, u l-identifikazzjoni sistematika ta’ ostakli strutturali li jnaqqsu r-ritmu tal-implimentazzjoni;

(v) tagħmel użu sħiħ mill-istrumenti kollha disponibbli biex jipprevjenu d-diżimpenji u jiżguraw li l-fondi allokati jiġu assorbiti b’mod sħiħ u effettiv;

(vi) tikkomunika b'mod ċar dwar l-impatt tan-nefqa mistennija fuq l-imgħax fuq l-operazzjonijiet ta' teħid b'self tal-Unjoni, inklużi l-implikazzjonijiet baġitarji tagħha għall-QFP futuri, u s-sostenibbiltà tal-istrateġija ta' finanzjament diversifikata attwali;

(vii) tirrieżamina u tissimplifika l-arkitettura ta' flessibbiltà tal-baġit tal-Unjoni għall-QFP li jmiss, inkluż bl-istabbiliment ta' sekwenza ċara għall-mobilizzazzjoni tal-marġnijiet u l-istrumenti speċjali, l-iżgurar tal-komplementarità bejn l-għodod ta' flessibbiltà, u t-tisħiħ tat-trasparenza u tal-previdibbiltà tal-użu tagħhom filwaqt li tiġi żgurata s-sorveljanza demokratika mill awtorità baġitarja;

(viii) tirrakkomanda li, fil-proposti futuri tal-QFP, il-Kummissjoni tinkludi analiżi komprensiva tal-ħtiġijiet, ir-riskji u l-kapaċità ta' rispons għall-kriżijiet, filwaqt li tiżgura li l-istrumenti ta' flessibbiltà jkunu ġġustifikati biżżejjed, iffinanzjati b'mod adegwat u kapaċi jindirizzaw avvenimenti mhux previsti mingħajr ma jiġu eżawriti qabel iż-żmien;

(ix) tiżgura li l-arkitettura tal-Unjoni kontra l-frodi, b'mod partikolari l-OLAF u l-UPPE, tingħata riżorsi suffiċjenti u xierqa, u li tiġi ffaċilitata kooperazzjoni robusta bejniethom u mal-Kummissjoni; inkluż permezz tat-trażmissjoni f'waqtha ta' każijiet ta' suspett ta' frodi u t-tisħiħ ta' strateġiji għall-prevenzjoni tal-frodi, b'mod partikolari f'oqsma ta' nefqa b'riskju għoli u strumenti finanzjarji fuq skala kbira;

(x) tippubblika sommarji ċari u faċli għall-utent dwar il-prestazzjoni u l-infiq, inklużi ħarsiet ġenerali ta' paġna waħda u dashboards interattivi b'settijiet tad-data li jinqraw mill-magni;

Dħul

51. Jilqa' l-fatt li l-evidenza kumplessiva għall-awditjar għas-sena finanzjarja 2024 tindika wkoll li l-livell ta' żball fid-dħul ma kienx materjali; fl-istess ħin ikompli jirrimarka li l-problemi bid-dazji doganali li jiġu ddikjarati b'mod skorrett jew ma jiġu ddikjarati xejn (id-"diskrepanza doganali") iwasslu għal nuqqas fid-dazji tal-importazzjoni miġbura, li kienet problema persistenti għal ħafna snin għall-Unjoni u għall-Istati Membri tagħha;

52. Jissottolinja l-importanza tar-responsabbiltajiet tal-Istati Membri għall-ġbir tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) u r-riżorsi proprji tradizzjonali (RPT) fl-iżgurar ta' kompetizzjoni ġusta u tassazzjoni ġusta fis-Suq Uniku u fil-garanzija li l-piż tal-finanzjament tan-nefqa tal-Unjoni jinqasam b'mod ġust fost l-Istati Membri; Jinnota b'sodisfazzjon li s-sistemi ta' dħul eżaminati mill-Qorti kienu ġeneralment effettivi; iħeġġeġ, fl-istess ħin, lill-Kummissjoni

tintensifika l-isforżi biex jittejjeb il-ġbir tar-riżorsi proprji eżistenti, inkluż billi tindirizza d-dgħufijiet li jifdal identifikati mill-Qorti, speċjalment dawk relatati ma' kwistjonijiet li ilhom pendenti rigward ir-riżervi tal-VAT u punti miftuħa li jikkonċernaw ir-riżorsi proprji tradizzjonali (RPT);

53. Jissottolinja li r-riforma tas-sistema doganali tal-Unjoni tibqa' importanti kemm għall-modernizzazzjoni tar-riżorsi proprji kif ukoll għall-ġlieda effettiva kontra l-kriminalità organizzata fil-livell Ewropew u nazzjonali; jinnota l-osservazzjoni tal-Qorti dwar il-ħtieġa ta' aktar ippjanar ta' implimentazzjoni u operazzjonalizzazzjoni; jissottolinja l-importanza li jinkisbu l-elementi ta' riforma miftiehma b'mod f'waqtu u kkoordinat;

54. Jisħaq li l-adozzjoni u l-implimentazzjoni rapidi tal-elementi kollha tal-proposta għal riforma doganali għandhom jibqgħu prijorità ewlenija; jenfasizza li l-istabbiliment tal-Awtorità Doganali tal-UE u l-Pjattaforma tad-Data tal-UE għandu jikkontribwixxi għall-valutazzjoni tar-riskju f'ħin reali, l-identifikazzjoni tal-frodi, u l-applikazzjoni uniformi tar-regoli doganali, filwaqt li jissostitwixxi s-sistemi nazzjonali frammentati sabiex tinkiseb Unjoni Doganali diġitalizzata aktar b'saħħitha; jissottolinja l-importanza li jiġi żgurat li r-riforma tgħin biex jinkiseb tnaqqis sinifikanti tad-distakk doganali u ssaħħaħ l-effettività tal-kontrolli doganali tal-Unjoni; jindika l-importanza li jkun hemm valutazzjoni tar-riskju f'ħin reali u kontrolli doganali diġitalizzati;

55. Ifaħħar l-isforzi tal-UPPE u l-OLAF biex jiġġieldu kontra l-isfruttament organizzat tad-dgħufijiet f'kontrolli doganali tal-Unjoni; iħeġġeġ it-tisħiħ ulterjuri tal-kapaċità operattiva u l-għarfien espert tal-UPPE fl-indirizzar tax-xejriet tal-kriminalità organizzata li jaffettwaw id-dħul u n-nefqa tal-Unjoni, inkluż permezz ta' kompiti konġunti speċjalizzati, kondiviżjoni msaħħa tal-intelligence u kapaċitajiet ta' analiżi tar-riskju;

56. Jissottolinja l-importanza ta' miżuri preventivi u ta' prekawzjoni fil-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT; iħeġġeġ l-esplorazzjoni ta' approċċi innovattivi, bħall-kampjunar ibbażat fuq ir-riskju u l-estrapolazzjoni statistika tar-riżultati tal-kontroll għal popolazzjonijiet usa' ta' tranżazzjonijiet, b'rispett sħiħ tas-salvagwardji legali u l-proporzjonalità;

57. Jilqa' l-proposti għal riżorsi proprji ġodda ppreżentati mill-Kummissjoni, inkluż bħala parti mill-pakkett ta' proposti għall-QFP li jmiss, li għandhom tal-anqas ikunu jistgħu jkopru l-ispejjeż relatati mal-imgħax u l-ħlas lura ta' self fl-ambitu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza sabiex jiġi żgurat li tali spejjeż ma jillimitawx il-fondi tal-Unjoni disponibbli għal programmi ta' nfiq regolari tal-Unjoni; jirrikonoxxi li sorsi oħra ta' dħul jistgħu jitqiesu wkoll jekk il-proposti eżistenti ma jimmaterjalizzawx mingħajr ma jikkompromettu r-

responsabbiltà fiskali; iqis li l-potenzjal tad-dħul ta’ taxxa fuq is-servizzi diġitali u ta’ taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji għandu jiġi esplorat bħala soluzzjonijiet possibbli;

Rakkomandazzjonijiet:

58. Jistieden lill-Kummissjoni, b’mod partikolari:

(i) tieħu l-passi meħtieġa biex tiżgura l-implimentazzjoni f’waqtha u effettiva tar-riforma doganali, inkluż l-istabbiliment u l-operat inizjali tal-Awtorità Doganali tal-UE u l-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-manutenzjoni tal-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE;

(ii) tintensifika l-kooperazzjoni dwar id-dwana ma’ pajjiżi oħra barra mill-Unjoni sabiex jiġi ffaċilitat il-kummerċ u tiżdied il-ġlieda kontra l-frodi doganali u tat-taxxa transfruntiera;

(iii) tintensifika l-isforzi biex jittejjeb il-ġbir tas-sorsijiet ta’ dħul eżistenti billi jiġu indirizzatid-dgħufijiet li jifdal identifikati mill-Qorti, speċjalment dawk relatati ma’ kwistjonijiet li ilhom pendenti rigward ir-riżervi tal-VAT u punti miftuħa li jikkonċernaw ir-riżorsi proprji tradizzjonali (RPT);

(iv) tkompli taħdem biex jiġu introdotti riżorsi proprji ġodda addizzjonali;

(v) tkompli tindirizza l-isfidi ewlenin tad-distakk doganali li t-tkabbir rapidu tal-kummerċ elettroniku joħloq għall-awtoritajiet doganali; tipprovdi riżorsi umani, tekniċi u finanzjarji adegwati;

Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali

59. Jinnota li l-baġit għall-programmi fl-ambitu tal-intestatura 1 tal-QFP “Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali” kien ta’ EUR 25,9 biljun (13,5 % tal-baġit tal-Unjoni) imqassam kif ġej: EUR 14,9-il biljun (57,6 %) għar-Riċerka, EUR 4,1 biljun (15,9 %) għat-Trasport, l-Enerġija u Diġitali, EUR 3,1 biljun (11,9 %) għall-Programm InvestEU, EUR 2,3 biljun (8,8 %) għall-Ispazju, u EUR 1,5 biljun (5,8 %) għal oqsma oħra;

60. Jinnota li l-Qorti eżaminat 127 tranżazzjoni li jkopru l-firxa sħiħa ta’ nfiq fl-ambitu ta’ din l-intestatura tal-QFP; jinnota bi tħassib li 32 (25 %) mill-127 tranżazzjoni li l-Qorti eżaminat kien fihom żbalji; jesprimi dispjaċir għall-fatt li, abbażi tat-28 żball kwantifikabbli li sabet il-Qorti, u l-iżbalji addizzjonali identifikati fit-tranżazzjonijiet tal-intestatura 1 tal-QFP implimentati mill-aġenziji tal-Unjoni, mill-impriżi konġunti u mill-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija, il-Qorti tistma li l-livell ta’ żball fl-infiq fl-intestatura “Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali” fl-2024 kien materjali fil-livell ta’

3,2 %; jinnota wkoll li l-Kummissjoni tistma r-riskju fil-waqt tal-pagament bħala 1,6 % għal din l-intestatura, li huwa fin-nofs l-aktar baxx tal-firxa tal-istima tal-Qorti;

61. Jinnota l-kategorizzazzjoni tal-iżbalji mill-Qorti, b'kostijiet diretti tal-persunal ineliġibbli li jammontaw għal 76 % tal-iżbalji, kostijiet diretti oħra ineliġibbli (VAT, vjaġġar, tagħmir) li jammontaw għal 18 %, sottokuntrattar ineliġibbli li jammonta għal 4 % u kostijiet indiretti ineliġibbli għal 2 %;

62. Jinnota bi tħassib l-osservazzjoni tal-Qorti li r-riċerka għadha qasam ta' nfiq b'riskju ogħli, b'mod partikolari fil-qasam tal-kostijiet tal-persunal; jinnota li l-Qorti sabet żbalji kwantifikabbli relatati ma' 26 mid-99 tranżazzjoni ta' riċerka u innovazzjoni li ħadet kampjun tagħhom; jirrikonoxxi li l-mod kif il-fondi jiġu żborżati għandu impatt fuq ir-riskju ta' żball u r-regoli kumplessi assoċjati mal-finanzjament ibbażat fuq ir-rimborż li ġeneralment jintuża fil-qasam tar-riċerka; jissottolinja, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa li jiġu ssimplifikati r-regoli li jirregolaw il-programmi ta' riċerka u innovazzjoni tal-Unjoni bl-għan li jitnaqqas ir-riskju ta' żbalji filwaqt li jiġi ffaċilitat l-aċċess tal-benefiċjarji, b'mod partikolari l-SMEs, għall-finanzjament tal-Unjoni;

63. Josserva li l-Qorti identifikat ukoll diversi kwistjonijiet fil-proġetti tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa – inkluż ir-rapportar tal-kostijiet indiretti, diskrepanzi bejn il-pagamenti ddikjarati u dawk reali u proċeduri ta' akkwist mhux konformi – u jappella għal konformità stretta mar-regoli dwar l-eliġibbiltà tal-kostijiet u ġestjoni finanzjarja tajba fost is-sħab kollha; barra minn hekk, jenfasizza l-ħtieġa li dawn il-kwistjonijiet jiġu kkunsidrati fil-kuntest tar-Regolament dwar l-FNE li jmiss (2028–2034), sabiex tittejjeb it-trasparenza biex jiġu implimentati l-proġetti tal-FNE u jissaħħaħ il-valur miżjud tagħhom tal-UE;

64. Jilqa' l-fatt li għar-Rapport Annwali tagħha tal-2024, il-Qorti vvalutat ukoll l-informazzjoni dwar il-prestazzjoni rigward l-intestatura 1 tal-QFP li ġiet ippreżentata fid-dikjarazzjonijiet tal-prestazzjoni tal-programmi tar-rapport annwali dwar il-ġestjoni u l-prestazzjoni tal-2023 imħejji mill-Kummissjoni; japprezza l-konklużjoni ġenerali tal-Qorti li t-tfassil tal-indikaturi tal-prestazzjoni tjieb meta mqabbel mal-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, inkluż il-bilanċ ta' tipi differenti ta' indikaturi (input, output, riżultat u impatt) fil-każ ta' Orizzont Ewropa, il-Programm Spazjali tal-UE u InvestEU; jinnota bi tħassib li l-leġiżlazzjoni dwar il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) 2021-2027 ma tinkludix indikaturi tar-riżultati jew tal-impatt;

65. Jinsab imħasseb li l-Qorti identifikat lakuni fit-traċċabbiltà tar-riżultati rrapportati, b'mod partikolari għal Orizzont 2020; jissottolinja l-importanza li jiġu vverifikati u żgurati t-traċċabbiltà u l-affidabbiltà tad-data użata biex jiġu stabbiliti l-indikaturi tal-prestazzjoni; jinnota li, minħabba l-introduzzjoni u l-użu dejjem akbar

ta’ għażliet ta’ kostijiet issimplifikati u mudelli ta’ finanzjament mhux marbuta mal-kostijiet, id-dgħufijiet fit-traċċabbiltà u l-affidabbiltà tad-data dwar il-prestazzjoni jridu jiġu indirizzati biex jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-Unjoni;

66. Jinnota bi tħassib is-sejba tal-Qorti li l-Kummissjoni ma setgħetx tipprovdi informazzjoni fil-livell tal-proġetti għal InvestEU, peress li dan huwa implimentat permezz ta’ ġestjoni indiretta, ikkomplementata minn żjarat ta’ monitoraġġ; jesprimi dispjaċir għat-tweġiba tal-Kummissjoni li s-sħab ta’ implimentazzjoni ta’ InvestEU la huma meħtieġa mill-ftehimiet ta’ garanzija u lanqas mir-Regolament InvestEU li jirrapportaw indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni (KPIs) fil-livell tal-proġetti; iqis li d-data fil-livell tal-proġetti għandha tkun il-bażi għal rapportar aħjar dwar il-prestazzjoni għall-istrumenti finanzjarji implimentati taħt ġestjoni indiretta, bħal InvestEU; jisħaq li l-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI), bħala s-sieħeb ewlieni ta’ implimentazzjoni ta’ InvestEU, irid jinżamm bl-ogħla standards ta’ trasparenza u obbligu ta’ rendikont;

67. Jinsab imħasseb li l-Qorti sabet li, b’mod ġenerali, il-progress fl-ilħuq tal-miri għall-KPIs kien aktar baxx milli vvalutat mill-Kummissjoni; jinnota li l-programmi tal-QFP 2021-2027 jinsabu fil-bidċa l-kbira fit-triq it-tajba biex jilħqu l-miri, filwaqt li l-programmi tal-2014-2020 kienu laħqu l-objettivi tagħhom parzjalment biss; jinnota bi tħassib il-konklużjoni tal-Qorti li anqas minn nofs l-indikaturi tal-prestazzjoni ta’ Orizzont 2020 u tal-FNE 2014-2020 juru li r-riżultati nkisbu jew jinsabu fit-triq it-tajba; jinnota li għal InvestEU, 50 % tal-indikaturi ppreżentati fid-dikjarazzjonijiet tal-prestazzjoni tal-programmi ma kellhomx mira; jirrikonoxxi t-tweġiba tal-Kummissjoni li, minħabba n-natura xprunata mis-suq u mid-domanda tal-istrumenti finanzjarji bħal InvestEU, il-prestazzjoni ta’ tali programmi tiddependi mill-adozzjoni tagħhom mis-suq, u dan jillimita l-kapaċità tal-Kummissjoni li tistabbilixxi stadji importanti u miri predefiniti;

68. Ifakkar fl-importanza tal-programmi ta’ finanzjament tal-Unjoni għar-riċerka u l-innovazzjoni (R&I) għall-iżvilupp xjentifiku, soċjetali, ekonomiku u teknoloġiku tal-Unjoni, filwaqt li jindirizzaw b’mod adegwat il-prijoritajiet u l-isfidi emerġenti, u jnaqqsu l-inugwaljanzi, filwaqt li jiksbu kisba t-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali u jnaqqsu d-dipendenza enerġetika tal-Unjoni mir-Russja; jissottolinja li sabiex jissaħħu l-kompetittività, it-tmexxija teknoloġika u l-awtonomija strateġika tal-Unjoni u biex jingħalaq id-distakk fl-innovazzjoni mal-kompetituri globali, huwa meħtieġ aktar finanzjament għar-R&I u sforz ta’ investiment aktar b’saħħtu u aktar immirat fir-riċerka u l-innovazzjoni, flimkien ma’ tnaqqis fil-piż amministrattiv għall-applikanti u mobilizzazzjoni aħjar tal-kapital privat huma essenzjali, anke bil-ħsieb li jiġu indirizzati r-rakkomandazzjonijiet pertinenti tar-rapport Draghi; ifakkar li r-rapport Draghi jissottolinja li l-eċċellenza fir-riċerka u l-innovazzjoni hija fundamentali għall-kompetittività tal-Unjoni u li fis-sistema tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-Unjoni, inkluż il-

programm Orizzont Ewropa, għandu jkun hemm kriterju tal-għażla wieħed, jiġifieri l-eċċellenza; itenni, f'dan ir-rigward, il-pożizzjoni tiegħu li l-finanzjament għar-riċerka u l-innovazzjoni għandu jibqa' ddeterminat mill-prinċipju tal-eċċellenza u għandu jibqa' bbażat fuq il-mertu;

69. Jinnota li l-evalwazzjoni ex post ta' Orizzont 2020 stmat li għal kull euro ta' kostijiet marbuta mal-programm, se jiġu ġġenerati ħames euro ta' benefiċċji għas-soċjetà sal-2040; jesprimi dispjaċir kbir għall-fatt li 74 % tal-proposti vvalutati bħala ta' kwalità għolja minn esperti indipendenti ma setgħux jiġu ffinanzjati minħabba restrizzjonijiet baġitarji; jinnota li kienu jkunu meħtieġa EUR 159 biljun addizzjonali biex jiġu ffinanzjati l-proposti kollha ta' kwalità għolja; jisħaq fuq l-importanza li jiġi żgurat finanzjament suffiċjenti għar-R&I tal-Unjoni biex tingħata spinta lill-prosperità u l-kompetittività sostenibbli tal-Unjoni; jenfasizza l-importanza li jsir użu sħiħ mis-Siġill ta' Eċċellenza u strumenti ta' finanzjament komplementari oħra tal-Unjoni u nazzjonali, inklużi dawk fl-ambitu tal-politika ta' koeżjoni, biex jiġu appoġġjati proġetti ta' riċerka u innovazzjoni ta' kwalità għolja iżda mhux iffinanzjati u biex jissaħħu l-ekosistemi tal-innovazzjoni reġjonali madwar l-Unjoni;

70. Jissottolinja l-importanza li jiġu ssimplifikati r-regoli u l-proċeduri li jirregolaw il-finanzjament tar-R&I tal-Unjoni biex jiġi ffaċilitat l-aċċess tal-benefiċjarji għall-finanzjament u l-implimentazzjoni tal-programm; jisħaq li l-miżuri ta' simplifikazzjoni għandhom jitfasslu b'mod li jkunu ta' benefiċċju għall-applikanti u l-benefiċjarji, inklużi l-applikanti għall-ewwel darba, l-SMEs u l-universitajiet, filwaqt li jiġu promossi konsorzji iżgħar u aktar flessibbli, strutturi ta' proġetti modulari u parteċipazzjoni fi stadji sabiex jiġu ffaċilitati parteċipazzjoni usa' u inklużjoni effettiva madwar l-Unjoni; jinsab imħasseb dwar is-sejba tal-Qorti li minkejja s-simplifikazzjonijiet introdotti fl-ambitu ta' Orizzont Ewropa biex jiġi ffaċilitat ir-rapportar tal-kostijiet tal-benefiċjarji, il-Qorti ma sabet l-ebda differenza sinifikanti bejn Orizzont 2020 u Orizzont Ewropa fir-rigward tar-regolarità tan-nefqa;

71. Jinnota s-sejba tal-Qorti li l-Kummissjoni implimentat il-biċċa l-kbira tar-rakkomandazzjonijiet tagħha li għamlet fis-snin preċedenti; jinsab, madankollu, imħasseb li l-għodda Personnel Costs Wizard, li l-Qorti tinkoraġġixxi bil-qawwa l-użu tagħha, speċjalment minn ċerti kategoriji ta' benefiċjarji li huma aktar suxxettibbli li jwettqu żbalji, bħal SMEs u parteċipanti ġodda, kienet għadha mhijiex lesta fiż-żmien tal-awditu tal-Qorti; jinnota s-sejba tal-Qorti li għal ħamsa mill-34 tranżazzjoni ta' Orizzont Ewropa fil-kampjun tagħha tal-2024, il-benefiċjarji jew xorta kkalkulaw il-kostijiet tal-persunal bl-użu tal-metodu applikabbli għal Orizzont 2020 jew inkella ma segwewx bis-sħiħ ir-regoli l-ġodda applikabbli għal Orizzont Ewropa; iqis li l-iżvilupp u l-użu ta' għodod bħall-Personnel Costs Wizard jistgħu jgħinu lill-benefiċjarji japplikaw ir-regoli korretti għall-kalkolu tal-

kostijiet tal-persunal, is-sors ewlieni ta’ żball fl-intestatura 1 tal-QFP;

72. Jinnota li fl-2024 il-Kummissjoni kompliet l-introduzzjoni ta’ għażliet ta’ kostijiet issimplifikati bħal somom f’daqqa u kostijiet unitarji f’Orizzont Ewropa, b’finanzjament fl-għamla ta’ somma f’daqqa li jammonta għal 27 % tal-baġit totali tas-sejħa fil-programmi ta’ ħidma għall-2024; ifakkar fil-kjarifika tal-Qorti li meta jingħataw għotjiet ta’ somma f’daqqa, il-benefiċjarji jitħallsu somma f’daqqa definita minn qabel għal kull pakkett ta’ ħidma kompletat, irrispettivament mill-kostijiet reali mġarrba; jinnota wkoll li l-mira tal-Kummissjoni hija li sal-2027 tipprovdi mill-anqas 50 % tal-baġit tas-sejħa fi programmi ta’ ħidma ppubblikati fil-forma ta’ somom f’daqqa; jinsab imħasseb li għar-raġunijiet spjegati fil-kaxxa 5.4 tar-Rapport Annwali tagħha, il-Qorti ma setgħetx tivvaluta jekk l-inklużjoni ta’ oġġett speċifiku ta’ tagħmir fil-proposta tal-baġit kinitx meħtieġa u ġustifikata fil-każ ta’ għotja ta’ somma f’daqqa li awditjat; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-istrumenti ta’ finanzjament futuri jinkludu salvagwardji biex jiġi evitat kumpens żejjed għal tagħmir li fil-fatt ma nxtarax għalkemm kien inkluż fil-baġit ta’ somma f’daqqa, f’konformità mal-osservazzjonijiet tal-Qorti;

73. Jirrikonoxxi li l-evalwazzjoni interim ta’ Orizzont Ewropa sabet li s-somom f’daqqa pprovdew simplifikazzjoni reali għall-benefiċjarji, peress li l-iffrankar stmat ivarja bejn 14 % u 30 % tal-kostijiet amministrattivi tagħhom; jinnota s-sejbiet tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-Finanzjament fl-Għamla ta’ Somma f’Daqqa f’Orizzont 2020 u Orizzont Ewropa 2018-2024, inkluż li l-benefiċjarji rrapportaw ukoll lill-Kummissjoni li jilqgħu aktar ċarezza dwar kif l-għotjiet ta’ somma f’daqqa jiġu awditjati; japprezza li fl-2024, il-Kummissjoni stabbiliet strateġija ta’ kontroll ex post għall-għotjiet ta’ Orizzont Ewropa, inkluża metodoloġija għal rieżamijiet tekniċi ex post f’għotjiet ta’ somma f’daqqa; jinnota li l-Kummissjoni nediet l-ewwel 30 rieżami tekniku ex post ta’ Orizzont Ewropa fir-raba’ trimestru tal-2024; jirrikonoxxi, fl-istess ħin, l-osservazzjoni tal-Qorti li għalkemm is-somom f’daqqa huma xierqa għal pakketti ta’ ħidma definiti b’mod ċar, id-diffikultajiet fl-implimentazzjoni ta’ skemi bħal dawn jinqalgħu f’sitwazzjonijiet fejn il-pakketti ta’ ħidma jiddewmu, jitlestew parzjalment jew xi wħud mill-attivitajiet stipulati fil-pakkett ta’ ħidma jiġu sostitwiti;

74. Jinnota s-sejba tal-Qorti li kien hemm żieda sinifikanti fl-appoġġ finanzjarju tal-UE lil partijiet terzi fir-riċerka, peress li fl-ambitu tal-għotjiet ta’ Orizzont 2020 ġew ipprovduti EUR 2,5 biljun ta’ tali finanzjament għall-perjodu ta’ programmazzjoni kollu, filwaqt li sa tmiem l-2024, ġew ipprovduti EUR 5,5 biljun fl-ambitu ta’ Orizzont Ewropa; jinsab imħasseb dwar is-sejba tal-Qorti li għal disgħa minn 11-il tranżazzjoni inklużi fil-kampjun relatati ma’ għotjiet lil partijiet terzi, il-limitu ta’ finanzjament ta’ EUR 60 000 stabbilit mill-Artikolu 207 tar-Regolament Finanzjarju kien inqabeż mingħajr ġustifikazzjoni xierqa għal deroga fil-programm ta’ ħidma jew fis-

sejħa; jinnota li skont il-fehma tal-Kummissjoni, il-ħtieġa ta' ammonti ogħla ta' għotjiet hija inerenti għal ċerti tipi ta' azzjonijiet; jinsab allarmat bis-sejba tal-Qorti li partijiet terzi mhumiex meħtieġa juru l-effettività tal-kontrolli tagħhom biex jiżguraw ir-regolarità tal-infiq tal-Unjoni; jaqbel mal-Qorti li dan joħloq riskju għall-ġestjoni finanzjarja tajba u għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni;

75. Jinnota li l-programmi ta' riċerka u innovazzjoni tal-Unjoni, inkluż Orizzont Ewropa, jappoġġjaw l-iżvilupp ta' teknoloġiji avvanzati għall-applikazzjonijiet ċivili, iżda jirrikonoxxi li ċerti teknoloġiji jistgħu jġibu magħhom riskji inerenti ta' użu doppju; iqis li t-tisħiħ tad-difiża tal-Unjoni jirrikjedi appoġġ imsaħħaħ għar-riċerka u l-innovazzjoni fl-ambitu ta' Orizzont Ewropa; jenfasizza l-potenzjal sinifikanti tat-teknoloġiji emerġenti, b'mod partikolari f'oqsma bħall-intelliġenza artifiċjali, iċ-ċibersigurtà u l-computing kwantistiku, biex jikkontribwixxu għas-sigurtà u r-reżiljenza tal-Unjoni; iqis li l-programmi ċivili ta' riċerka u innovazzjoni għandhom għalhekk jiġu appoġġjati b'mod xieraq u allinjati strateġikament, inkluż, fejn rilevanti, billi jippermettu li r-riżultati tagħhom jintużaw għal skopijiet b'użu doppju sabiex jiġu ssalvagwardjati l-kapaċitajiet ta' difiża tal-UE; jinnota bi tħassib madankollu, it-tweġiba tal-Kummissjoni li bħalissa mhijiex qed timmonitorja speċifikament wara t-tmiem ta' proġett jekk ir-riżultati tal-proġetti tar-R&I ffinanzjati mill-Unjoni jitmexxew 'il quddiem għal applikazzjonijiet b'użu doppju, militari jew tad-difiża; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura monitoraġġ xieraq tas-segwitu tal-proġetti tar-R&I ffinanzjati mill-Unjoni b'applikazzjonijiet potenzjali b'użu doppju, militari jew ta' difiża f'konformità mar-rekwiżiti tal-Unjoni; jissottolinja l-importanza li jiġi żgurat li l-finanzjament tal-Unjoni jkun konsistenti bis-sħiħ mal-valuri u l-obbligi tal-Unjoni skont id-dritt internazzjonali; jisħaq fl-istess ħin fuq il-ħtieġa li l-Kummissjoni ssaħħaħ is-segwitu tar-riżultati tar-riċerka ffinanzjati mill-Unjoni, inkluża t-tranżizzjoni tagħhom għall-użu kummerċjali, sabiex jiġi mmassimizzat l-impatt soċjetali u jiġi żgurat redditu adegwat fuq l-investiment għall-kontribwenti;

76. Ifakkar li l-Grupp tal-BEI ġie allokat 75 % (EUR 19,6-il biljun) tal-garanzija baġitarja tal-UE fl-ambitu tar-Regolament InvestEU; ifakkar ukoll fir-rakkomandazzjonijiet tal-awtorità ta' kwittanza fir-rapporti preċedenti tagħha dwar il-kontroll tal-attivitajiet finanzjarji tal-BEI; jinnota l-lakuni fl-obbligu ta' rendikont u fl-awditjar fir-rigward tal-operazzjonijiet tal-BEI, kif identifikati fid-dikjarazzjoni tal-Kumitat ta' Kuntatt CC 1/2025; jisħaq fuq il-ħtieġa li l-qafas tal-awditjar jiġi allinjat u adattat għall-mandat estiż tal-BEI; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tappoġġja b'mod attiv l-għoti ta' aċċess sħiħ għall-awditjar mill-Qorti għall-attivitajiet tal-BEI; jissottolinja l-ħtieġa ta' informazzjoni komprensiva dwar il-kwalità tal-portafoll tal-BEI u l-prattiki tal-ġestjoni tar-riskju biex tkun tista' ssir sorveljanza demokratika sinifikanti tal-operazzjonijiet tiegħu; jistieden lill-Kummissjoni timpenja ruħha mal-BEI sabiex tipprovdi rappurtar

dwar il-kwalità tal-portafoll tagħha lill-awtorità ta’ kwittanza, tiżgura li l-profili tal-valutazzjoni tar-riskju għal investimenti fuq skala kbira jkunu soġġetti għal rieżami indipendenti u li l-BEI jiżvela t-tagħlimiet meħuda minn każijiet fejn self sinifikanti rriżulta f’inadempjenza; jisħaq li l-fiduċja tal-pubbliku fil-ġestjoni tajba tas-self appoġġjat mill-Unjoni tiddependi fuq l-ogħla standards ta’ integrità istituzzjonali; iħeġġeġ, għalhekk, lill-Kummissjoni tirrikjedi li l-BEI jsaħħaħ il-mekkaniżmi ta’ prevenzjoni tal-kunflitti ta’ interess;

77. Jissottolinja l-importanza strateġika tar-riċerka fil-qasam tad-difiża għat-tisħiħ tas-sigurtà u r-reżiljenza fit-tul tal-Unjoni; jenfasizza li r-riċerka dwar id-difiża u s-sigurtà tirrikjedi kooperazzjoni mill-qrib u affidabbli fost l-Istati Membri biex jiġi żgurat użu aktar kosteffettiv u effiċjenti tal-flus tal-kontribwenti tal-Unjoni, tiġi evitata duplikazzjoni bla bżonn u jitrawmu sinerġiji; jissottolinja li l-attivitajiet ta’ riċerka f’dan il-qasam neċessarjament jinvolvu data, teknoloġiji u informazzjoni sensittivi ħafna li jridu jkunu soġġetti għall-ogħla standards ta’ protezzjoni kontra l-interferenza esterna jew il-manipulazzjoni malizzjuża; jisħaq, f’dan il-kuntest, fuq il-ħtieġa urġenti li tiġi żviluppata arkitettura protettiva komuni u robusta fil-livell tal-Unjoni biex jiġi miġġieled it-theddid ibridu u jiġu ssalvagwardjati l-għarfien kritiku, l-infrastruttura u l-ekosistemi tal-innovazzjoni;

78. Ifakkar li fl-10 ta’ Marzu 2022 il-Parlament Ewropew iddeċieda li jistabbilixxi l-Kumitat PEGA biex jinvestiga l-allegat ksur jew amministrazzjoni ħażina fl-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni fir-rigward tal-użu tal-Pegasus u software ta’ spjunaġġ għas-sorveljanza ekwivalenti u r-rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta’ Ġunju 2023 lill-Kunsill u lill-Kummissjoni adottata wara l-ħidma tal-Kumitat PEGA[6]; jesprimi n-nuqqas ta’ sodisfazzjon tiegħu li l-Kummissjoni għadha ma ppreżentatx miżuri ta’ infurzar u segwitu leġiżlattiv għar-rakkomandazzjonijiet tal-Parlament rigward l-użu tal-Pegasus u ta’ software ta’ spjunaġġ ekwivalenti; jieħu nota tar-rapporti tal-media[7] li jallegaw li l-finanzjament tal-Unjoni seta’ appoġġja direttament lill-kumpaniji implikati fl-iżvilupp, l-użu u l-esportazzjoni ta’ software ta’ spjunaġġ minn entitajiet li t-teknoloġiji tagħhom kienu marbuta ma’ sorveljanza illegali ta’ ġurnalisti, difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u atturi politiċi fl-Unjoni u f’pajjiżi terzi; jinnota t-tweġiba tal-Kummissjoni li l-użu xieraq tal-fondi tal-Unjoni huwa żgurat minn diversi dispożizzjonijiet kuntrattwali, li jesiġu rispett tad-dritt applikabbli u l-valuri bażiċi tal-Unjoni u li n-nuqqas ta’ rispett ta’ dawn l-obbligi jista’ jirriżulta f’diversi miżuri kuntrattwali, inklużi s-sospensjoni tal-kuntratt jew tal-pagamenti u t-

---

6 Testi adottati: P9_TA(2023)0244. https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2023-0244_MT.html.

7 https://www.ftm.eu/articles/spyware-industry-eu-subsidies-surveillance-concers.

terminazzjoni tal-kuntratt; jinnota wkoll it-tweġiba bil-miktub tal-Kummissjoni li hija tqis li stabbiliet diversi miżuri biex tindirizza r-riskju li s-software ta' spjunaġġ jispiċċa f'idejn ħżiena u żżid il-protezzjoni għall-vittmi potenzjali ta' software ta' spjunaġġ, inklużi l-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media, id-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika, l-Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika u r-regolament dwar l-Użu Doppju u li r-rapporti annwali tagħha dwar l-Istat tad-Dritt ikopru wkoll l-iżviluppi rigward l-allegazzjonijiet ta' użu illegali ta' software ta' spjunaġġ;

79. Jinnota t-tweġiba tal-Kummissjoni lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit li l-kumpaniji inkwistjoni rċevew total ta' EUR 12,77-il miljun mill-baġit tal-Unjoni mill-2021; jesprimi dispjaċir li l-Kummissjoni qasmet biss mal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit informazzjoni parzjali dwar l-ammont totali ta' finanzjament tal-Unjoni allokat għal ditti ta' software ta' spjunaġġ jew software ta' sorveljanza intrużiv, peress li t-tweġiba li pprovdiet hija limitata għal informazzjoni diġà disponibbli pubblikament fis-Sistema ta' Trasparenza Finanzjarja (STF), li bħalissa tippubblika biss informazzjoni dwar il-benefiċjarji u l-kuntratturi taħt ġestjoni diretta u dwar is-sħab ta' implimentazzjoni taħt ġestjoni indiretta; jiddeplora l-fatt li l-awtorità ta' kwittanza rċeviet tweġiba mhux kompluta għat-talba tagħha;

80. Jenfasizza l-importanza tal-investimenti tal-Unjoni fl-iżvilupp ta' networks trans-Ewropej bi prestazzjoni għolja, sostenibbli u interkonnessi b'mod effiċjenti fl-oqsma tat-trasport, l-enerġija u s-servizzi diġitali u jinnota li l-FNE, b'EUR 4,1 biljun ta' nefqa fl-2024, hija strument ewlieni tal-Unjoni fit-twettiq ta' dawn l-objettivi;

81. Jinnota t-tweġiba bil-miktub tal-Kummissjoni li mill-2021, intefqu EUR 12,63-il miljun fuq il-produzzjoni tal-idroġenu rinnovabbli u l-infrastruttura relatata mill-FNE - enerġija rinnovabbli u ntefqu EUR 187,21 miljun ta' finanzjament mill-FNE - trasport fuq l-istazzjonijiet tar-riforniment; jinnota wkoll li bejn l-2021 u l-2024 il-Kummissjoni allokat EUR 791,13 miljun f'għotjiet fl-ambitu tal-Fond għall-Innovazzjoni għal proġetti ta' e-fjuwils; jissottolinja l-importanza li jiġu allokati fondi tal-Unjoni biex jiġu appoġġjati soluzzjonijiet b'potenzjal għal dekarbonizzazzjoni u skalabbiltà fit-tul u li jittieħed approċċ ibbażat fuq l-evidenza għal soluzzjonijiet emerġenti sabiex jiġi żgurat l-użu effiċjenti tar-riżorsi pubbliċi u jiġi massimizzat l-impatt klimatiku; jisħaq li t-teknoloġiji kollha jeħtieġ li jiġu vvalutati dwar l-effettività u l-iskalabbiltà tagħhom; jappella għal kawtela fl-allokazzjoni tal-fondi tal-Unjoni għal teknoloġiji bi rwol fit-tul inċert jew limitat fil-perkors tad-dekarbonizzazzjoni; jisħaq li l-kisba tan-newtralità klimatika sal-2050 hija ta' importanza deċiżiva; jenfasizza l-ħtieġa li tiġi żgurata provvista tal-enerġija tal-Unjoni affidabbli, affordabbli u reżiljenti; jinnota, f'dan il-kuntest, li l-Kummissjoni għandha tippromwovi approċċ teknoloġikament newtrali għar-riċerka u l-innovazzjoni; jappella b'mod partikolari għall-appoġġ ta' proġetti transfruntiera biex jitrawmu soluzzjonijiet

ġenwinament Ewropej fil-qasam tal-provvista tal-enerġija, jiġi żgurat l-użu kosteffiċjenti tal-fondi tal-Unjoni, jissaħħaħ is-suq intern, u jinħoloq valur miżjud tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-kriterji ta' finanzjament ikunu bbażati fuq eżiti ta' tnaqqis tal-emissjonijiet li jistgħu jitkejlu aktar milli fuq preferenzi teknoloġiċi preskrittivi;

82. Ifakkar li l-Att dwar is-Swieq Diġitali (DMA) għandu l-għan li jiżgura swieq diġitali ġusti u favorevoli għall-innovazzjoni fl-Ewropa, filwaqt li jipprevjeni lil kwalunkwe attur uniku milli jiddominah għad-detriment tal-konsumaturi, tal-kompetituri, jew tas-sorveljanza demokratika; jisħaq fuq l-effetti negattivi sinifikanti li d-dominanza tas-suq diġitali toħloq għad-drittijiet fundamentali u t-tixrid tal-manipulazzjoni tal-informazzjoni u d-diżinformazzjoni u l-ħtieġa ta' azzjoni konġunta tal-Unjoni f'dawn l-oqsma; jinnota li matul l-2024, id-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni (DĠ COMP) iffaċċja nuqqas serju ta' persunal, kif irrapportat fir-Rapport Annwali tal-Attività (RAA) tiegħu tal-2024; jinnota li d-DĠ COMP alloka mill-ġdid il-persunal lill-unitajiet responsabbli għall-infurzar tal-Att dwar is-Swieq Diġitali li ħoloq nuqqas ta' persunal f'dipartimenti oħra;

Rakkomandazzjonijiet

83. Jistieden lill-Kummissjoni:

(i) tindirizza bis-sħiħ ir-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti dwar il-legalità u r-regolarità u r-rapportar dwar il-prestazzjoni;

(ii) tiżgura l-għoti ta' finanzjament tal-Unjoni miżjud b'mod sinifikanti għar-riċerka u l-innovazzjoni, determinat mill-prinċipju tal-eċċellenza u l-mertu;

(iii) tintroduċi rekwiżiti vinkolanti għas-sħab ta' implimentazzjoni biex jipprovdu rapportar dwar il-prestazzjoni bbażat fuq data fil-livell tal-proġett anke għal strumenti finanzjarji implimentati taħt ġestjoni indiretta, bħal InvestEU; titlob li tali rapportar għandu jiddependi fuq taħlita bbilanċjata ta' indikaturi tal-output, tar-riżultati u tal-impatt;

(iv) twettaq rieżami tal-miżuri ta' simplifikazzjoni introdotti għal Orizzont Ewropa biex tivvaluta jekk jipprovdux simplifikazzjoni ġenwina għall-benefiċjarji u l-applikanti tal-proġetti, inkluż l-impatt tagħhom fuq il-piż amministrattiv, ir-rati ta' parteċipazzjoni, il-bilanċ ġeografiku u l-faċilità ta' aċċess għal applikanti ġodda, b'mod partikolari minn reġjuni bi prestazzjoni aktar baxxa, u t-trawwim ta' sinerġiji ma' strumenti oħra tal-Unjoni, inklużi l-politika ta' koeżjoni u s-Siġill ta' Eċċellenza;

(v) tiżviluppa u tħeġġeġ l-użu ta' għodod, bħall-Personnel Costs Wizard, li jgħinu lill-benefiċjarji japplikaw ir-regoli korretti

għall-kalkolu tal-kostijiet tal-persunal;

(vi) tevalwa t-tagħlimiet meħuda mir-rieżamijiet tekniċi ex post għall-għotjiet ta’ somma f’daqqa mnedija fl-2024 u fl-2025, u tirrapporta lura lill-awtorità ta’ kwittanza;

(vii) tiżgura li l-istrumenti ta’ finanzjament futuri jinkludu salvagwardji biex jiġi evitat kumpens żejjed għal tagħmir li fil-fatt ma nxtarax għalkemm kien inkluż fil-baġit ta’ somma f’daqqa;

(viii) tirrieżamina kampjun rappreżentattiv ta’ għotjiet ta’ somma f’daqqa, u tanalizza t-tagħlimiet meħuda mill-implimentazzjoni tagħhom u l-metodi użati biex jiġi stabbilit l-appoġġ finanzjarju tal-Unjoni, qabel ma jestendu aktar l-użu ta’ għotjiet ta’ somma f’daqqa għal strumenti ta’ finanzjament futuri;

(ix) twettaq rieżami komprensiv tal-finanzjament tal-Unjoni għall-iżvilupp, l-użu u l-esportazzjoni ta’ software ta’ spjunaġġ jew software ta’ sorveljanza intrużiv fil-modi kollha ta’ ġestjoni mill-2021, u tikkondividih mal-awtorità ta’ kwittanza;

(x) issegwi approċċ teknoloġikament newtrali għar-riċerka u l-innovazzjoni, inkluż billi tippromwovi proġetti transfruntiera, sabiex tappoġġja l-kisba tan-newtralità klimatika sal-2050 u trawwem provvista tal-enerġija tal-Unjoni stabbli, reżiljenti u affordabbli, filwaqt li tiggarantixxi l-kosteffettività, taċċellera l-progress lejn l-għanijiet klimatiċi tal-Unjoni u ssaħħaħ il-kompetittività;

(xi) issaħħaħ il-kooperazzjoni fost l-Istati Membri fir-riċerka relatata mad-difiża u mas-sigurtà permezz ta’ programmi ta’ R&I ffinanzjati mill-Unjoni, filwaqt li tippromwovi sinerġiji, tiżgura l-protezzjoni robusta ta’ data sensittiva u l-protezzjoni ta’ teknoloġiji kontra l-interferenza barranija u t-theddid ibridu, u fejn xieraq, tippermetti l-użu responsabbli tar-riżultati tar-riċerka għal skopijiet b’użu doppju sabiex tappoġġja r-reżiljenza, il-kapaċitajiet ta’ difiża u l-indipendenza strateġika tal-Unjoni;

(xii) tiżgura li l-finanzjament tar-riċerka tal-Unjoni, inkluż fl-ambitu ta’ Orizzont Ewropa u permezz ta’ ftehimiet ma’ sħab mhux tal-UE, huwa allokat b’mod konsistenti mal-valuri tal-Unjoni u ma jikkontribwix għall-appoġġ ta’ software ta’ spjunaġġ jew teknoloġiji ta’ sorveljanza intrużivi f’konformità mar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Parlament adottati fil-15 ta’

Ġunju 2023[8];

Koeżjoni, Reżiljenza u Valuri

84. Jissottolinja r-rwol tal-politika ta' koeżjoni tal-Unjoni fit-tnaqqis tad-disparitajiet ekonomiċi, soċjali u territorjali fi ħdan l-Unjoni, kif stabbilit mit-Trattati, kif ukoll għall-appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali; jinsisti fuq appoġġ kontinwu għall-koeżjoni fil-QFP ta' wara l-2027, skont il-prinċipji tas-sħubija u l-governanza f'diversi livelli, u bl-involviment tal-awtoritajiet lokali u reġjonali u l-partijiet ikkonċernati rilevanti; jinnota li l-baġit għall-programmi fl-ambitu tal-Intestatura 2 tal-QFP "Koeżjoni, reżiljenza u valuri" kien ta' EUR 61,4 biljun (32,1 % tal-baġit tal-Unjoni) imqassam kif ġej: 47,7 % għall-FEŻR u operazzjonijiet reġjonali oħra, 16,4 % għall-Fond Soċjali Ewropew (FSE), 6,7 % għall-FK, 6,6 % għall-Erasmus+, 2,2 % għat-Trasport tal-FNE, 3,6 % għall-Irkupru tal-UE, u 3,1 % għal skemi oħra;

85. Jinnota li l-Qorti eżaminat kampjun ta' 223 tranżazzjoni li jkopru l-firxa sħiħa ta' nfiq fl-ambitu tal-Intestatura 2 tal-QFP; jinnota bi tħassib li l-livell kumplessiv ta' żball stmat mill-Qorti fin-nefqa fl-ambitu ta' din l-intestatura fl-2024 huwa għal darb'oħra ogħla b'mod sinifikanti mil-livell limitu ta' materjalità ta' 5,7 %; ifakkar li r-rata ta' żball tal-Qorti tinkludi l-iżbalji li baqgħu ma nqabdux mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni, u turi li r-rati ta' żball tal-Kummissjoni huma sottovalutati;

86. Jinnota l-kategorizzazzjoni mill-Qorti tal-iżbalji misjuba fin-nefqa għall-koeżjoni, b'kostijiet ineliġibbli li jammontaw għal 49 % tal-iżbalji, nuqqas serju ta' konformità fl-akkwist pubbliku u r-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat li jammontaw għal 23 %, proġetti ineliġibbli għal 18 %; jinnota, barra minn hekk, li n-nefqa relatata mal-FEŻR u l-FK tirrappreżenta l-akbar sehem ta' żbalji (54 %);

87. Jinnota li b'mod ġenerali, id-Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali u Urbana (DĠ REGIO) ikkonkluda fir-RAA tiegħu li baqa' livell materjali jew nefqa irregolari fil-kontijiet tal-2024 għall-FEŻR/FK, minkejja r-riżultati tal-kontrolli u l-korrezzjonijiet diġà applikati fil-livell tal-Istati Membri, u li d-Direttorat Ġenerali għall-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni (DĠ EMPL) ikkonkluda l-istess għall-FSE/YEI u l-FEAD;

88. Itenni t-tħassib tiegħu dwar il-konklużjoni tal-Qorti fir-Rapport Analitiku 03/2024 tagħha "Ħarsa ġenerali lejn il-qafas ta' aċċertament u l-fatturi ewlenin li jikkontribwixxu għal żbalji fl-infiq fil-qasam tal-koeżjoni 2014-2020" li l-Kummissjoni tissottovaluta l-

---

8 Testi adottati: P9_TA(2023)0244, paragrafu 112. https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2023-0244_MT.html.

livell ta’ żbalji li tirrapporta;

89. Huwa mħasseb dwar in-nuqqasijiet persistenti osservati mill-Qorti fil-ħidma tal-awtoritajiet nazzjonali tal-awditjar, evidenti fin-nuqqasijiet identifikati fil-pakketti ta’ aċċertament, b’rata tal-iżball residwu ogħla mil-livell limitu ta’ materjalità fil-pakketti ta’ aċċertament għal aktar minn 60 % tal-valur total tal-pakketti ta’ aċċertament awditjati fl-2024; jisħaq bi tħassib li l-awtoritajiet ta’ ġestjoni b’mod konsistenti ma jirnexxilhomx b’mod effettiv jipprevjenu jew jidentifikaw irregolaritajiet fin-nefqa ddikjarata mill-benefiċjarji u li dan inaqqas il-punt sa fejn il-Kummissjoni tista’ tibbaża fuq il-ħidma tagħhom;

90. Jinsab imħasseb dwar l-osservazzjoni tal-Qorti li l-iżbalji li sabet il-Qorti setgħu, u kellhom, jiġu identifikati mill-awtoritajiet tal-awditjar meta wettqu l-kontrolli tagħhom; jinnota li dan inaqqas il-punt sa fejn il-Kummissjoni tista’ tibbaża fuq ir-riżultati tal-ħidma tagħhom; jenfasizza bi tħassib l-osservazzjoni tal-Qorti li, mill-2017, il-proporzjon ta’ pakketti ta’ aċċertament b’rati tal-iżball residwu ta’ aktar minn 2 % ma kienx naqas taħt id-39 % tan-nefqa fil-kampjuni tagħha, li jindika li għad hemm nuqqasijiet fil-ħidma tal-awtoritajiet tal-awditjar, li mhumiex indirizzati biżżejjed mill-ħidma ta’ aċċertament tal-Kummissjoni; jilqa’, madankollu, it-tnedija mill-Kummissjoni ta’ Pjan ta’ Azzjoni li għandu l-għan li jtejjeb il-kapaċità ta’ detezzjoni tal-awtoritajiet fil-perjodu 2021-2027;

91. Jinnota li l-Qorti, fl-Istudju Analitiku 04/2025 tagħha “Il-Futur tal-Politika ta’ Koeżjoni tal-UE: Nitgħallmu mill-passat” fakkret fl-isfida li ilha teżisti relatata mal-kumplessità tal-qafas regolatorju, u li, minkejja l-isforzi biex jiġu ssimplifikati r-regoli u l-proċeduri, il-kumplessità tar-regolamentazzjoni tal-Unjoni u l-koeżistenza tar-rekwiżiti nazzjonali u reġjonali tkompli timponi piżijiet amministrattivi sinifikanti u jikkontribwixxu għal rata għolja ta’ żball; ifakkar, madankollu, fir-rwol importanti li kellha l-politika ta’ koeżjoni fit-tnaqqis tad-disparitajiet ekonomiċi, soċjali u territorjali u fil-promozzjoni tal-konverġenza u l-istabbiltà madwar l-Unjoni, u b’hekk turi l-valur miżjud tagħha għall-kontribwenti tal-Unjoni, li jista’ jissaħħaħ aktar billi jiġu indirizzati d-dgħufijiet persistenti; jinnota li, filwaqt li ġew introdotti għażliet ta’ kostijiet issimplifikati biex jitnaqqsu l-obbligi ta’ rapportar, l-użu tagħhom għadu limitat, speċjalment fil-FEŻR; ifakkar fid-dgħufijiet persistenti fis-sistemi ta’ ġestjoni u kontroll tal-Istati Membri; iqajjem dubji dwar il-pjan tal-Kummissjoni għal dipendenza akbar fuq is-sistemi nazzjonali u jisħaq li dawn iridu jiġu rimedjati qabel l-introduzzjoni ta’ kwalunkwe mudell ta’ nfiq futur bħal dan taħt il-QFP li jmiss; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu definiti r-responsabbiltajiet superviżorji u ta’ kontroll ċari u vinkolanti kemm għall-Kummissjoni kif ukoll għall-Istati Membri qabel ma tibda l-implimentazzjoni; iqis li l-Kummissjoni ma għandhiex isserraħ esklużivament fuq is-sistemi ta’ kontroll tal-Istati Membri, iżda għandha tiddefinixxi r-rekwiżiti minimi u l-mekkaniżmi

ta’ verifika, li jkunu simili għal dawk previsti b’ġestjoni kondiviża, sabiex tevita n-nuqqas ta’ konformità mar-regoli nazzjonali u dawk tal-Unjoni, kif mitlub mill-Qorti.

92. Jinnota li s-sejbiet tal-Qorti, fir-Rapport Speċjali 22/2025 tagħha “Korrezzjonijiet finanzjarji fil-politika ta’ Koeżjoni” li l-Kummissjoni ma tapplikax korrezzjonijiet finanzjarji peress li għandha tipproteġi l-baġit tal-Unjoni minn nefqa irregolari fil-politika ta’ koeżjoni, u li, minkejja li l-infiq għall-koeżjoni kien affettwat sena wara sena minn għadd sinifikanti ta’ żbalji, il-Kummissjoni ħadet aktar minn għaxar snin biex tadotta l-ewwel korrezzjoni finanzjarja tagħha f’Settembru 2025 għall-perjodu 2014-2020; jirrimarka li l-qafas legali li jirregola l-mekkaniżmu ta’ korrezzjoni huwa kumpless u li l-gwida u l-kriterji għall-valutazzjoni ta’ nuqqasijiet serji mhumiex ċari biżżejjed, u mhumiex applikati b’mod konsistenti, u li ma hemm l-ebda perjodu ta’ żmien definit sew għall-proċedura;

93. Jinnota bi tħassib li l-Qorti identifikat nuqqasijiet fl-ippjanar u t-tħejjija tal-ħidma tal-awditjar tal-awtoritajiet, bħal dgħufijiet fl-approċċi tal-kampjunar u listi ta’ kontroll mhux kompluti;

94. Ifakkar li, wara talba ta’ aċċess għad-dokumenti relatata mal-kwittanza li tikkonċerna kuntratti ma’ 30 operatur ekonomiku, il-Kummissjoni kellha twettaq eżerċizzju ta’ identifikazzjoni wiesa’ u intensiv fir-riżorsi minħabba limitazzjonijiet fis-sistemi tad-data interni tagħha, li rriżulta fl-identifikazzjoni ta’ mijiet ta’ entitajiet b’ismijiet simili jew relatati; jirrikonoxxi l-isforzi li saru mis-servizzi tal-Kummissjoni biex jirrispondu fil-pront u b’mod trasparenti; ifakkar ukoll li, mill-QFP li jmiss, il-Kummissjoni se tkun meħtieġa tuża d-data maħżuna fl-għodda għall-estrazzjoni tad-data u għall-kejl tar-riskju Arachne biex tikkontribwixxi għal sit web ċentralizzat dwar it-trasparenza, bl-Istati Membri obbligati jipprovdu aċċess awtomatizzat għad-data rilevanti, obbligu li se japplika mill-2027 ’il quddiem u li fuqu l-Kummissjoni diġà bdiet ħidma preparatorja; iħeġġeġ lill-Kummissjoni timplimenta sistema interoperabbli li tippermetti traċċar Ewropew tal-fondi mal-bidu tal-QFP il-ġdid;

95. Jinnota li l-Qorti, fir-Rapport Speċjali 24/2025 tagħha “L-istrumenti finanzjarji fl-ambitu tal-politika ta’ Koeżjoni: Fondi li jiġu rimborżati jerġgħu jintużaw parzjalment” sabet li, filwaqt li wieħed mill-vantaġġi tal-istrumenti finanzjarji fil-politika ta’ koeżjoni fuq l-għotjiet huwa li r-rimborżi jistgħu jintużaw biex jappoġġjaw riċevituri finali addizzjonali, li jwassal għal użu aktar effiċjenti tal-finanzjament pubbliku, użu mill-ġdid limitat tar-rimborżi biss jimmaterjalizza matul il-perjodi ta’ eliġibbiltà, parzjalment minħabba raġunijiet aċċettabbli, bħan-natura fit-tul tal-investimenti; jinnota li wara l-perjodu ta’ eliġibbiltà, ir-rimborżi ġeneralment jerġgħu jintużaw għal skopijiet ta’ koeżjoni iżda b’limitazzjonijiet; jiddeplora l-fatt li l-qafas legali dwar l-obbligu tal-użu mill-ġdid huwa ambigwu u mhuwiex ċar biżżejjed, u li l-Kummissjoni ma għandhiex sorveljanza, u dan iwassal

għal prattiki differenti fost l-awtoritajiet ta' ġestjoni tal-Istati Membri;

96. Jinsab imħasseb dwar l-osservazzjoni tal-Qorti li l-implimentazzjoni tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni (il-FEŻR, il-FK, il-FSE+), li jammontaw għal aktar minn 90 % tal-fondi taħt ġestjoni kondiviża fl-ambitu tar-RDK għall-2021-2027, baqgħet baxxa; jinnota li meta l-Qorti tqabbel l-implimentazzjoni tagħhom (il-prefinanzjament u l-pagamenti interim) mal-perjodu ta' programmazzjoni preċedenti, ir-rata ta' assorbiment kumplessiva ta' dawn it-tliet fondi kienet biss ta' 5 % sa tmiem l-2024 meta mqabbla ma' 14 % fil-punt ekwivalenti tal-QFP preċedenti (tmiem l-2017); jissottolinja li l-perjodu ta' programmazzjoni attwali ġie implimentat f'kuntest eċċezzjonalment diffiċli kkaratterizzat minn kriżijiet suċċessivi, pressjonijiet inflazzjonarji, tfixkil fil-katina tal-provvista u kundizzjonijiet ġeopolitiċi u ekonomiċi li qed jevolvu; jirrikonoxxi, fl-istess ħin, li l-programmi 2021–2027 ġew adottati seba' xhur wara dawk tal-perjodu ta' programmazzjoni 2014–2020 u li r-rati ta' prefinanzjament taħt il-programmi 2014–2020 kienu ogħla u approvati f'mument differenti minn dawk taħt il-QFP attwali; jinnota, f'dan ir-rigward, li r-rata ta' assorbiment fl-istadju ta' implimentazzjoni komparabbli, fi tmiem Ġunju 2017, għall-FEŻR, il-FK u l-FSE + kienet ta' 3.49 %, li hija komparabbli mar-rata fi tmiem l-2024; jinnota bi tħassib li billi t-tmiem tal-perjodu ta' eliġibbiltà għan-nefqa sottostanti[9] u l-iskadenza għall-pagament tal-bilanċ finali għall-QFP 2021-2027 jiġu stabbiliti sena qabel minn dawk fil-perjodu ta' programmazzjoni preċedenti, il-pressjoni biex jiġu assorbiti l-fondi tal-Unjoni se tiżdied aktar;

97. Jesprimi t-tħassib tiegħu li fl-2024, id-diżimpenji previsti mill-Kummissjoni għall-perjodu 2025-2027 żdiedu għal EUR 8,8 biljun meta mqabbla mal-previżjoni tal-2023 ta' EUR 8,1 biljun għall-istess perjodu u li din iż-żieda fid-diżimpenji stmati kienet prinċipalment xprunata mill-programmi ta' koeżjoni fil-QFP attwali u mill-FAEŻR; jinnota li d-diżimpenji mill-FAEŻR huma mistennija meta l-programmi tal-QFP preċedenti jagħlqu fl-2026, filwaqt li l-programmi ta' koeżjoni għall-QFP 2021-2027 se jħabbtu wiċċhom ma' riskji sinifikanti ta' diżimpenji mill-2027 'il quddiem;

98. Ifakkar li fl-2024, daħlu fis-seħħ diversi emendi għall-qafas tal-politika ta' koeżjoni, jiġifieri STEP u RESTORE; jenfasizza l-importanza ta' dawn l-istrumenti fit-tisħiħ tal-kompetittività tal-Unjoni u biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi tad-diżastri naturali; itenni, madankollu, li emendi kostanti għall-qafas tal-politika ta' koeżjoni jwasslu għal inċertezza u instabbiltà legali, u jirriskjaw li jimminaw l-objettivi ta' koeżjoni strutturali fit-tul f'termini ta' tnaqqis tad-disparitajiet madwar l-Unjoni; jisħaq li l-politika ta' koeżjoni teħtieġ qafas regolatorju stabbli sabiex tipprovdi prevedibbiltà għall-

---

9 L-Artikolu 63(2) tar-Regolament (UE) 2021/1060.

benefiċjarji;

99. Itenni t-tħassib profond dwar l-impatt sproporzjonat li l-gwerra ta’ aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna jkompli jkollu fuq ir-reġjuni tal-Lvant tal-Unjoni li jmissu mar-Russja u/jew mal-Belarussja; jiġbed l-attenzjoni għall-kostijiet imġarrba minn dawn ir-reġjuni bħala riżultat tal-fruntiera komuni tagħhom ma’ pajjiżi ġirien ostili, b’mod partikolari, għall-ħtieġa tal-Istati Membri rispettivi li l-finanzjament pubbliku jiġi dirett lejn is-sigurtà, id-difiża u t-tħejjija, filwaqt li fl-istess ħin jitnaqqsu b’mod sinifikanti r-riżorsi minħabba l-impatt fuq l-attività ekonomika, il-kummerċ transfruntier u forom oħra ta’ skambju; jinsab imħasseb, barra minn hekk, dwar it-telf fl-appoġġ finanzjarju tal-Unjoni esperjenzat minn xi reġjuni tal-fruntiera bħala riżultat tal-emendi għall-fondi ta’ koeżjoni taħt il-perjodu ta’ programmazzjoni attwali, b’mod partikolari għall-fondi tal-FEŻR inizjalment allokati għall-kooperazzjoni transfruntiera mar-Russja u l-Belarussja u l-fondi riallokati fil-kuntest tar-rieżami ta’ nofs it-terminu tal-koeżjoni (MTR) tal-2025;

100. Jissottolinja li l-koeżjoni territorjali tirrikjedi t-tisħiħ tar-reżiljenza ekonomika lokali, pereżempju permezz tat-turiżmu sostenibbli, il-protezzjoni tal-assi kulturali, l-impjieg taż-żgħażagħ u l-iżvilupp tal-ħiliet vokazzjonali, inkluż fir-rikostruzzjoni ekoloġika, l-effiċjenza enerġetika u s-servizzi tal-protezzjoni ċivili; jisħaq fuq l-importanza tal-politika ta’ koeżjoni tal-Unjoni għall-konverġenza u l-iżvilupp ekonomiċi u territorjali fir-reġjuni tal-Unjoni, kif ukoll għall-appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi ssalvagwardjat l-aċċess għal servizzi essenzjali f’żoni rurali u remoti u jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta jekk l-infiq tal-Unjoni jikkontribwixxix b’mod effettiv għat-tnaqqis tal-pressjoni tad-depopolazzjoni;

101. Jenfasizza l-esponiment dejjem akbar ta’ ċerti reġjuni, inklużi t-territorji kostali u interni tal-Mediterran, għal riskji relatati mal-klima bħall-maltempati, l-għargħar, l-erożjoni kostali u l-istress ikkawżat min-nixfa; jisħaq li l-miżuri ta’ prevenzjoni u ta’ adattament huma aktar kosteffettivi mir-rikostruzzjoni ta’ wara d-diżastri; jisħaq fuq il-ħtieġa ta’ antiċipazzjoni tal-investimenti fil-prevenzjoni tar-riskju, is-sikurezza idrawlika, l-istabbiltà tal-inklinazzjonijiet, soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura u infrastruttura reżiljenti għat-tibdil fil-klima, inklużi portijiet sostenibbli, loġistika intermodali, konnettività ferrovjarja u sistemi tal-ilma reżiljenti, tnaqqis tat-tnixxijiet, irrigazzjoni reżiljenti u ġestjoni intelliġenti tal-ilma, sabiex jiġu żgurati eżiti ta’ reżiljenza rapidi u li jistgħu jitkejlu, tissaħħaħ ir-reżiljenza territorjali u tiġi ssalvagwardjata l-effettività tal-infiq tal-Unjoni;

102. Jenfasizza r-rakkomandazzjoni tas-Servizz tal-Awditjar Intern (IAS) tal-Kummissjoni, fl-awditu tiegħu mwettaq fl-2024 dwar il-proċessi tal-bini tal-aċċertament għall-fondi implimentati taħt ġestjoni

kondiviża, li l-istrateġija ta’ awditu uniku tad-DĠ REGIO, id-DĠ EMPL u d-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (DĠ MARE) jeħtieġ li tiġi aġġornata peress li ċerti elementi ma kinux ċari biżżejjed jew ma ġewx żviluppati biżżejjed f’dan l-istadju tal-perjodu ta’ programmazzjoni; jinnota wkoll ir-rakkomandazzjoni tal-IAS li d-DĠ REGIO, li jimplimenta wkoll il-Fond ta’ Solidarjetà tal-UE taħt ġestjoni kondiviża u indiretta, jeħtieġ li jkompli jtejjeb it-tfassil u l-ġestjoni effettiva tiegħu;

103. Jinnota li, wara l-istabbiliment tal-qafas tagħha[10] għat-tnaqqis u l-irkupri f’każ ta’ frodi, korruzzjoni u kunflitt ta’ interess li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni li ma ġewx ikkoreġuti mill-Istat Membru, il-Kummissjoni wettqet l-ewwel tnaqqis bħal dan fit-8 ta’ Mejju 2025, meta, wara rakkomandazzjoni tal-OLAF, adottat l-ewwel deċiżjoni ta’ implimentazzjoni tagħha li tnaqqas l-appoġġ lis-Slovakkja b’EUR 1,225 miljun fir-rigward ta’ irregolarità mhux ikkoreġuta; jinnota, madankollu, is-sejba tal-Qorti fir-Rapport Speċjali 26/2025 li l-Kummissjoni ma għandhiex mekkaniżmu biex timmonitorja jekk l-ammonti ordnati li jiġu rkuprati mill-qrati nazzjonali wara proċedimenti kriminali fil-fatt jitħallsux lura bis-sħiħ lill-baġit tal-Unjoni;

104. Jesprimi tħassib serju dwar is-sejbiet fir-Rapport tal-2025 dwar l-Istat tad-Dritt rigward is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Ungerija, b’mod partikolari l-isfidi persistenti u sistemiċi fis-setturi tal-ġudikatura u tal-media; jinnota bi tħassib li t-trasparenza tal-allokazzjoni tal-kawżi fil-qrati inferjuri ma ttejbitx, u li l-pressjoni żejda fuq xi mħallfin għadha għaddejja fil-ġudikatura, b’mod partikolari fir-rigward tad-dibattiti interni dwar kwistjonijiet ewlenin relatati mal-indipendenza ġudizzjarja; jinnota bi tħassib bl-istess mod li l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali Kontra l-Korruzzjoni 2024-2025 għadha lura, bit-tnaqqis fl-għadd ta’ kundanni għal reati ta’ korruzzjoni, in-nuqqas ta’ progress fl-istabbiliment ta’ rekord robust dwar il-korruzzjoni ta’ livell għoli, u r-rapportar kontinwu mill-Awtorità Ungeriża għall-Integrità ta’ ostakli fit-twettiq tal-kompiti ta’ sorveljanza tagħha b’mod effettiv;

105. Itenni t-tħassib serju tiegħu dwar id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta’ Diċembru 2023, li tikkonkludi li l-gvern Ungeriż kien issodisfa r-rekwiżiti tal-Karta fir-rigward tal-indipendenza ġudizzjarja u li tneħħi s-sospensjoni fuq l-iżborż ta’ fondi għal programmi relatati, li wassal biex l-Ungerija ssir eliġibbli biex tirċievi madwar EUR 10,2 biljun minn diversi fondi rregolati mill-RDK; ifakkar li fil-25 ta’ Marzu 2024, il-Parlament Ewropew ressaq azzjoni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja sabiex jirrieżamina l-legalità tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni, kif ukoll biex iġib ċertezza tad-dritt għall-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu tal-istat tad-dritt; jinnota li filwaqt li s-sentenza tal-QĠUE għadha pendenti, fit-12 ta’ Frar 2026 l-Avukat Ġenerali ppropona li l-Qorti

---

10 C/2024/4618, l-Anness IV.

tal-Ġustizzja tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tneħħi s-sospensjoni fuq l-iżborż ta' fondi lill-Ungerija;

106. Jinnota li mill-allokazzjonijiet ta' EUR 19,8-il biljun fl-ambitu tar-RDK inizjalment imblukkati minħabba tħassib dwar id-drittijiet fundamentali, EUR 7,6 biljun biss għadhom imblukkati għall-Gvern Ungeriż f'Jannar 2026; jinnota wkoll li mill-EUR 6,4 biljun inizjalment imblukkati skont ir-Regolament dwar il-Kundizzjonalità tal-Istat tad-Dritt minħabba tħassib dwar l-istat tad-dritt u l-korruzzjoni, EUR 1 u 1,1 biljun ġew diżimpenjati fi tmiem l-2024 u l-2025 rispettivament; jesprimi tħassib serju li, filwaqt li l-istat tad-dritt qed ikompli jiddeterjora u l-korruzzjoni tiffjorixxi permezz ta' networks oligarkiċi stabbiliti fl-Ungerija, hemm tnaqqis fl-ammont ta' fondi tal-Unjoni li għadu ffriżat minħabba l-istat tad-dritt u t-tħassib dwar il-korruzzjoni, u konsegwentement, hemm tnaqqis kostanti fil-pressjoni applikata mill-Kummissjoni fuq il-Gvern Ungeriż biex jagħmel ir-riformi;

107. Jinnota t-talbiet mill-gvern Ungeriż fit-28 u d-29 ta' Marzu 2025 biex jittrasferixxi EUR 545 miljun minn żewġ programmi ta' koeżjoni għal prijoritajiet ġodda fl-ambitu tal-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP), li minnhom EUR 395 miljun minn fondi ffriżati minħabba n-nuqqas li tiġi ssodisfata l-kundizzjoni abilitanti orizzontali skont il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali; jiddispjaċih ħafna dwar l-approvazzjoni mill-Kummissjoni tal-emendi fil-25 ta' Settembru 2025, li minkejja li reġgħu mblukkaw ir-rimborżi għall-prijoritajiet il-ġodda ta' STEP minħabba nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti tal-Karta, madankollu taw lill-gvern Ungeriż aċċess għal EUR 317.3 miljun fi prefinanzjament; jafferma mill-ġdid li r-riallokazzjoni jew ir-ridistribuzzjoni ta' approprjazzjonijiet iffriżati lejn programmi jew objettivi oħra tagħti l-indikazzjoni lill-gvernijiet mhux konformi mal-valuri tal-Unjoni u mal-obbligi tagħhom li jipproteġu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni li t-telf jista' jiġi kkumpensat xi mkien ieħor; ifakkar fil-pożizzjoni tiegħu li l-fondi sospiżi skont ir-Regolament dwar il-Kundizzjonalità jew minħabba n-nuqqas ta' ssodisfar tal-kundizzjonijiet abilitanti orizzontali ma għandhomx ikunu eliġibbli għal emendi jew trasferimenti tal-programmi; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni teżerċita d-dritt ta' inizjattiva tagħha u tipproponi miżuri biex tagħlaq kwalunkwe lakuna eżistenti fil-qafas leġiżlattiv tal-Unjoni li tista' tippermetti lill-gvernijiet jittrasferixxu fondi sospiżi minħabba ksur tal-istat tad-dritt tagħhom jew obbligi oħra tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, u tiżgura li kwalunkwe strument ta' finanzjament futur ikun ippruvat għaċ-ċirkomvenzjoni;

108. Jinnota li MOL Plc, konglomerat petrokimiku Ungeriż ikkwotat pubblikament, huwa effettivament ikkontrollat permezz ta' tliet hekk imsejħa trusts ta' interess pubbliku affiljati mal-Gvern Ungeriż, li kull wieħed minnhom għandu sehem ta' 10 %; ifakkar li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/2506 tal-15 ta' Diċembru

2022 tipprojbixxi lill-Kummissjoni milli tidħol f'impenji legali ġodda, taħt ġestjoni diretta jew indiretta, ma' trusts ta' interess pubbliku Ungeriżi u entitajiet miżmuma minnhom meta jimplimentaw il-baġit tal-Unjoni; jinnota bi tħassib li mill-anqas ftehim ta' finanzjament wieħed jidher li ġie konkluż bejn il-Kummissjoni u MOL wara l-adozzjoni ta' dik id-Deċiżjoni; jieħu nota tat-tweġiba tal-Kummissjoni li qed tinvestiga l-kwistjoni, u jistenna li l-Kummissjoni tipprovdi lill-awtorità ta' kwittanza mingħajr dewmien spjegazzjoni ċara ta' kif tali impenn seta' ġie ffirmat;

109. Jinnota li l-Gvern Ungeriż huwa mistenni li jirċievi t-tielet l-akbar allokazzjoni fl-ambitu tal-istrument SAFE, li tammonta għal EUR 16,2-il biljun, maħsuba biex tappoġġja investimenti kbar fl-industrija tad-difiża; ifakkar li l-Kummissjoni għandha s-setgħa li tirrifjuta l-approvazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali ta' investiment fid-difiża fl-ambitu tal-programm SAFE meta jkun hemm tħassib dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni; jinnota li l-Gvern Ungeriż reċentement biegħ sehem maġġoritarju kontrollanti ta' 75 %+1 fis-sehem tiegħu tal-industrija tad-difiża tal-Istat lil 4iG, kumpanija meqjusa b'mod wiesa' bħala qrib il-gvern; iwissi bil-qawwa li, fid-dawl tad-deterjorament kontinwu tal-istat tad-dritt, ir-riskji persistenti ta' korruzzjoni u d-dgħufijiet sistemiċi fis-sorveljanza kif deskritt hawn fuq, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni ma jistgħux jitqiesu protetti b'mod adegwat jekk il-finanzjament SAFE kellu jiġi żborżat lill-gvern Ungeriż mingħajr, tal-anqas, ma jiġu stabbiliti kundizzjonijiet stretti li jridu jiġu ssodisfati qabel kwalunkwe żborż ta' fondi;

110. Jenfasizza bi tħassib li mir-Rapport tal-2024 dwar l-Istat tad-Dritt, is-Slovakkja adottat sensiela ta' emendi għall-Kodiċi Kriminali, li għaddew fit-tieni nofs tal-2024, inkluż l-għeluq ta' entitajiet speċjalizzati kontra l-korruzzjoni, l-Aġenzija Nazzjonali għall-Kriminalità u l-Uffiċċju tal-Prosekutur Speċjali, li rriżultaw f'dewmien fl-investigazzjonijiet trasferiti lil korpi oħra u tnaqqis sinifikanti fl-għadd ta' każijiet ta' korruzzjoni; jinnota bi tħassib il-pjan tal-Gvern tas-Slovakkja li jissostitwixxi l-uffiċċju attwali għall-informaturi b'istituzzjoni li l-president tagħha jinħatar direttament mill-kelliem parlamentari, li hemm riskju li jippolitiċizza l-uffiċċju, jallinja l-ħidma tiegħu mal-prijoritajiet tal-Gvern, inaqqas il-protezzjoni tal-informaturi, u jdgħajjef l-iskrutinju ta' kif il-Gvern jittratta l-fondi tal-Unjoni; jisħaq li dawn l-iżviluppi joħolqu riskju akbar u sostanzjali għall-ġestjoni finanzjarja tajba tal-baġit tal-Unjoni; jenfasizza li r-Regolament dwar il-Kundizzjonalità tal-Istat tad-Dritt mhuwiex limitat għal miżuri tal-aħħar istanza, iżda jippermetti wkoll azzjoni bikrija b'sospensjonijiet parzjali, fejn jiġi identifikat ksur tal-istat tad-dritt li joħloq riskju serju għall-ġestjoni finanzjarja tajba tal-baġit tal-Unjoni; jappoġġja bis-sħiħ id-deċiżjoni tal-Kummissjoni u jistieden lill-Kummissjoni tibda l-ewwel pass tal-mekkaniżmu ta' kundizzjonalità u tibda proċediment ta' ksur rigward din il-kwistjoni;

111. Jinnota, f’dan il-kuntest, li wara l-missjoni tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit fi Bratislava mis-26 sat-28 ta’ Mejju 2025, dikjarazzjonijiet pubbliċi bla bażi mill-Prim Ministru tas-Slovakkja u mill-membri tal-Kunsill Nazzjonali wasslu għal theddid kontra l-Kap tal-missjoni, li kien jeħtieġ protezzjoni tal-pulizija; iqis li inċidenti bħal dawn ikomplu juru l-ambjent tal-istat tad-dritt li qed jiddeterjora u r-riskji li joħloq għall-interessi finanzjarji tal-Unjoni;

112. Jiddeplora l-fatt li, skont l-analiżi tas-soċjetà ċivili, il-maġġoranza l-kbira tar-rakkomandazzjonijiet mir-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt huma ripetizzjoni ta’ dawk preċedenti; iqis li dan iqajjem tħassib dwar jekk ir-rakkomandazzjonijiet jittiħdux bis-serjetà biżżejjed mill-Istati Membri u jekk il-Kummissjoni hijiex qed tapplika pressjoni adegwata biex tiżgura l-implimentazzjoni effettiva tagħhom; jisħaq li ħafna min-nuqqasijiet elenkati fir-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt għandhom impatt dirett fuq il-ġestjoni finanzjarja tajba tal-baġit tal-Unjoni u għalhekk iqis li huwa essenzjali minn perspettiva ta’ kontroll baġitarju li l-eżerċizzju jipproduċi riżultati tanġibbli u li jistgħu jitkejlu; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni tittraduċi r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż mir-Rapporti annwali tagħha dwar l-Istat tad-Dritt fi stadji importanti konkreti li għandhom jiġu segwiti b’mod sistematiku mill-Istati Membri, u tiskatta r-Regolament dwar il-Kundizzjonalità fejn ksur sistematiku tal-istat tad-dritt, identifikat taħt il-pilastri tar-Rapport, ikollu rabta diretta biżżejjed mal-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni;

113. Jinnota t-tweġiba tal-Kummissjoni li s-Segretarjat Ġenerali (SĠ) jikkoordina bejn l-użu ta’ tliet strumenti differenti tar-Regolament dwar il-Kundizzjonalità, ir-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u l-kundizzjonijiet abilitanti orizzontali tar-RDK biex tiġi żgurata l-konsistenza fil-programmi, l-istrumenti u l-Istati Membri kollha, u li f’kull strument, hemm servizz ewlieni fdat bl-implimentazzjoni u s-servizzi assoċjati rilevanti jikkontribwixxu wkoll għal din il-ħidma; jinnota wkoll li d-Direttorat Ġenerali għall-Ġustizzja u l-Konsumaturi (DĠ JUST) u s-SĠ imexxu b’mod konġunt il-ħidma fuq ir-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt, id-DĠ EMPL imexxi l-ħidma fuq il-kundizzjoni abilitanti orizzontali tal-Karta, is-SĠ REFORM mad-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji (DĠ ECFIN) għall-ħidma fuq il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u d-Direttorat Ġenerali għall-Baġit (DĠ BUDG) għall-ħidma fuq ir-Regolament dwar il-Kundizzjonalità; jistieden lill-Kummissjoni tiċċara aktar ir-rwol ta’ dawk kollha li jieħdu d-deċiżjonijiet f’dawn il-proċeduri; jenfasizza li filwaqt li jeżisti qafas solidu fuq il-karta, l-applikazzjoni prattika tal-proċeduri tista’ tissaħħaħ aktar; jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-Kummissjoni fil-passat ipprovdiet biss ammont minimu assolut ta’ informazzjoni, mingħajr dettalji ewlenin, u, anke wara talba tal-Parlament, ma kkondividitx id-dokumentazzjoni sħiħa; jisħaq li l-kondiviżjoni tal-informazzjoni f’waqtha, komprensiva u proattiva hija essenzjali biex jeżerċita r-responsabbiltajiet baġitarji u ta’ sorveljanza tiegħu b’mod

effettiv u għaċ-ċittadini biex iżommu l-fiduċja fl-istituzzjonijiet tal-Unjoni u għall-kredibbiltà tal-UE kollha kemm hi;

114. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-Kummissjoni ħadet aktar minn sentejn biex tiftaħ proċedimenti ta' ksur kontra Malta għan-nuqqas ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-logħob tal-azzard online; jinnota bi tħassib serju li, bħala riżultat tal-leġiżlazzjoni ta' Malta li tipprevjeni l-infurzar ta' sentenzi validi minn Stati Membri oħra, madwar 100 000 ċittadin tal-Unjoni intitolati għal ripagamenti ma setgħux jiksbu rimedju; jinnota wkoll li diversi kumpaniji tal-logħob tal-azzard liċenzjati f'Malta bdew jittrasferixxu l-assi lil entitajiet oħra, u b'hekk dan ipoġġi f'riskju l-infurzar effettiv ta' eluf ta' sentenzi tal-qorti anke jekk il-leġiżlazzjoni kkontestata kellha tiġi rtirata; jesprimi dispjaċir kbir, f'dan il-kuntest, għad-dewmien tal-Kummissjoni biex tibda proċedimenti ta' ksur;

115. Ifakkar fis-sejbiet tar-Rapport Speċjali tal-Qorti dwar id-Diġitalizzazzjoni tal-Kura tas-Saħħa, li kkonkluda li l-appoġġ tal-Unjoni lill-Istati Membri kien effettiv b'mod ġenerali biex irawwem it-trasformazzjoni diġitali tas-sistemi tal-kura tas-saħħa; jinnota, madankollu, li l-Istati Membri ffaċċjaw diffikultajiet biex jużaw il-fondi tal-Unjoni allokati għal dan l-għan, u jiddispjaċih li filwaqt li l-Kummissjoni timmonitorja l-progress miksub mill-Istati Membri fid-diġitalizzazzjoni tal-kura tas-saħħa, għad ma għandhiex ħarsa ġenerali komprensiva ta' kif il-fondi tal-Unjoni qed jintużaw biex jappoġġjaw dawn l-attivitajiet; jistieden lill-Kummissjoni timplimenta bis-sħiħ ir-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti, b'mod partikolari billi ttejjeb il-gwida għall-Istati Membri, issaħħaħ il-monitoraġġ u s-sorveljanza bbażata fuq il-prestazzjoni tal-fondi tal-Unjoni użati għas-saħħa diġitali u tiżgura li l-investimenti fis-saħħa diġitali jżommu l-ogħla standards ta' protezzjoni tad-data, ċibersigurtà u interoperabbiltà;

116. Jirrikonoxxi li l-programm l-UE għas-Saħħa kkontribwixxa għall-programm InvestEU permezz ta' taħlit mal-garanzija tal-Unjoni, u b'hekk immobilizza investimenti addizzjonali; jinnota b'mod partikolari l-kontribuzzjoni ta' EUR 110 miljun permezz ta' żieda tal-InvestEU li tappoġġja l-investimenti tal-BEI fi proġetti innovattivi tax-xjenza tal-ħajja relatati ma' kontromiżuri mediċi; jissottolinja l-importanza li jiġu żgurati t-trasparenza, il-koordinazzjoni effiċjenti mal-istrumenti ta' finanzjament nazzjonali u tal-Unjoni, u l-aċċess wiesa' għall-Istati Membri sabiex dawn l-investimenti jwasslu valur miżjud Ewropew b'saħħtu u jsaħħu r-reżiljenza tas-sistemi tas-saħħa tal-Unjoni; ifakkar fl-importanza tal-investiment fl-innovazzjoni u t-teknoloġiji mediċi fil-livell Ewropew u l-importanza tat-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tar-riċerka, il-kumpaniji mediċi privati u l-awtoritajiet pubbliċi biex jaqdu aħjar l-interess pubbliku;

117. Jiddispjaċih dwar id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li twaqqaf l-għotjiet operattivi li jappoġġjaw is-settur tas-saħħa li rrappreżentaw ftit aktar

minn 1 % tal-baġit tal-programm l-UE għas-Saħħa fl-2024; josserva li dawn il-bidliet affettwaw kontribut ta' kontinwità għall-objettivi Ewropej tas-saħħa pubblika; jisħaq fuq l-importanza ta' mekkaniżmi ta' appoġġ prevedibbli u stabbli għall-organizzazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati u tas-soċjetà ċivili attivi fis-saħħa; jissuġġerixxi li l-finanzjament futur ikompli jkun ibbażat fuq kriterji ċari ta' valur miżjud Ewropew, trasparenza, newtralità politika, u impatt li jista' jitkejjel, biex jiġi żgurat li r-riżorsi jiġu diretti fejn jipprovdu l-akbar benefiċċju għall-pazjenti u s-sistemi tas-saħħa; jenfasizza r-rwol tal-partijiet ikkonċernati u tal-atturi tas-soċjetà ċivili fil-kontribut għall-objettivi u l-implimentazzjoni tal-politika tas-saħħa tal-Unjoni;

118. Jinnota li l-Kummissjoni allokat EUR 8 miljun fl-2024 u EUR 20,9 miljun fl-2025 għal sejħiet għal proposti għall-produzzjoni ta' kontenut dwar l-affarijiet tal-Unjoni minn konsorzji ta' organizzazzjonijiet tal-media tal-aħbarijiet, u li tliet konsorzji tal-media bħalissa jirċievu finanzjament mill-Unjoni; ifakkar li stampa ħielsa, indipendenti u pluralistika hija pedament tar-responsabbiltà demokratika; iqis li l-appoġġ tal-Unjoni għall-media jista' jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-pluraliżmu tal-media u dibattitu pubbliku infurmat madwar l-Unjoni, dment li jkun hemm fis-seħħ salvagwardji stretti biex jiġu żgurati indipendenza u trasparenza editorjali sħaħ; jissottolinja l-importanza tat-trasparenza fir-rigward tal-appoġġ finanzjarju kollu, inklużi l-għotjiet, il-kuntratti u l-finanzjament indirett ipprovdut lill-organizzazzjonijiet tal-media, u li tali informazzjoni għandha tkun faċilment aċċessibbli u ppreżentata b'mod ċar;

119. Jiddispjaċih li l-Kummissjoni ma kinitx wettqet evalwazzjonijiet *interim* tal-programmi emblematiċi Erasmus+, Korp Ewropew ta' Solidarjetà, u Ewropa Kreattiva qabel l-iskadenza definita legalment; jisħaq li l-evalwazzjonijiet għandhom iservu ta' informazzjoni għat-teħid tad-deċiżjonijiet għall-perjodu ta' programmazzjoni attwali, kif ukoll għal dak futur;

Rakkomandazzjonijiet

120. Jistieden lill-Kummissjoni taġixxi fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti mir-Rapport Annwali tagħha biex tiżgura li:

(i) l-awtoritajiet tal-awditjar isaħħu l-kapaċità ta' kontroll u detezzjoni tagħhom billi jivverifikaw li jippjanaw il-kampjunar kif suppost, jikkonfermaw li l-konformità mal-kriterji ta' eliġibbiltà hija ppruvata, u jżommu dokumentazzjoni xierqa biex jappoġġjaw ir-rekord tal-awditjar;

(ii) meta jkunu ġew identifikati dgħufijiet sistematiċi fi programmi operazzjonali u tkun ġiet imposta rata fissa, l-awtoritajiet tal-Istati Membri ma jużawx il-mekkaniżmu ta' korrezzjoni b'rata fissa biex jevitaw ir-responsabbiltà tagħhom li jiċċekkjaw l-

eliġibbiltà tan-nefqa qabel ma jiddikjarawha lill-Kummissjoni, u tagħmel irkupri individwali kif meħtieġ;

121. Jistieden, barra minn hekk, lill-Kummissjoni:

(i) tkompli tindirizza l-kwistjoni sistemika tan-nuqqas ta' detezzjoni ta' żbalji fil-livell tal-Istati Membri fl-infiq tal-politika ta' koeżjoni bl-implimentazzjoni effettiva tal-pjan ta' azzjoni, bl-għan li tiżdied il-kapaċità ta' detezzjoni fil-livell tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni;

(ii) tkompli ssaħħaħ il-gwida, il-koordinazzjoni u l-monitoraġġ sabiex tiżgura ċertezza legali akbar u użu mill-ġdid aktar effettiv tar-rimborżi madwar l-Istati Membri;

(iii) taħdem mill-qrib mal-Istati Membri, b'mod partikolari dawk li qed jiffaċċjaw restrizzjonijiet strutturali jew ta' kapaċità, biex tipprovdi assistenza teknika, simplifikazzjoni amministrattiva u flessibbiltà suffiċjenti fl-implimentazzjoni sabiex jiġi żgurat l-assorbiment sħiħ u effettiv tal-fondi ta' koeżjoni;

(iv) tiżviluppa metodoloġija biex tkejjel l-impatt finanzjarju kumplessiv tal-investigazzjonijiet tal-UPPE u tal-OLAF, inklużi l-ammonti rkuprati wara deċiżjonijiet tal-qorti nazzjonali fi proċedimenti kriminali, u tikseb informazzjoni regolari mill-Istati Membri dwar l-irkupru tal-assi u s-sehem ritornat lill-baġit tal-Unjoni kif irrakkomandat mill-Qorti;

(v) torbot ir-rakkomandazzjonijiet mir-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt mal-implimentazzjoni ta' miżuri konkreti mill-Istat Membru kkonċernat biex ikollhom impatt aktar b'saħħtu u jikkontribwixxi għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, u jirreferi f'dan ir-rigward għar-rakkomandazzjonijiet li saru fir-riżoluzzjoni tal-Parlament tat-18 ta' Ġunju 2025 dwar ir-Rapport 2024 tal-Kummissjoni dwar l-Istat tad-Dritt;

(vi) iżżid il-monitoraġġ tagħha tal-kundizzjonijiet abilitanti orizzontali u tematiċi fl-Istati Membri kollha biex tidentifika theddid potenzjali għall-protezzjoni tal-Baġit tal-Unjoni u tiżgura trasparenza mtejba u parteċipazzjoni tal-partijiet ikkonċernati fl-applikazzjoni ta' din l-għodda;

(vii) tallinja mill-qrib ir-rapport dwar l-istat tad-dritt mar-Regolament dwar il-Kundizzjonalità u tirrapporta f'aktar dettall dwar il-ksur tal-prinċipji tal-istat tad-dritt li jistgħu jintużaw bħala kontribut biex jiġi skattat ir-Regolament dwar il-Kundizzjonalità;

(viii) teżerċita d-dritt ta' inizjattiva tagħha u tipproponi miżuri biex tagħlaq kwalunkwe lakuna eżistenti fil-qafas leġiżlattiv tal-Unjoni li tista' tippermetti lill-gvernijiet jittrasferixxu fondi

sospiżi f'konformità mar-Regolament dwar il-Kondizzjonalità tal-Istat tad-Dritt jew minħabba n-nuqqas ta' ssodisfar tal-kundizzjonijiet abilitanti orizzontali, u tiżgura li kwalunkwe strument ta' finanzjament futur ikun fih salvagwardji adegwati kontra ċ-ċirkomvenzjoni;

(ix) tivvaluta mill-ġdid u tindirizza b'mod urġenti d-deterjorament tal-istat tad-dritt u r-riskji għall-baġit tal-Unjoni fl-Ungerija, u tieħu l-azzjonijiet kollha meħtieġa f'konformità mar-Regolament dwar il-Kundizzjonalità u għodod oħra disponibbli, inkluża s-sospensjoni sħiħa tal-fondi tal-Unjoni;

(x) twettaq evalwazzjoni *ex post* tal-impatt finanzjarju tal-emendi tal-politika ta' koeżjoni fuq ir-reġjuni tal-fruntiera tal-Lvant, b'mod partikolari l-fondi tal-FEŻR inizjalment allokati għall-kooperazzjoni transfruntiera mar-Russja u mal-Belarussja kif ukoll fondi riallokati fil-kuntest tar-rieżami ta' nofs it-terminu tal-koeżjoni tal-2025, li jkopru l-punt sa fejn il-fondi tal-Unjoni oriġinarjament maħsuba għar-reġjuni li jikkondividu fruntiera mar-Russja u/jew mal-Belarussja fl-aħħar mill-aħħar baqgħu fihom jew għall-kuntrarju ġew diretti xi mkien ieħor, tikkondividi l-evalwazzjoni tagħha mal-awtorità ta' kwittanza, u tipproponi b'mod urġenti appoġġ finanzjarju mmirat għal dawn ir-reġjuni biex jiġi miġġieled l-impatt sproporzjonat tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja, inkluż ir-rimedju tat-telf imġarrab bħala riżultat tal-emendi matul il-perjodu ta' programmazzjoni attwali;

(xi) tikkunsidra mill-ġdid l-approċċ ta' awditu uniku sakemm id-dgħufijiet identifikati fl-awtoritajiet maniġerjali u tal-awditjar fl-Istati Membri jkunu ġew indirizzati;

(xii) tiżgura li jiġu pprovduti għotjiet operattivi taħt il-programm l-UE għas-Saħħa;

Riżorsi naturali u ambjent

122. Jinnota li l-baġit għall-programmi fl-ambitu tal-intestatura 3 tal-QFP "Riżorsi naturali u ambjent" kien ta' EUR 64,4 biljun (33,7 % tal-baġit tal-Unjoni) imqassam kif ġej: 59,2 % ta' din in-nefqa ġiet allokata għall-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) – pagamenti diretti (EUR 38,1 biljun), segwit mill-FAEŻR (EUR 15,5 biljun, 24,0 %), il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (EUR 6,2 biljun, 9,5 %), il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) – nefqa relatata mas-suq (EUR 2,7 biljun, 4,1 %), l-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (EUR 1,3 biljun, 2,0 %), l-Ambjent u l-Klima (LIFE) (EUR 600 miljun, 0,9 %) u oħrajn (EUR 200 miljun, 0,3 %);

123. Jissottolinja li fl-2024 il-politika agrikola komuni (PAK) kienet tirrappreżenta s-sehem ewlieni (87,3 %) tal-infiq tal-Unjoni fuq ir-riżorsi naturali u l-ambjent; ifakkar li l-2024 kienet it-tieni sena tal-

PAK 2023-2027, li introduċiet mudell ta’ implimentazzjoni ġdid li jinkorpora elementi bbażati fuq il-prestazzjoni, miftiehma mal-Istati Membri fil-Pjanijiet Strateġiċi, bħala l-bażi għall-pagamenti;

124. Jinnota l-fatt li fi tmiem l-2024, il-pagamenti mill-FAEŻR 2023-2027 ammontaw għal EUR 6,3 biljun (fl-2023: EUR 700 miljun), li jirrappreżentaw rata ta’ assorbiment ta’ 9,5 % (meta mqabbla ma’ 1 % fl-2023); jisħaq li l-pagamenti mdewma jimminaw l-istabbiltà tal-introjtu tal-bdiewa; jinnota wkoll ir-rata ta’ assorbiment ta’ 32 % tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta; jinnota bi tħassib ir-rata baxxa ta’ assorbiment tal-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura (FEMSA), li laħqet biss 3 % sa tmiem l-2024,

125. Jinnota li l-Qorti eżaminat kampjun ta’ 228 tranżazzjoni li jkopru l-firxa sħiħa ta’ nfiq fl-ambitu ta’ din l-intestatura tal-QFP fi 19-il Stat Membru u fir-Renju Unit; jinnota bi tħassib li l-Qorti tistma li l-livell ta’ żball għal din l-intestatura huwa ta’ 2,6 % (fl-2023: 2,2 %); jinnota wkoll li l-Qorti sabet tmien żbalji kwantifikabbli (jiġifieri żbalji b’impatt finanzjarju dirett fuq il-baġit tal-Unjoni) fl-iżvilupp rurali, tmienja fi tranżazzjonijiet tal-ekoskemi, tip ġdid ta’ intervent introdott fl-ambitu tal-PAK 2023-2027 biex jiġu appoġġjati prattiki agrikoli li jikkontribwixxu għall-għanijiet klimatiċi u ambjentali u għat-trattament xieraq tal-annimali, tlieta f’pagamenti diretti esklużi l-ekoskemi, tnejn f’interventi fis-suq, u wieħed fi tranżazzjoni ta’ ġestjoni kondiviża fl-ambitu tal-FEMSA; josserva li l-Qorti identifikat ukoll 19-il kwistjoni oħra ta’ konformità mingħajr ebda impatt finanzjarju fuq il-baġit tal-Unjoni;

126. Jinnota l-kategorizzazzjoni tal-iżbalji mill-Qorti, bi żbalji amministrattivi li jammontaw għal 44 % tal-iżbalji, kwistjonijiet ta’ ineliġibbiltà għal 28 %, nuqqas ta’ rispett tal-impenji agroambjentali, klimatiċi jew tal-ekoskemi għal 16 % u l-għoti ta’ informazzjoni mhux preċiża dwar iż-żoni jew l-annimali għal 12 %;

127. Jesprimi t-tħassib tiegħu li fil-każ ta’ 13-il żball kwantifikabbli, il-Qorti tqis li l-awtoritajiet tal-Istati Membri kellhom biżżejjed informazzjoni biex jipprevjenu, jew jidentifikaw u jikkoreġu l-iżball qabel ma aċċettaw in-nefqa u li, kieku l-awtoritajiet tal-Istati Membri għamlu użu xieraq mill-informazzjoni kollha għad-dispożizzjoni tagħhom, il-livell ta’ żball stmat għal din l-intestatura kien ikun 2,2 punti perċentwali aktar baxx;

128. Jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa ta’ simplifikazzjoni, żvilupp ulterjuri u promozzjoni tal-għodod diġitali, u kontrolli aktar b’saħħithom biex jitnaqqas il-livell ta’ nefqa ineliġibbli; jisħaq fuq l-importanza li jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi fuq il-bdiewa biex tissaħħaħ il-ġestjoni finanzjarja tajba;

129. Jinsab moħħu mistrieħ mill-konklużjoni tal-Qorti li l-pagamenti diretti fl-ambitu tal-PAK, esklużi l-ekoskemi baqgħu ħielsa minn żbalji

materjali fl-2024; jirrikonoxxi l-valutazzjoni tal-Kummissjoni li dan jikkonferma r-rwol importanti li għandha s-Sistema Integrata ta' Amministrazzjoni u Kontroll (SIAK) fil-prevenzjoni u t-tnaqqis tar-riskju ta' żbalji, peress li l-pagamenti diretti huma ġestiti minn kull Stat Membru permezz tas-SIAK, li tgħaqqad flimkien il-bażijiet tad-data tal-azjendi agrikoli, l-applikazzjonijiet għall-għajnuna, ir-reġistri tal-annimali u ż-żoni agrikoli;

130. Ifakkar li skont il-mudell ibbażat fuq il-prestazzjoni tal-PAK 2023-2027, l-Istati Membri stabbilew ir-regoli li għandhom jiġu rrispettati mill-benefiċjarji finali f'konformità mal-qafas ġenerali tal-Unjoni, filwaqt li l-Kummissjoni tiffoka fuq ir-riżultati tal-prestazzjoni u l-funzjonament tas-sistemi li l-Istati Membri stabbilew biex jiżguraw ir-rispett ta' dawk il-kundizzjonijiet u mhux aktar fuq it-tranżazzjonijiet individwali; ifakkar ukoll li kif xieraq għall-PAK 2023-2027, l-Istati Membri huma obbligati jirrapportaw lill-Kummissjoni dwar l-indikaturi tal-output u tar-riżultati relatati mal-prestazzjoni tal-politika, u mhux dwar l-istatistika ta' kontroll; jinnota l-osservazzjoni tal-Qorti fir-rapport speċjali 07/2024 tagħha bit-titolu "Is-sistemi tal-Kummissjoni għall-irkupru tan-nefqa irregolari tal-UE" li l-irkupri li jikkonċernaw in-nefqa agrikola kienu relattivament ta' suċċess, attribwiti parzjalment għall-hekk imsejħa regola 50/50 li inċentivat lill-Istati Membri jirkupraw il-fondi; jinnota li din ir-regola ma ġietx miżmuma fil-PAK 2023-2027 u t-twissija tal-Qorti li dan għandu mnejn iwassal għal deterjorament tar-rata ta' rkupru għan-nefqa agrikola;

131. Jinnota t-tweġibiet tal-Kummissjoni lill-Qorti li hija tqis li l-ħidma tal-awditjar tal-Korpi taċ-Ċertifikazzjoni għadha element ewlieni ta' aċċertament għan-nefqa tal-PAK fl-ambitu tal-Pjanijiet Strateġiċi; jinnota, barra minn hekk, li għall-PAK 2023-2027, l-Istati Membri huma meħtieġa jirrapportaw lill-Kummissjoni l-pakketti ta' aċċertament tagħhom, inklużi r-rapporti annwali l-ġodda dwar il-prestazzjoni u l-opinjoni tal-Korp taċ-Ċertifikazzjoni u r-rapporti ta' akkumpanjament, li l-Kummissjoni mbagħad tuża, flimkien mar-riżultati tas-sejbiet tal-awditjar tagħha stess u dawk tal-Qorti, biex tikkonkludi dwar l-aċċertament għan-nefqa tal-PAK; jissottolinja li l-Kummissjoni ma tikkalkulax rata ta' żball jew riskju fil-waqt tal-pagament għan-nefqa fl-ambitu tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK; jirrikonoxxi l-ispjegazzjoni tal-Kummissjoni li peress li 74,8 % tan-nefqa tal-intestatura 3 tal-QFP fl-2024 kienet tikkorrispondi għal nefqa bbażata fuq il-prestazzjoni fl-ambitu tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, ma seta' jiġi ddeterminat l-ebda riskju fil-waqt tal-pagament għal din l-intestatura u, bħala konsegwenza, għall-baġit tal-Unjoni kollu kemm hu;

132. Josserva li għall-2024, id-Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (DĠ AGRI) ivvaluta 82 % tal-infiq tal-PAK 2023-2027 bħala ta' riskju baxx, 11 % bħala ta' riskju medju, u l7 % li jifdal bħala ta' riskju għoli; jinnota l-kjarifika tal-Qorti li l-infiq b'riskju

baxx jikkorrispondi għal interventi mhux affettwati minn nuqqasijiet serji potenzjali fis-sistemi ta' governanza tagħhom u li l-biċċa l-kbira tal-infiq b'riskju baxx huwa relatat ma' pagamenti diretti u appoġġ ieħor kopert mis-SIAK; jinnota wkoll li fir-Rapport Annwali tal-Attività tiegħu għall-2024, id-DĠ AGRI għaqqad ir-riżultat tal-pagamenti bbażati fuq il-prestazzjoni u bbażati fuq il-konformità u kkonkluda li b'mod ġenerali 77 % tal-infiq tal-PAK fl-2024 kien ta' riskju baxx (meta mqabbel ma' 69 % tal-infiq tal-PAK fl-2023 u 72 % fl-2022), 10 % kien ta' riskju medju, u 13 % kien ta' riskju għoli;

133. Jinnota bi tħassib ir-riżervi maħruġa fir-Rapport Annwali tal-Attività tad-DĠ AGRI għall-2024, jiġifieri għaxar riżervi għal disa' Stati Membri għan-nefqa tas-SIAK fl-ambitu tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK minħabba nuqqasijiet serji potenzjali identifikati fil-funzjonament tas-sistemi ta' governanza, 6 riżervi għal ħames Stati Membri dwar in-nefqa mhux tas-SIAK fl-ambitu tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK minħabba nuqqasijiet serji potenzjali identifikati fil-funzjonament tas-sistemi ta' governanza, sitt riżervi għal erba' Stati Membri dwar l-interventi fis-suq minħabba l-okkorrenza sinifikanti ta' dgħufijiet fil-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet bażi, bl-ammont f'riskju stmat għal EUR 14,92-il miljun, riżerva waħda għal Stat Membru wieħed dwar il-pagamenti diretti fl-ambitu tal-programm ta' soluzzjonijiet speċifiċi relatati mal-periferiċità u l-insularità (POSEI) minħabba l-okkorrenza sinifikanti ta' dgħufijiet fil-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet bażi, bl-ammont f'riskju stmat għal EUR 28,83 miljun, 12-il riżerva għal għaxar Stati Membri dwar l-iżvilupp rurali minħabba l-okkorrenza sinifikanti ta' dgħufijiet fil-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet bażi, bl-ammont f'riskju stmat għal EUR 209,80 miljun;

134. Jilqa' l-fatt li bħala parti mill-awditu tagħha tal-2024, il-Qorti ġabret u analizzat ukoll informazzjoni dwar l-introduzzjoni ta' rapporti annwali dwar il-prestazzjoni għall-PAK 2023-2027; jinsab moħħu mistrieħ mill-konklużjoni ġenerali tal-Qorti li r-rapportar annwali dwar il-prestazzjoni, fil-biċċa l-kbira tiegħu, ġie introdott kif ippjanat u li ma identifika l-ebda kwistjoni bid-data rrapportata; jinsab moħħu mistrieħ mis-sejba tal-Qorti li għad-disa' aġenziji tal-pagamenti li rrieżaminat, tista' tiġi stabbilita korrispondenza bejn il-pagamenti li saru u l-outputs irreġistrati fis-sistemi tal-IT tagħhom għall-produzzjoni tar-rapporti annwali dwar il-prestazzjoni;

135. Jinnota s-sejba tal-Qorti, ibbażata fuq l-istħarriġ tagħha ta' 19-il Stat Membru, li s-sistemi ta' rapportar dwar il-prestazzjoni tal-aġenziji tal-pagamenti kienu għadhom qed jiġu żviluppati fl-2024, bi 18-il aġenzija tal-pagamenti li awtomatizzaw il-produzzjoni ta' indikaturi tal-prestazzjoni u tnejn li użaw approċċ manwali jew parzjalment awtomatizzat biex jipproduċu xi indikaturi ewlenin tal-output għar-rapporti annwali tal-prestazzjoni tagħhom tal-2024; jinnota bi tħassib li s-sistemi tal-IT użati għall-produzzjoni tar-rapporti annwali dwar il-prestazzjoni, fiż-żmien tal-ħidma tal-awditjar tal-Qorti, kienu

għadhom ma għaddewx minn ittestjar sħiħ biex tiġi vverifikata l-konformità tagħhom mal-istandards internazzjonali tas-sigurtà tal-informazzjoni (ISO 27001);

136. Ifakkar li l-PAK 2023-2027 hija strutturata madwar għaxar objettivi ewlenin, inkluż l-iżgurar ta' introjtu vijabbli, ġust u stabbli għall-bdiewa, is-salvagwardja tas-sigurtà tal-ikel u t-tisħiħ tar-reżiljenza tas-settur agrikolu; iqis li l-appoġġ dirett għall-introjtu fl-ambitu tal-PAK għandu jkun immirat aħjar għall-bdiewa impenjati b'mod attiv fil-produzzjoni agrikola, filwaqt li jippreserva ċ-ċertezza legali u jevita restrizzjonijiet amministrattivi eċċessivi, b'enfasi speċifika fuq dawk l-aktar fil-bżonn, bħal azjendi agrikoli żgħar u tal-familja, azjendi agrikoli f'żoni bi sfidi naturali jew sfidi speċifiċi oħra, bdiewa żgħażagħ u bdiewa nisa; jistieden lill-Kummissjoni ttejjeb l-effiċjenza u l-immirar tal-fondi agrikoli tal-Unjoni u tiżgura li l-bdiewa attivi biss jirċievu appoġġ dirett għall-introjtu, filwaqt li fl-istess ħin tiżgura l-proporzjonalità u żżomm kontrolli robusti;

137. Jinnota l-konklużjonijiet tal-Qorti tal-2025 dwar il-finanzjament tal-Unjoni għal azzjoni relatata man-nirien fil-foresti: filwaqt li l-Istati Membri użaw dejjem aktar il-fondi tal-Unjoni għall-prevenzjoni, il-Kummissjoni kellha ħarsa ġenerali mhux kompluta tal-infiq totali fuq in-nirien fil-foresti u l-monitoraġġ tar-riżultati kien dgħajjef, kwistjoni b'implikazzjonijiet agrikoli u rurali ċari; jistieden lill-Kummissjoni ttejjeb l-aggregazzjoni tal-infiq relatat man-nirien fil-foresti u ssaħħaħ il-monitoraġġ tal-eżiti u s-sostenibbiltà fit-tul tal-miżuri preventivi;

138. Jisħaq li fil-kuntest ta' riskji dejjem jikbru ta' diżastri naturali, il-Kummissjoni u l-Istati Membri jeħtiġilhom jiżguraw li l-miżuri ta' prevenzjoni ffinanzjati mill-Unjoni jkunu mmirati sew, ibbażati fuq valutazzjonijiet tar-riskju aġġornati, u sostnuti lil hinn minn ċikli ta' proġetti ta' darba sabiex l-investimenti jwasslu għal benefiċċji dejjiema għall-agrikoltura u l-komunitajiet rurali;

139. Jinsab imħasseb dwar l-allegazzjonijiet ta' frodi fuq skala kbira li jaffettwaw il-fondi agrikoli tal-Unjoni, li ġew irrapportati għall-ewwel darba fil-media fi Frar 2025, fir-rigward tal-Aġenzija Griega ta' Pagament u Kontroll għall-Għajnuna Komunitarja ta' Gwida u Garanzija (OPEKEPE); ifakkar li l-UPPE ppubblika stqarrija għall-istampa f'Mejju 2025 li tikkonferma li kien qed iwettaq investigazzjoni dwar allegata skema ta' frodi organizzata li tinvolvi fondi agrikoli u korruzzjoni li tinvolvi uffiċjali pubbliċi tal-OPEKEPE; ifakkar li l-UPPE, skont rapporti tal-istampa, għadda informazzjoni lill-Parlament Grieg bil-ħsieb li jinvestiga żewġ ministri li aktar tard irriżenjaw; jinnota bi tħassib l-istqarrija għall-istampa tal-UPPE tat-22 ta' Ottubru 2025 li tispjega li matul l-investigazzjoni preliminari tal-UPPE, ġie identifikat grupp kriminali organizzat, allegatament involut fi skema sistematika ta' frodi fis-sussidji fuq skala kbira u attivitajiet ta' ħasil tal-flus; jirrikonoxxi l-miżuri meħuda mill-

awtoritajiet Griegi mingħajr dewmien, inkluża fost l-oħrajn id-deċiżjoni li tiġi stabbilita task force investigattiva speċjali, li tinkludi l-Pulizija Finanzjarja u l-Awtorità Indipendenti għad-Dħul Pubbliku; jissottolinja, f'dan il-kuntest, li l-assi ta' diversi individwi suspettati b'involviment fl-attivitajiet kriminali allegati ġew sekwestrati;

140. Jirrikonoxxi li fir-Rapport Annwali tal-Attività tiegħu għall-2024, id-DĠ AGRI ħareġ erba' riżervi relatati man-nefqa ġestita mill-OPEKEPE; jinnota li riżerva waħda bħal din tkopri l-interventi kollha tas-SIAK fl-ambitu tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, peress li l-awditu tal-konformità tad-DĠ AGRI u l-ħidma tal-korp taċ-ċertifikazzjoni żvelaw għadd ta' nuqqasijiet serji potenzjali fir-rigward tal-implimentazzjoni tas-sistema ta' identifikazzjoni għall-bċejjeċ tar-raba', kif ukoll fit-tfassil u l-funzjonament tas-sistema ta' ġestjoni u kontroll; jinnota li nħarġet riżerva oħra dwar in-nefqa mhux tas-SIAK fl-ambitu tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK li jkopru s-settur tal-inbid u l-apikultura minħabba nuqqasijiet serji potenzjali fir-rigward tat-tfassil jew l-istabbiliment tas-sistemi li ma jkoprux il-prinċipji tal-ekonomija, l-effiċjenza u l-miżuri biex jiġi evitat finanzjament doppju; jinnota li t-tielet riżerva għall-OPEKEPE tikkonċerna l-programmi ta' żvilupp rurali 2014-2022, li għalihom ir-rata ta' żball aġġustata hija stmata li hija ta' 7,45 %, minħabba l-awditi tad-DĠ AGRI fl-2023 u l-2024 li identifikaw diversi dgħufijiet relatati mas-sistema ta' identifikazzjoni tal-irqajja' tal-art, dgħufijiet fil-kontrolli fuq il-post tal-OPEKEPE, nuqqasijiet serji fir-rigward tas-superviżjoni u l-kontrolli tal-gruppi ta' azzjoni lokali, proċeduri biex jiġi vverifikat il-ħolqien potenzjali ta' kundizzjonijiet artifiċjali, kontrolli fuq il-finanzjament doppju u l-akkwist pubbliku u nuqqasijiet fl-evalwazzjoni tar-raġonevolezza tal-kostijiet u l-verifika tal-istatus ta' SME; jinnota li nħarġet ir-raba' riżerva dwar l-interventi fis-suq barra mill-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK li jkopru l-organizzazzjonijiet tal-produtturi tal-frott u l-ħxejjex u miżuri eċċezzjonali, li għalihom hija stmata rata ta' żball aġġustata ta' 10 % wara l-awditu tad-DĠ AGRI fl-2024 li identifika nuqqasijiet fil-kontrolli amministrattivi u fuq il-post li għandhom impatt fuq miżuri eċċezzjonali u minħabba l-fatt li, abbażi tal-valutazzjoni tal-Korp taċ-Ċertifikazzjoni, saru aġġustamenti fir-rati ta' żball għall-organizzazzjonijiet tal-produtturi tal-frott u l-ħxejjex u fil-promozzjoni; jirrikonoxxi li l-Awtoritajiet Griegi fasslu Pjan ta' Azzjoni, li ġie aċċettat mid-DĠ AGRI bħala bażi suffiċjenti biex jiġu rimedjati n-nuqqasijiet imsemmija hawn fuq; ifakkar li l-miżuri korrettivi kollha huma soġġetti għal monitoraġġ kontinwu mill-Kummissjoni; jinsisti li l-Kummissjoni tirrapporta lill-awtorità ta' kwittanza dwar l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni u dwar titjib li jista' jitkejjel fil-prestazzjoni tal-kontroll;

141. Jirrikonoxxi t-tweġibiet bil-miktub tal-Kummissjoni li fl-2023 u għal darb'oħra f'Ġunju 2024, id-DĠ AGRI talab li l-awtorità kompetenti Griega tqiegħed l-akkreditazzjoni tal-OPEKEPE taħt prova; jinnota l-ispjegazzjoni fir-Rapport Annwali tal-Attività tad-DĠ AGRI li n-nuqqasijiet li jaffettwaw diversi kriterji ta' akkreditazzjoni ġew

identifikati mill-Korp taċ-Ċertifikazzjoni u mid-DĠ AGRI, u b'riżultat ta' dan, l-awtoritajiet Griegi poġġew l-akkreditazzjoni tal-OPEKEPE taħt prova f'Settembru 2024 u fasslu pjan ta' azzjoni ta' akkreditazzjoni; jinnota wkoll li l-Kummissjoni qed issegwi l-progress tal-implimentazzjoni ta' dan il-pjan ta' azzjoni ta' rimedju; jinsisti li l-Kummissjoni tikkondividi l-aħħar pjan ta' azzjoni rivedut u l-valutazzjoni tiegħu mal-awtorità ta' kwittanza; jirrikonoxxi li l-awtoritajiet Griegi ħadu miżuri korrettivi mingħajr dewmien biex jindirizzaw id-dgħufijiet strutturali identifikati, itejbu t-trasparenza tal-benefiċjarji u jsaħħu l-kontrolli u l-miżuri kontra l-frodi; jilqa' f'dan il-kuntest, ir-riforma introdotta reċentement bil-liġi għat-trasferiment sħiħ tal-OPEKEPE lill-Awtorità Indipendenti għad-Dħul Pubbliku (AADE);

142. Jinnota t-tweġiba tal-Kummissjoni li f'Ġunju 2025, il-Kummissjoni applikat korrezzjoni finanzjarja ta' EUR 415-il miljun għan-nuqqasijiet identifikati fis-sistema ta' ġestjoni u kontroll fil-Greċja matul is-snin 2015-2022[11]; jinnota bi tħassib li l-Kummissjoni kienet konxja ta' nuqqasijiet serji relatati mal-OPEKEPE mill-anqas mill-2021, peress li inkjesta ta' konformità relatata mal-akkreditazzjoni li kienet għaddejja dak iż-żmien kienet diġà ġiet irrapportata fir-Rapport Annwali tal-Attività tad-DĠ AGRI għall-2021; jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-Kummissjoni ma ħaditx azzjoni aktar kmieni biex tinvestiga bir-reqqa n-nuqqasijiet serji li nstabu fir-rigward tal-ħidma tal-OPEKEPE, timmitiga r-riskji u tipproteġi aħjar il-baġit tal-Unjoni;

143. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar l-għadd ta' irregolaritajiet u allegazzjonijiet ta' frodi relatati ma' guesthouses iffinanzjati mill-Unjoni; jinnota t-tweġibiet bil-miktub tal-Kummissjoni li għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2022, ġew iffinanzjati guesthouses, flimkien ma' tipi oħra ta' investimenti, taħt is-submiżura 6.4 tal-Iżvilupp Rurali (investimenti fil-ħolqien u l-iżvilupp ta' attivitajiet mhux agrikoli) u l-programm Leader; jesprimi dispjaċir għall-fatt li, peress li l-Istati Membri mhumiex qed jirrapportaw lill-Kummissjoni l-għadd u t-tip ta' investimenti appoġġjati minn dawn il-miżuri, il-Kummissjoni ma setgħetx tipprovdi lill-awtorità ta' kwittanza ħarsa ġenerali lejn il-proġetti ta' gwida ffinanzjati mill-Unjoni; jinnota li l-awditi tal-Kummissjoni dwar il-miżuri ta' żvilupp rurali huma bbażati fuq is-sistemi u ma jivvalutawx il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet individwali; jirrikonoxxi t-tweġiba bil-miktub tal-Kummissjoni li s-sejbiet dwar is-sistema ta' ġestjoni u kontroll implimentata mill-Istati Membri b'rabta mal-guesthouses tqajmu fl-

---

11 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1147 tal-11 ta' Ġunju 2025 li teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ċertu nefqa mġarrba minn ċerti Stati Membri fl-ambitu tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u fl-ambitu tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (ĠU L, 2025/1147, 13.6.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2025/1147/oj).

Ungerija, fis-Slovakkja (miżura 6.4) u fil-Greċja (Leader); iqis li minħabba l-għadd ta' allegazzjonijiet ta' frodi marbuta ma' guesthouses, il-Kummissjoni għandha timmonitorja u tawditja wkoll proġetti ta' guesthouse individwali, inkluż l-użu tagħhom lil hinn mill-perjodu ta' implimentazzjoni tal-proġett u tikkunsidra li testendi l-perjodu ta' durabbiltà għal dawn it-tipi ta' proġetti biex tipprevjeni aktar użu ħażin kif ukoll tintroduċi kontrolli stretti tal-kunflitt ta' interess bħala prerekwiżit għall-allokazzjoni tal-fondi tal-Unjoni biex jinbnew guesthouses;

144. Ifakkar li Prim Ministru preċedenti taċ-Ċekja nstab li kien f'sitwazzjoni ta' kunflitt ta' interess matul il-mandat preċedenti tiegħu u r-riżoluzzjoni relatata tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2018[12]; jinnota t-tweġibiet bil-miktub tal-Kummissjoni dwar il-miżuri meħuda b'reazzjoni għall-kunflitt ta' interess li jirriżulta mis-sjieda tiegħu ta' kumpanija azzjonarja privata waqt li kellu kariga pubblika u li f'Marzu 2020 il-Kummissjoni ssospendiet il-pagament ta' proġett wieħed b'valur ta' EUR 30 606,96; jinnota li f'Ġunju 2022, il-Kummissjoni applikat korrezzjoni finanzjarja ta' EUR 3,3 miljun għaċ-Ċekja, li parti minnha (EUR 30 606,96) kienet tikkonċerna s-sitwazzjoni ta' kunflitt ta' interess tal-Prim Ministru matul il-mandat tiegħu li ntemm fl-2021[13]; jinsisti li l-Kummissjoni għandha tkompli timmonitorja kunflitti ta' interess possibbli li għandhom imnejn jaffettwaw il-fondi tal-Unjoni, speċjalment fir-rigward tal-uffiċjali eletti, u tieħu azzjoni biex tipproteġi l-baġit tal-Unjoni;

145. Jinnota li wara l-elezzjonijiet nazzjonali, gvern ġdid ħa l-kariga fiċ-Ċekja f'Diċembru 2025; jieħu nota tad-dikjarazzjonijiet pubbliċi tal-Prim Ministru, li jindikaw l-intenzjoni li jċedu s-sjieda u l-kontroll tal-interessi kummerċjali li potenzjalment jibbenefikaw mill-fondi tal-Unjoni permezz tal-ħolqien ta' arranġament fiduċjarju allegatament irriversibbli; jinnota, madankollu, li minn nofs Jannar 2026, ma ġiet ipprovduta l-ebda dokumentazzjoni legali disponibbli għall-pubbliku biex turi l-istabbiliment effettiv u s-salvagwardji operattivi ta' tali arranġamenti u li l-Prim Ministru taċ-Ċekja għadu, fil-preżent, is-sid ta' Agrofert u interessi kummerċjali oħra li potenzjalment jistgħu jibbenefikaw mill-fondi tal-Unjoni; jisħaq li s-sempliċi tħabbira ta' arranġamenti futuri mhuwiex biżżejjed biex jelimina t-tħassib dwar il-kunflitt ta' interess; jinsisti li kwalunkwe arranġament futur irid jiżgura t-tneħħija effettiva tal-interessi u l-influwenza ekonomiċi, f'konformità mar-regoli tal-Unjoni dwar il-kunflitt ta' interess; jilqa' r-

---

12 Testi adottati, P8_TA(2018)0530.

13 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/908 tat-8 ta' Ġunju 2022 li teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ċertu nefqa mġarrba mill-Istati Membri taħt il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (ĠU L 157, 10.6.2022, p. 15, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2022/908/oj).

rapporti reċenti tal-media li l-Kummissjoni talbet formalment informazzjoni dettaljata mill-awtoritajiet Ċeki dwar il-miżuri stabbiliti biex jipprevjenu kunflitti ta' interess potenzjali fir-rigward ta' kumpaniji li huma proprjetà tal-Prim Ministru jew ikkontrollati minnu, u fittxet assigurazzjonijiet li l-ebda fond ulterjuri tal-Unjoni ma jiġi dirett lejn Agrofert sakemm is-sitwazzjoni tiġi ċċarata bis-sħiħ;

146. Ifakkar li l-klima u l-bijodiversità huma tnejn mill-prijoritajiet ta' politika orizzontali għall-baġit tal-Unjoni 2021-2027; jinnota li l-Kummissjoni tiddefinixxi l-integrazzjoni tal-klima u tal-bijodiversità bħala l-kunsiderazzjoni sistematika tal-objettivi tal-klima u tal-bijodiversità fit-tfassil, it-tħejjija, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni ta' kull programm ta' nfiq;

147. Ifakkar li l-Ftehim Interistituzzjonali tal-2020 stabbilixxa mira vinkolanti ta' 30 % għall-infiq fuq il-klima, iżda biss "ambizzjoni" annwali ta' 7,5 % fl-2025 u 10 % fl-2026 u l-2027 għall-infiq fuq il-bijodiversità; jinnota li l-Kummissjoni ssegwi l-infiq tal-Unjoni fuq attivitajiet relatati mal-klima u l-bijodiversità permezz ta' metodoloġiji dedikati; jisħaq li l-metodoloġiji ta' traċċar tal-klima u tal-bijodiversità huma sistemi ta' tikkettar *ex ante* bbażati fuq l-effett mistenni tal-attivitajiet u ma jqisux ir-riżultati; ifakkar li l-integrazzjoni tal-prijoritajiet fil-baġit tal-Unjoni tinvolvi l-kunsiderazzjoni ta' dik il-prijorità fl-istadji kollha taċ-ċiklu baġitarju; jissottolinja, għalhekk, li t-traċċar tal-infiq relatat mal-objettivi tal-klima jew tal-bijodiversità huwa biss pass wieħed f'ċiklu ta' bbaġitjar ekoloġiku komprensiv, li fih l-objettivi tal-klima u tal-bijodiversità jitqiesu matul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-baġit;

148. Jinnota li bl-applikazzjoni tal-metodoloġiji tagħha ta' traċċar tal-klima u tal-bijodiversità, il-Kummissjoni tikkalkula li l-Unjoni tinsab fit-triq it-tajba biex tilħaq il-mira tagħha ta' nfiq ta' 30 % għall-klima għall-2021-2027 u l-ambizzjoni tagħha ta' nfiq fuq il-bijodiversità ta' 7,5 % għall-2024; jesprimi dispjaċir għall-fatt li mhijiex fit-triq it-tajba biex tilħaq l-ambizzjoni tagħha ta' nfiq fuq il-bijodiversità ta' 10 % għall-2026 u l-2027; jinnota li hemm diskrepanza finanzjarja annwali medja ta' EUR 21,4 biljun biex jintlaħqu l-għanijiet tal-bijodiversità[14]; jissottolinja li ż-żieda fl-allokazzjonijiet baġitarji trid tkun akkumpanjata minn titjib fl-effettività, monitoraġġ aħjar tal-eżiti tal-bijodiversità, filwaqt li jiżgura li dan il-bidliet ma joħolqux piżijiet amministrattivi sproporzjonati għall-bdiewa u għall-awtoritajiet lokali;

149. Jinsab imħasseb li f'diversi awditi, il-Qorti sabet li l-kontribuzzjoni

---

14 KE, 2022, Biodiversity financing and tracking: final report, (Il-finanzjament u t-traċċar tal-bijodiversità: rapport finali), Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, (https://data.europa.eu/doi/10.2779/950856).

tal-fondi tal-Unjoni għall-objettivi klimatiċi ma kinitx ċara u kienet potenzjalment stmata żżejjed minħabba dgħufijiet fil-metodoloġiji ta' traċċar tal-Kummissjoni; ifakkar li fir-rapport speċjali 09/2022 tagħha dwar l-infiq fuq il-klima fil-baġit tal-UE għall-perjodu 2014-2020, il-Qorti sabet li l-kontribuzzjoni għall-klima tal-baġit tal-Unjoni kienet ġiet sopravalutata b'EUR 72 biljun fl-ambitu tal-QFP 2014-2020, peress li l-infiq irrapportat mhux dejjem kien rilevanti għall-azzjoni klimatika, b'mod partikolari fl-ambitu tal-PAK; huwa konxju li b'rispons għar-rapport speċjali t'hawn fuq, il-Kummissjoni awtorizzat studju bil-għan li jiġi stabbilit approċċ aktar xjentifiku biex jiġi kwantifikat il-kontribut tal-PAK għall-klima u jqis li l-istudju għandu jkun pubbliku; jistenna bil-ħerqa li jirċievi l-valutazzjoni tal-Qorti tas-segwitu tal-Kummissjoni tar-rakkomandazzjonijiet tagħha li saru fir-rapport speċjali 09/2022 fl-2026;

150. Jinnota t-tweġiba bil-miktub tal-Kummissjoni li mill-2021 sal-2023, l-emissjonijiet ta' gassijiet serra agrikoli fl-Unjoni naqsu bi 3 %, filwaqt li dawk għall-provvista tal-enerġija u l-industrija naqsu b'16 %; iqis li l-oqsma ta' politika u l-attivitajiet kollha jridu jikkontribwixxu b'mod ġust għat-tnaqqis tal-emissjonijiet; jinnota r-Rapport Speċjali 20/2024 tal-Qorti dwar il-Pjanijiet tal-Politika Agrikola Komuni u t-tweġiba tal-Kummissjoni; jinnota, b'mod partikolari, il-valutazzjoni tal-Qorti li l-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK 2023-2027 jirrappreżentaw titjib meta mqabbla mal-perjodu ta' programmazzjoni preċedenti, inkluż fir-rigward ta' kunsiderazzjonijiet klimatiċi u ambjentali, għalkemm il-qafas ta' monitoraġġ u prestazzjoni jista' jissaħħaħ aktar; jilqa' l-fatt li l-Qorti tirrakkomanda wkoll lill-Kummissjoni tistma l-kontribut tal-PAK għall-miri tal-Patt Ekoloġiku u ssaħħaħ il-qafas ta' monitoraġġ futur tal-PAK bil-għan li ttejjeb il-kontribut tiegħu għall-objettivi tal-Unjoni f'dak li jikkonċerna l-klima u l-ambjent; iqis li t-titjib fil-qafas ta' monitoraġġ u prestazzjoni ma għandux jirriżulta f'piż amministrattiv addizzjonali għall-bdiewa jew għall-awtoritajiet ta' ġestjoni;

151. Jinnota r-Rapport Speċjali 14/2024 tal-Qorti "Tranżizzjoni ekoloġika – Mhijiex ċara l-kontribuzzjoni mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza" u t-tweġiba tal-Kummissjoni; jieħu nota tas-sejbiet tal-Qorti li jenfasizzaw id-dgħufijiet u l-limitazzjonijiet fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza fir-rigward tal-kejl tal-kontribut tagħha għall-objettivi klimatiċi u ambjentali; jinnota li l-Qorti sabet li t-traċċar tan-nefqa fuq il-klima jinvolvi livell għoli ta' approssimazzjoni u xi koeffiċjenti kienu qed iwasslu għal sopravalutazzjonijiet potenzjali; jilqa' l-fatt li l-Qorti tirrakkomanda li l-Kummissjoni tirfina aktar il-metodoloġiji biex tistma l-infiq fuq il-klima taħt strumenti ta' finanzjament futuri u tinkorpora l-lezzjonijiet fid-disinn tal-istrumenti ta' finanzjament futuri li jappoġġjaw l-objettivi u l-miri klimatiċi u ambjentali;

152. Jinnota r-Rapport Speċjali 15/2024 tal-Qorti dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima fl-Unjoni u t-tweġiba tla-Kummissjoni; japprezza l-

konklużjoni tal-Qorti li l-qafas ġenerali tal-Unjoni għall-politika ta' adattament kien sod; jinsab imħasseb dwar is-sejba li l-Istati Membri xi drabi użaw data xjentifika skaduta għad-dokumenti ta' strateġija nazzjonali ta' adattament tagħhom u li r-rapportar tal-Istati Membri dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima ma kienx biżżejjed u ftit li xejn żied valur f'termini ta' traċċar tal-progress; jinsab diżappuntat bis-sejbiet tal-Qorti li terz tal-proġetti li kienu parti mill-kampjun kellhom ftit jew l-ebda impatt fuq iż-żieda fil-kapaċità ta' adattament u li hemm riskju li żewġ proġetti (minn 36) għandhom imnejn jirriżultaw f'adattament ħażin; jilqa' l-fatt li l-Qorti tirrakkomanda wkoll li l-Kummissjoni ttejjeb ir-rapportar dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima permezz ta' indikaturi komuni biex tkejjel il-progress u ssegwi d-dgħufijiet identifikati;

153. Ifakkar li l-infiq kollu tal-Unjoni jrid jikkonforma mal-prinċipju orizzontali "la tagħmilx ħsara sinifikanti" (DNSH), stabbilit fil-punt 16 tal-Ftehim Interistituzzjonali, li jistipula li l-infiq tal-Unjoni ma jridx jikkawża ħsara lis-sitt objettivi ambjentali stabbiliti fl-Artikolu 17 tar-Regolament dwar it-Tassonomija[15], jiġifieri l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, l-użu sostenibbli u l-protezzjoni tar-riżorsi tal-ilma, l-ekonomija ċirkolari, il-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis, u l-protezzjoni tal-bijodiversità; iqis li, fid-dawl tas-sejbiet rikorrenti tal-Qorti, l-effetti ambjentali negattivi tal-infiq tal-Unjoni għandhom jiġu traċċati u rrapportati wkoll;

154. Ifakkar li l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (EU ETS) hija komponent ewlieni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u wieħed mill-istrumenti ewlenin biex tinkiseb l-ambizzjoni klimatika tal-Unjoni; jilqa' l-fatt li skont ir-Rapport Annwali tal-Attività għall-2024 tad-Direttorat Ġenerali għall-Azzjoni Klimatika (DĠ CLIMA), l-EU ETS iġġenerat EUR 43,6 biljun ta' dħul għal investimenti fl-azzjoni klimatika fis-sena preċedenti, li minnhom EUR 7,4 biljun ġew fornuti lill-Fond għall-Innovazzjoni tal-ETS u lill-Fond għall-Modernizzazzjoni u EUR 2,8 biljun ġew fornuti lill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, li l-Istati Membri jużaw biex javvanzaw it-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa u jagħtu spinta lis-sigurtà tal-enerġija; jinnota s-sejba tal-awditu tal-IAS tal-2024 dwar l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-EU ETS li minkejja l-ammont kbir ta' xogħol, il-qafas legali kumpless u r-riżorsi skarsi li jopera bihom, il-persunal tad-DĠ CLIMA wera impenn li jwettaq il-kompiti tiegħu u r-rieda li jtejjeb l-effiċjenza tal-proċessi relatati mal-EU ETS; japprezza l-konferma bil-miktub tal-Kummissjoni li d-DĠ CLIMA biħsiebu jindirizza l-biċċa l-kbira tar-rakkomandazzjonijiet tal-

---

15 Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2020/852/oj).

awditjar intern sal-2025 u kollha sa nofs l-2028;

155. Ifakkar li mill-2010, id-DĠ CLIMA ħareġ riżerva fir-Rapport Annwali tal-Attività kollha tiegħu għal raġunijiet ta' reputazzjoni, legali u/jew finanzjarji relatati ma' dgħufijiet fis-sigurtà identifikati fir-Reġistru tal-Unjoni għall-EU ETS, li nżammet fir-Rapport Annwali tal-Attività għall-2024; jiddeplora l-fatt li d-dgħufijiet sottostanti ilhom ma jiġu indirizzati mill-2010; jinsab allarmat bil-kjarifika bil-miktub tal-Kummissjoni li l-livell ta' riskju huwa marbut mill-qrib mal-valur tal-assi mmaniġġjati mill-EU ETS, li żdiedu b'għaxar darbiet mill-2017, u huwa wkoll iggravat aktar mill-kuntest ġeopolitiku li qed jiddeterjora; jissottolinja li, filwaqt li l-impatt finanzjarju tar-riżerva għall-2024 ma jistax jiġi kkwantifikat, fiż-żmien tar-Rapport Annwali tal-Attività 2024 tad-DĠ CLIMA, ir-Reġistru tal-Unjoni kellu kwoti b'valur ta' aktar minn EUR 200 biljun bil-prezzijiet attwali;

156. Jinnota bi tħassib it-tweġiba bil-miktub tal-Kummissjoni li l-evoluzzjoni tax-xenarju tar-riskju qabżet b'mod sistematiku l-ħeffa li biha l-Kummissjoni setgħet ittejjeb il-miżuri ta' sigurtà; jifhem li fil-valutazzjoni tal-Kummissjoni r-riskju għas-sigurtà identifikat fir-Reġistru tal-Unjoni għall-EU ETS jista' jiġi solvut biss b'livell ogħla ta' nfiq u, fl-aħħar mill-aħħar, billi jiġi esternalizzat ir-Reġistru tal-Unjoni; jinsab maħsud li l-proposta biex jiġu indirizzati d-dgħufijiet fis-sigurtà tar-Reġistru tal-Unjoni hija ostakolata primarjament min-nuqqas ta' disponibbiltà ta' riżorsi umani u finanzjarji xierqa; jinnota bi tħassib it-tweġiba bil-miktub tal-Kummissjoni li dawk ir-riżorsi għandhom jiġu mill-introduzzjoni ta' tariffi għal kull servizz lill-Istati Membri biex jiffinanzjaw l-operat tal-EU ETS, iżda bħala bażi legali xierqa għall-introduzzjoni ta' tariffa tas-servizz jeħtieġ li l-ewwel tiġi proposta fid-Direttiva dwar l-ETS, il-Kummissjoni tqis li ma tistax tinstab soluzzjoni qabel l-2028; iqis li huwa imperattiv li jkunu disponibbli mingħajr dewmien riżorsi xierqa biex jiġu indirizzati r-riskji finanzjarji, legali u reputazzjonali ewlenin għall-Unjoni li jinvolvu d-dgħufijiet fis-sigurtà tar-Reġistru tal-Unjoni;

157. Ifakkar li d-demokrazija u l-pluraliżmu huma valuri fundamentali tal-Unjoni minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE; ifakkar ukoll li, f'konformità mal-Artikolu 11 tat-TUE, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni għandhom jipprovdu liċ-ċittadini u lill-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi l-opportunità li jgħarrfu u jiskambjaw pubblikament il-fehmiet tagħhom fl-oqsma kollha ta' azzjoni tal-Unjoni sabiex jinżamm djalogu miftuħ, trasparenti u regolari;

158. Jirrikonoxxi l-importanza tal-programm LIFE, l-uniku programm awtonomu tal-Unjoni għall-ambjent u l-azzjoni klimatika, b'appoġġ għall-konservazzjoni tan-natura, l-inizjattivi tal-ekonomija ċirkolari, l-azzjoni klimatika u t-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa u b'mod aktar wiesa', għall-promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli madwar l-Unjoni; ifakkar li d-dispożizzjonijiet tar-Regolament LIFE, inkluż l-Artikolu 11(6), jipprevedu li l-għotjiet operattivi jistgħu jappoġġjaw

il-funzjonament ta’ entitajiet mingħajr skop ta’ qligħ attivi fl-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni u l-politika tal-Unjoni; jisħaq, madankollu, li tali għotjiet operattivi jridu jiġu implimentati f’konformità stretta mar-rekwiżiti legali, finanzjarji u ta’ trasparenza tal-Unjoni; jisħaq, barra minn hekk, fuq l-importanza ta’ salvagwardji ċari biex jiġi żgurat li l-fondi tal-Unjoni jintużaw esklużivament għall-objettivi definiti fil-programm; jinnota li l-għotjiet operattivi allokati lill-NGOs fl-ambitu tal-Programm LIFE jirrappreżentaw madwar 1 % tal-baġit totali tal-programm; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura monitoraġġ robust, obbligu ta’ rendikont sħiħ u trasparenza fl-użu tal-fondi tal-Unjoni, inklużi attivitajiet ta’ promozzjoni;

159. Jieħu nota tat-tħassib imqajjem minn ċerti Membri tal-PE rigward l-użu ta’ għotjiet operattivi u ta’ azzjoni LIFE minn ċerti benefiċjarji, bħall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-kumpaniji; jisħaq fuq l-importanza ta’ trasparenza sħiħa fir-rigward kemm tal-benefiċjarji kif ukoll tal-attivitajiet iffinanzjati, monitoraġġ kontinwu u, fejn meħtieġ, kjarifika ulterjuri tas-salvagwardji fis-seħħ biex jiġi żgurat li l-fondi tal-Unjoni jintużaw esklużivament għall-objettivi definiti fil-programm;

160. Jinnota li rieżami tal-kuntratti ta’ finanzjament fl-ambitu tal-proċedura ta’ kwittanza jindika li l-attivitajiet relatati mal-influwenzar tal-politika pubblika jew mat-teħid ta’ deċiżjonijiet jistgħu jseħħu f’kategoriji differenti ta’ benefiċjarji, inklużi l-NGOs; jesprimi t-tħassib tiegħu li, f’xi każijiet, il-kumpaniji li jirċievu finanzjament mill-Unjoni għal tali attivitajiet jistgħu simultanjament ikollhom lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fl-Unjoni fuq il-bordijiet tagħhom u jirċievu remunerazzjoni; jisħaq li s-salvagwardji jridu jiżguraw li kwalunkwe kunflitt ta’ interess potenzjali jiġi evitat u li l-fondi tal-Unjoni jiġu ġestiti b’mod trasparenti, indipendentement mit-tip ta’ benefiċjarju; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu żgurati sorveljanza u verifika konsistenti fost il-benefiċjarji kollha biex tiġi ggarantita l-konformità mal-gwida tal-Kummissjoni tal-2024 dwar attivitajiet li jappoġġjaw l-iżvilupp, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni u l-politika tal-Unjoni; iħeġġeġ, għalhekk, il-ħolqien ta’ proċess ta’ rieżami standardizzat għall-applikazzjonijiet għal għotjiet operattivi inkluż li jkun hemm mill-anqas żewġ membri tal-persunal tal-Kummissjoni jew tal-aġenziji li jaqraw u jirrieżaminaw il-proposti ta’ applikazzjoni u l-ħolqien ta’ sett standardizzat ta’ regoli fl-għażla ta’ esperti esterni għall-bord ta’ evalwazzjoni tal-għotjiet operattivi;

Rakkomandazzjonijiet

161. Jistieden lill-Kummissjoni:

(i) f’kooperazzjoni mal-Istati Membri, tagħmel disponibbli r-riżorsi finanzjarji u umani meħtieġa biex jiġu solvuti b’mod urġenti d-dgħufijiet sinifikanti li jifdal fis-sigurtà identifikati fir-Reġistru

tal-Unjoni tal-EU ETS;

(ii) tipprovdi appoġġ lill-Istati Membri biex jissimplifikaw l-ekoskemi, kif irrakkomandat mill-Qorti, mingħajr ma jnaqqsu l-ambizzjoni ambjentali tagħhom;

(iii) tappoġġja lill-Istati Membri fl-ittestjar u l-aġġornament tas-sistemi tal-IT użati għall-produzzjoni tar-rapporti annwali dwar il-prestazzjoni, biex tiġi żgurata l-konformità tagħhom mal-istandards internazzjonali applikabbli tas-sigurtà tal-informazzjoni;

(iv) iżżomm lill-awtorità ta' kwittanza infurmata dwar ir-rati ta' rkupru tan-nefqa agrikola taħt il-PAK 2023-2027, u tikkunsidra l-introduzzjoni ta' inċentivi ġodda għall-Istati Membri biex jirkupraw il-fondi;

(v) flimkien mal-Istati Membri, taċċellera l-iżborżi tal-FAEŻR u timmobilizza miżuri biex iżżid l-assorbiment meta d-dewmien jippersisti, filwaqt li tiżgura appoġġ ibbilanċjat fir-reġjuni kollha;

(vi) tappoġġja lill-Istati Membri biex il-fondi jallokawhom għal miżuri preventivi ta' valur għoli (eż. il-ġestjoni tal-pajsaġġ, il-manutenzjoni ta' ostakli agrikoli għat-tixrid tan-nirien, ir-restawr ta' ħamrija degradata, ix-xiri u l-provvista ta' vaċċini veterinarji) u tippromwovi t-tixrid tal-aħjar prattiki u proġetti agrikoli effettivi madwar l-Istati Membri.

(vii) ittejjeb il-ġestjoni finanzjarja tajba tal-PAK attwali u futura billi tiżgura li l-appoġġ dirett għall-introjtu jingħata biss lill-bdiewa attivi, b'enfasi speċifika fuq dawk l-aktar fil-bżonn, bħal azjendi agrikoli żgħar u tal-familja, azjendi agrikoli f'żoni bi sfidi naturali jew sfidi speċifiċi oħra, bdiewa żgħażagħ u nisa;

(viii) tintroduċi l-miżuri kollha possibbli mmirati lejn it-tnaqqis tal-impatti negattivi tal-ftehim bejn l-UE u l-Mercosur fuq l-agrikoltura Ewropea u l-pożizzjoni fis-suq tal-produtturi Ewropej, u timmonitorja b'mod affidabbli l-iskala kif ukoll l-effetti reali ta' dawn l-impatti;

(ix) twettaq awditi finanzjarji u tal-konformità ta' proġetti ta' guesthouses iffinanzjati mill-Unjoni fuq bażi ta' riskju;

(x) timmonitorja mill-qrib l-użu ta' proġetti ta' guesthouses iffinanzjati mill-Unjoni lil hinn mill-perjodu ta' implimentazzjoni tal-proġett u tikkunsidra li testendi l-perjodu ta' durabbiltà għal dawn it-tipi ta' proġetti biex tipprevjeni l-użu ħażin kontinwu kif ukoll tintroduċi kontrolli stretti tal-kunflitt ta' interess bħala prerekwiżit għall-allokazzjoni tal-fondi tal-Unjoni biex jinbnew il-guesthouses;

(xi) tiġbor data mill-awtoritajiet tal-Istati Membri dwar l-għadd ta' proġetti ta' guesthouses iffinanzjati mill-baġit tal-Unjoni mill-2021, filwaqt li tindika wkoll kwalunkwe irregolarità identifikata, u tikkondividi din l-informazzjoni mal-awtorità ta' kwittanza;

(xii) timmonitorja kunflitti ta' interess possibbli li jaffettwaw il-fondi tal-Unjoni, u tiżgura li l-kunflitti ta' interess jiġu fil-fatt solvuti, inkluż għall-Membri tal-Kunsill Ewropew u tiżgura, b'mod partikolari, li l-ebda fond tal-Unjoni ma jitħallas, direttament jew indirettament, lil kwalunkwe benefiċjarju sakemm il-kunflitt ta' interess jiġi identifikat u ma jkunx ġie solvut b'mod dimostrabbli u verifikabbli;

(xiii) tikkondividi l-ittra indirizzata lill-awtoritajiet Ċeki biex tiċċara s-sitwazzjoni tal-kunflitt ta' interess tal-Prim Ministru mal-awtorità ta' kwittanza u żżommha infurmata bis-sħiħ dwar kwalunkwe pass ta' segwitu, inkluża t-tnedija possibbli ta' proċedura tal-awditjar;

(xiv) tikkondividi mal-awtorità ta' kwittanza d-dokumenti rilevanti kollha dwar is-segwitu tal-Kummissjoni tal-każ OPEKEPE, inkluż il-pjan ta' azzjoni aġġornat u l-valutazzjoni tiegħu mill-Kummissjoni, taħt modalitajiet kunfidenzjali speċifiċi, jekk ikun meħtieġ;

(xv) tislet tagħlimiet mill-każ OPEKEPE, issaħħaħ is-sistema ta' kontroll tal-fondi agrikoli tal-Unjoni, issaħħaħ l-attivitajiet ta' kontroll tal-Kummissjoni kif xieraq u tirrapporta lura lill-awtorità ta' kwittanza dwar il-miżuri meħuda;

(xvi) ittejjeb il-metodoloġija tagħha użata biex issegwi l-infiq tal-Unjoni fuq attivitajiet relatati mal-klima u mal-bijodiversità tal-QFP 2021-2027, inkluż billi tindirizza r-rakkomandazzjonijiet rilevanti magħmula fir-rapporti speċjali tal-Qorti kif ukoll ittejjeb il-monitoraġġ u r-rapportaġġ tar-riżultati attwali tal-investimenti u l-effetti negattivi tal-infiq tal-Unjoni fuq l-objettivi tal-ambjent u tal-bijodiversità;

(xvii) tiżgura li l-kunsiderazzjonijiet klimatiċi u ambjentali jitqiesu fil-QFP li jmiss;

(xviii) tipproponi pjan imfassal apposta, dettaljat biex tiżgura li tintlaħaq il-mira tal-infiq fuq il-bijodiversità stabbilita għas-snin 2026 u 2027, trawwem għodod finanzjarji biex tnaqqas id-distakk fil-finanzjament u timplimenta bis-sħiħ il-leġiżlazzjoni ambjentali u tintegra l-azzjoni dwar il-bijodiversità f'setturi ewlenin sabiex jintlaħqu l-miri ta' politika, inkluż bil-għan li tipprovdi finanzjament għall-implimentazzjoni tar-Regolament dwar ir-Restawr tan-Natura;

(xix) tkompli tivverifika li l-ftehimiet ta’ finanzjament mat-tipi kollha ta’ benefiċjarji jikkonformaw mal-gwida tal-Kummissjoni ta’ Mejju 2024 dwar il-finanzjament għal attivitajiet relatati mal-iżvilupp, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni u l-politika tal-Unjoni;

(xx) tiżgura konformità stretta mal-Artikolu 61 tar-Regolament Finanzjarju billi tipprevjeni, tidentifika u timmaniġġja b’mod effettiv il-kunflitti ta’ interess meta tikkonkludi ftehimiet ta’ għotja b’mod partikolari ma’ benefiċjarji li jimpjegaw jew iħallsu lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fl-Unjoni;

(xxi) tiżgura li l-ftehimiet ta’ għotja kollha, inklużi għotjiet operattivi, jirrispettaw ir-rekwiżiti meħtieġa relatati mat-trasparenza, it-traċċabbiltà u l-viżibbiltà tal-fondi;

(xxii) tinkorpora fil-kontrolli u fis-sistemi tagħha verifika bbażata fuq ir-riskju tal-konformità tar-riċevituri mal-valuri tal-Unjoni, sabiex jiġi identifikat ksur potenzjali;

Migrazzjoni u Ġestjoni tal-fruntieri

162. Jinnota li fl-2024, il-baġit għall-programmi fl-ambitu tal-intestatura 4 tal-QFP “Migrazzjoni u Ġestjoni tal-Fruntieri” kien ta’ EUR 3,4 biljun (1,8 % ta-infiq fuq il-baġit tal-Unjoni) imqassam kif ġej:
EUR 1,4 biljun (40,1 %) għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF), EUR 1,3 biljun (37,7 %) għal tliet aġenziji deċentralizzati, l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (FRONTEX), l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil (EUAA) u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta’ Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta’ Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (UE-LISA); u EUR 0,8 biljun (22,2 %) għall-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri (IBMF), li huwa magħmul mill-Istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u għall-Viżi (BMVI) u l-Istrument għat-Tagħmir ta’ Kontroll Doganali (CCEI);

163. Ifakkar li l-finanzjament mill-AMIF għall-2014-2020 kellu jintefaq sa Ġunju 2024 u l-kontijiet finali kellhom jiġu ppreżentati sal-31 ta’ Diċembru 2024; jinnota s-sejba tal-Qorti li, fiż-żmien tal-awditu tagħhom, ammont materjali ta’ finanzjament tal-AMIF 2014-2020 kien għad irid jiġi approvat (12 % jew EUR 528 miljun) sakemm jiġu aċċettati dawn il-kontijiet finali mill-Kummissjoni; jirrikonoxxi t-tweġiba tal-Kummissjoni li n-nefqa totali ddikjarata mill-Istati Membri matul il-perjodu 2014-2020, inkluża l-preżentazzjoni tal-kontijiet finali, kienet tammonta għal 94 % tal-AMIF;

164. Jinnota li l-Qorti eżaminat kampjun ta’ 23 tranżazzjoni, li ma qisitx bħala kbir biżżejjed biex jirrappreżenta l-infiq fl-ambitu tal-intestaturi 4 u 5 tal-QFP u, għalhekk, ma tistax tipprovdi stima separata tar-rata ta’ żball għal dawn l-intestaturi; jinnota wkoll li r-riżultati tal-awditjar tal-Qorti juru li n-nefqa fl-ambitu tal-intestaturi 4

u 5 tal-QFP hija affettwata minn żbalji minħabba kwistjonijiet ta' eliġibbiltà u akkwist u n-nuqqas ta' dokumenti ta' sostenn u li għalhekk titqies bħala qasam ta' riskju għoli (8 minn 23 tranżazzjoni awditjata kienu affettwati minn żbalji); jinsab imħasseb li l-Qorti sabet tliet żbalji kwantifikabbli li kellhom impatt finanzjarju fuq il-baġit tal-Unjoni, seba' każijiet ta' nuqqas ta' konformità mad-dispożizzjonijiet legali u finanzjarji (li ma kellhom l-ebda impatt finanzjarju dirett fuq il-baġit tal-Unjoni) u żewġ tranżazzjonijiet li ma kinux konformi mal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba minħabba protezzjoni inadegwata tat-tagħmir iffinanzjat mill-Unjoni u rimborż tat-taxxa fuq il-valur miżjud lill-korpi pubbliċi ogħla mill-kostijiet imġarrba għall-kuntrarju tal-gwida tal-Kummissjoni; jinnota li l-Kummissjoni tistma li r-riskju fil-waqt tal-pagament fl-2024 huwa ta' 1,3 % għan-nefqa fuq il-migrazzjoni u l-ġestjoni tal-fruntieri;

165. Jilqa' l-konklużjoni tal-Qorti li l-Kummissjoni indirizzat bis-sħiħ żewġ rakkomandazzjonijiet li għamlet il-Qorti fir-Rapport Annwali tagħha tal-2021 u rakkomandazzjoni waħda li għamlet fir-Rapport Annwali tagħha tal-2022, li huma relatati mal-għoti ta' gwida ulterjuri lill-benefiċjarji tal-azzjoni tal-Unjoni u tal-assistenza ta' emerġenza u mat-twettiq ta' kontrolli ex ante mmirati aħjar; japprezza l-adozzjoni tal-istrateġija ta' kontroll riveduta għall-proġetti ta' Assistenza ta' Emerġenza implimentati taħt ġestjoni diretta u indiretta fid-Direttorat Ġenerali għall-Migrazzjoni u l-Affarijiet Interni (DĠ HOME) f'Diċembru 2024;

166. Jesprimi n-nuqqas ta' sodisfazzjon tiegħu għall-fatt li l-Qorti għadha tesperjenza diffikultajiet biex tikseb id-dokumentazzjoni meħtieġa ħalli twettaq il-mandat tagħha minn organizzazzjonijiet internazzjonali li jimplimentaw proġetti ffinanzjati mill-Unjoni; jinnota bi tħassib li xi organizzazzjonijiet internazzjonali rrestrinġew l-aċċess tal-Qorti għad-dokumenti għal konsultazzjoni elettronika temporanja f'ambjent ta' viżwalizzazzjoni biss u l-konklużjoni tal-Qorti li dan jindika nuqqas ta' preċiżjoni fl-arranġamenti kuntrattwali tal-Kummissjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali; jinnota t-tweġiba tal-Kummissjoni li huma jqisu li l-ftehimiet kuntrattwali eżistenti mal-organizzazzjonijiet internazzjonali diġà jipprovdu qafas biex tiġi żgurata l-aċċessibbiltà tad-dokumenti b'mod li jippermetti l-kontrolli meħtieġa; jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-Kummissjoni ma aċċettatx bis-sħiħ ir-rakkomandazzjoni tal-Qorti biex tindirizza din il-kwistjoni rikorrenti, speċjalment minħabba li d-diffikultajiet tal-Qorti fl-awditjar ta' organizzazzjonijiet internazzjonali li jimplimentaw proġetti ffinanzjati mill-Unjoni ppersistew mill-awditjar tagħhom tas-sena finanzjarja 2018; jinsisti li l-arranġamenti kuntrattwali tal-Kummissjoni mas-sħab iridu jiggarantixxu d-drittijiet sħaħ tal-awditjar tal-Qorti, inkluża l-kapaċità li tniżżel u żżomm l-evidenza meħtieġa għall-awditjar, ir-rieżami, il-kontroll tal-kwalità u s-segwitu;

167. Jinnota bi tħassib li nħarġu żewġ riżervi dwar id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni fir-Rapport Annwali tal-Attività tad-DĠ HOME għall-

2024; jinnota li riżerva waħda tikkonċerna l-implimentazzjoni tal-programmi AMIF u ISF 2014-2020 f'diversi Stati Membri minħabba nuqqasijiet serji fis-sistemi ta' ġestjoni u kontroll għal dawn il-programmi identifikati mid-DĠ HOME; jinnota wkoll li r-riżerva l-oħra tikkonċerna l-programmi AMIF, BMVI u ISF 2021-2027 f'diversi Stati Membri minħabba nuqqasijiet serji fis-sistemi ta' ġestjoni u kontroll għal dawn il-programmi;

168. Jinnota li l-Istati Membri ppreżentaw l-ewwel kontijiet annwali nazzjonali tagħhom għall-programmi AMIF u BMVI 2021-2027 fl-2024; jinnota wkoll li l-Qorti rrieżaminat il-ħidma ta' ħames awtoritajiet tal-awditjar fir-rigward tar-rapporti annwali ta' kontroll tagħhom u l-awditi tan-nefqa tal-AMIF u tal-BMVI; jilqa' s-sejbiet tal-Qorti li l-awtoritajiet tal-awditjar kienu żviluppaw u implimentaw proċeduri dettaljati u ta' kwalità suffiċjenti biex jirrapportaw dwar il-ħidma tagħhom fir-rapport annwali ta' kontroll;

169. Jinnota wkoll il-konklużjoni tal-Qorti li l-awtoritajiet tal-awditjar li rrieżaminat kellhom programmi ta' awditjar dettaljati u użaw il-listi ta' kontroll biex jappoġġjaw il-konklużjonijiet tagħhom; jinnota bi tħassib li l-Qorti osservat ukoll xi dgħufijiet fil-ħidma tal-awtoritajiet tal-awditjar; jirrikonoxxi l-aċċettazzjoni mill-Kummissjoni tar-rakkomandazzjoni tal-Qorti biex jiġu segwiti n-nuqqasijiet fil-ħidma tal-awtoritajiet tal-awditjar;

170. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar id-diffikultà biex tinkiseb data dettaljata u komprensiva dwar l-infiq tal-affarijiet interni tal-Unjoni, speċjalment taħt ġestjoni kondiviża mill-Istati Membri, u dan jimpedixxi lill-awtorità baġitarja u ta' kwittanza milli tagħmel sorveljanza tajba; jitlob żieda fit-trasparenza f'dan ir-rigward;

171. Jilqa' l-adozzjoni tal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Asil fl-2024 u jfakkar li l-implimentazzjoni tiegħu hija pedament għas-sistema l-ġdida tal-ġestjoni tal-migrazzjoni u l-asil fl-UE, li se tidħol fis-seħħ f'nofs l-2026 fl-Istati Membri kollha; jilqa' wkoll l-allokazzjoni ta' EUR 2 biljun addizzjonali għall-intestatura 4 tal-QFP għall-2024-2027 fil-kuntest tar-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-QFP 2021-2027, anke bil-ħsieb li tkun tista' ssir l-implimentazzjoni sħiħa tar-regoli l-ġodda tal-Patt u jiġu indirizzati l-isfidi li qed jikbru fil-migrazzjoni u ġestjoni tal-fruntieri li jirriżultaw mill-kuntest ġeopolitiku attwali; jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat biżżejjed finanzjament għall-implimentazzjoni effettiva tiegħu, inklużi proċeduri ġodda fuq il-fruntieri, u għalhekk japprezza t-tweġibiet bil-miktub tal-Kummissjoni li jikkonfermaw li għamlet disponibbli EUR 3 biljun addizzjonali fl-ambitu tal-AMIF u l-BMVI għas-snin 2025-2027 biex, fost l-oħrajn, tappoġġja lill-Istati Membri li jospitaw persuni li qed jaħarbu mill-gwerra fl-Ukrajna;

172. Jisħaq li l-iżgurar tal-fruntieri esterni tal-Unjoni huwa pilastru tal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Asil u prekundizzjoni essenzjali għal

funzjonament taż-żona Schenge ta’ moviment liberu; jirrikonoxxi li l-proġetti ffinanzjati mill-UE li jappoġġjaw il-protezzjoni tal-fruntieri esterni jservu biex itaffu l-pressjoni fuq il-protezzjoni tal-fruntieri interni, kif iddikjarat mill-Kummissarju għall-Baġit, għall-Ġlieda Kontra l-Frodi u għall-Amministrazzjoni Pubblika fis-seduta ta’ smigħ tiegħu fil-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit fit-8 ta’ Diċembru 2025; jirrikonoxxi li filwaqt li l-għadd globali ta’ migranti li waslu b’mod irregolari fl-Unjoni naqas bi 38 % fl-2024, ix-xejriet iċċaqalqu madwar il-kontinent b’ċerti rotot jaraw żidiet sinifikanti, b’mod partikolari r-rotta tal-Fruntieri tal-Lvant, fejn ġiet irrapportata żieda ta’ tliet darbiet fil-qsim fl-2024; josserva li l-BMVI jista’ jappoġġja lill-Istati Membri l-aktar esposti biex jiżguraw li jkollhom ir-riżorsi għall-infrastruttura, il-faċilitajiet u l-installazzjonijiet meħtieġa biex jiġu protetti l-fruntieri esterni tal-Unjoni, inkluż it-titjib tas-sigurtà elettronika tal-fruntieri u għodod oħra għas-sorveljanza tal-fruntieri kif previst fl-Anness III tar-Regolament BMVI;

173. Isostni li l-Unjoni jeħtieġ li tipproteġi aħjar lill-persuni vulnerabbli min-networks ta’ faċilitazzjoni ta’ dħul klandestin u traffikar, tindirizza l-attakki ibridi u l-istrumentalizzazzjoni tal-migrazzjoni minn pajjiżi terzi jew atturi mhux statali ostili; jinnota li wara l-adozzjoni tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta’ Diċembru 2024[16], il-Kummissjoni allokat madwar EUR 520 miljun lill-Istati Membri tal-Unjoni li jmissu mar-Russja u l-Belarussja permezz tal-BMVI, sabiex jiġu msaħħa l-kapaċitajiet tal-ġestjoni tal-fruntieri u indirizzati l-isfidi tas-sigurtà u dawk relatati ma’ migrazzjoni; jenfasizza, b’mod partikolari, il-ħtieġa ta’ appoġġ lill-Istati Membri l-aktar esposti għall-finijiet ta’ sigurtà tal-fruntieri esterni tal-UE;

174. Jonora l-memorja ta’ Mateusz Sitek, gwardja tal-fruntiera Pollakka li nqatel fis-6 ta’ Ġunju 2024 waqt li kien qed jiddefendi l-fruntiera esterna tal-Unjoni kontra attakk ibridu orkestrat mir-reġim Belarussu; jisħaq li l-protezzjoni tal-fruntieri esterni tal-Unjoni mhijiex objettiv ta’ politika astratt iżda kwistjoni ta’ ħajja u mewt għall-irġiel u n-nisa li jservu fuq quddiem nett; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li jingħata appoġġ finanzjarju u operazzjonali adegwat lill-Istati Membri l-aktar esposti li qed jiffaċċjaw theddid ibridu fil-fruntieri esterni tal-Unjoni;

175. Jirrikonoxxi l-isforzi li qed tagħmel il-Kummissjoni biex issaħħaħ kooperazzjoni li tagħmel sens ma’ pajjiżi terzi ta’ oriġini u ta’ tranżitu, b’mod partikolari dawk ġirien tal-Unjoni bl-għan li tindirizza l-migrazzjoni irregolari fis-sors; jissottolinja l-ħtieġa ta’ sorveljanza adegwata u diliġenza dovuta meta jiġu allokati fondi lis-sħab involuti fil-ġestjoni tal-migrazzjoni barra mill-UE, sabiex jiġi żgurat li l-migrazzjoni hija ġestita b’mod ta’ beneficċju reċiproku u f’allinjament mal-Istrateġija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni, inkluż fejn għandhom x’jaqsmu drittijiet fundamentali;

---

16 COM(2024)0570.

iħeġġeġ lill-Kummissjoni ssaħħaħ it-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont f'dak li jikkonċerna l-fondi għall-affarijiet interni tal-Unjoni f'pajjiżi terzi;

176. Ifakkar li s-solidarjetà u l-kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà, f'konformità mat-Trattati, huma prinċipji ewlenin li jirfdu l-politika tal-Unjoni dwar il-migrazzjoni u l-asil; jirrikonoxxi l-isforzi li għaddejjin tal-Kummissjoni biex ittejjeb is-solidarjetà u l-kondiviżjoni tar-responsabbiltà bejn l-Istati Membri, b'mod partikolari fir-rigward ta' dawk li huma l-aktar affettwati mill-isfidi tal-migrazzjoni u tal-asil, inkluża l-istrumentalizzazzjoni tal-migrazzjoni; jenfasizza f'dan il-kuntest ir-rwol tal-AMIF fl-appoġġ lill-Istati Membri fil-proċeduri ta' akkoljenza, asil, miżuri ta' integrazzjoni u risistemazzjoni, inkluż għal persuni li qed jaħarbu minn kunflitti u kriżijiet umanitarji; jissottolinja li l-implimentazzjoni effettiva tal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Asil tirrikjedi finanzjament suffiċjenti, ġestit tajjeb u f'waqtu biex jiġu appoġġjati miżuri ta' solidarjetà madwar l-Unjoni;

177. Josserva li fl-2024, 37,7 % tal-finanzjament tal-Unjoni għall-migrazzjoni u l-ġestjoni tal-fruntieri ġie allokat lill-aġenziji deċentralizzati fil-qasam tal-migrazzjoni u l-Affarijiet Interni; ifakkar li filwaqt li l-aġenziji deċentralizzati huma legalment u finanzjarjament indipendenti mill-Kummissjoni, il-Kummissjoni żżomm responsabbiltà ta' sorveljanza fuq l-attivitajiet tagħhom; itenni li l-ġestjoni tal-migrazzjoni trid issir f'konformità sħiħa mad-dritt tal-Unjoni, inklużi d-drittijiet fundamentali; jilqa' t-tweġibiet bil-miktub tal-Kummissjoni li jenfasizzaw il-ħtieġa li jkomplu jissaħħu l-mekkaniżmi ta' monitoraġġ u obbligu ta' rendikont, inkluż fir-rigward tal-attivitajiet tal-Frontex;

Rakkomandazzjonijiet

178. Jistieden lill-Qorti tipprovdi stima tar-rata ta' żball għall-Intestatura 4 tal-QFP;

179. Jistieden lill-Kummissjoni:

(i) timplimenta bis-sħiħ ir-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti, inkluż li tiżgura li l-arranġamenti kuntrattwali tagħha ma' organizzazzjonijiet internazzjonali jirrispettaw bis-sħiħ id-drittijiet tal-awditjar tal-Qorti;

(ii) tindirizza n-nuqqasijiet fis-sistema, flimkien mal-awtoritajiet tal-Istati Membri, relatati mar-riżervi maħruġa fir-Rapport Annwali tal-Attività tad-DĠ HOME għall-2024, u jekk ikun meħtieġ, tniedi wkoll proċeduri ta' approvazzjoni tal-konformità u toħroġ ordnijiet ta' rkupru għall-ammonti mħallsa lill-Istati Membri u meqjusa bħala irregolari mill-Kummissjoni;

(iii) tkompli timmonitorja u tiskrutinizza l-passi meħtieġa mill-Istati Membri u mill-aġenziji tal-Unjoni għall-implimentazzjoni sħiħa u

f’waqtha tal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil sal-2026, u tirrapporta lill-Parlament dwar il-progress lejn l-implimentazzjoni tiegħu u tagħti lill-Parlament aċċess għad-dokumenti rilevanti kollha biex tiffaċilita s-sorveljanza demokratika effettiva tal-proċess ta’ implimentazzjoni;

(iv) tipprovdi appoġġ lill-Istati Membri l-aktar esposti għall-finijiet ta’ sigurtà tal-fruntieri esterni tal-UE;

(v) iżżid it-trasparenza u l-obbligu ta’ rendikont tal-programmazzjoni u l-implimentazzjoni tal-fondi għall-affarijiet interni tal-Unjoni billi tiżgura data dettaljata u komprensiva, inkluż fir-rigward ta’ fondi li jintefqu f’pajjiżi terzi, filwaqt li tissalvagwardja r-rwol tal-Parlament fl-iżgurar tal-iskrutinju demokratiku tal-infiq tal-Unjoni;

(vi) tinforza mekkaniżmi ta’ monitoraġġ trasparenti u indipendenti tad-drittijiet tal-bniedem tal-fondi għall-affarijiet interni tal-Unjoni f’pajjiżi terzi;

(vii) tissorvelja mill-qrib l-azzjonijiet ta’ ġestjoni tal-fruntieri ffinanzjati mill-Unjoni, b’mod partikolari biex tiġi żgurata konformità sħiħa mal-obbligi tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni u l-prinċipju ta’ non-refoulement;

Sigurtà u Difiża

180. Jinnota li fl-2024, il-baġit għall-programmi fl-ambitu tal-intestatura 5 tal-QFP “Sigurtà u Difiża” kien ta’ EUR 2,1 biljun (1,1 % tal-baġit tal-Unjoni) imqassam kif ġej: EUR 800 miljun (36,9 %) għall-Fond Ewropew għad-Difiża (EDF), EUR 300 miljun (15,9 %) għall-mobbiltà militari, EUR 300 miljun (13,3 %) għall-istrumenti tad-Difiża u l-Konnettività Sigura tal-Unjoni; EUR 300 miljun (12,1 %) għall-aġenziji deċentralizzati, jiġifieri l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar id-Drogi (EUDA), l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol), u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL), EUR 300 miljun (11,9 %) għas-sikurezza nukleari, id-dekummissjonar u oqsma oħra, u EUR 200 miljun (9,9 %) għall-Fond għas-Sigurtà Interna (ISF);

181. Ifakkar li l-finanzjament mill-ISF għall-2014-2020 kellu jintefaq sa Ġunju 2024 u l-kontijiet finali kellhom jiġu ppreżentati sal-31 ta’ Diċembru 2024; jinnota s-sejba tal-Qorti li, fiż-żmien tal-awditu tagħhom, ammont materjali ta’ finanzjament tal-ISF kien għad irid jiġi approvat (16 % jew EUR 505 miljun) sakemm jiġu aċċettati dawn il-kontijiet finali mill-Kummissjoni; jirrikonoxxi t-tweġiba tal-Kummissjoni li n-nefqa totali ddikjarata mill-Istati Membri matul il-perjodu 2014-2020, inkluża l-preżentazzjoni tal-kontijiet finali, kienet tammonta għal 94 % tal-ISF;

182. Jinnota bi tħassib li, għar-raġunijiet spjegati fit-taqsima dwar il-

migrazzjoni u l-ġestjoni tal-fruntieri, il-Qorti ma tistax tipprovdi stima separata tar-rata ta’ żball għall-intestatura 5 tal-QFP “Sigurtà u Difiża” u li, abbażi tar-riżultati tal-awditjar tagħha, il-Qorti tqis li n-nefqa minn din l-intestatura hija ta’ riskju għoli; jinnota li l-Kummissarju għad-Difiża u għall-Ispazju ċċara matul is-seduta ta’ smigħ tiegħu fil-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tas-6 ta’ Novembru 2025 li r-Rapport Annwali tal-Qorti għall-2024 ma jinkludi l-ebda żball li nstab dwar proġetti ta’ difiża; jinnota wkoll li l-Kummissjoni tistma li fl-2024 ir-riskju fil-waqt tal-pagament kien ta’ 0,5 % għan-nefqa fuq is-sigurtà u d-difiża;

183. Ifakkar fis-sitwazzjoni ġeopolitika instabbli ħafna fil-viċinat tal-Unjoni li qed twassal għal sfidi akbar għas-sigurtà u għad-difiża, inkluż theddid ibridu, u b’hekk għal ħtiġijiet akbar ta’ investiment fis-sigurtà, id-difiża u t-tħejjija, minn meta bdiet il-gwerra ta’ aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-intestatura 5 tal-QFP, iddedikata għas-sigurtà u d-difiża, hija l-iżgħar intestatura mill-intestaturi kollha tal-QFP u jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-baġit attwali tal-Unjoni għall-iżgurar tas-sigurtà u tad-difiża taċ-ċittadini tagħha mhuwiex ugwali għall-isfidi li jridu jiġu indirizzati, kemm fuq perjodu ta’ żmien qasir u kemm fit-tul; jafferma mill-ġdid il-pożizzjoni tiegħu li r-Russja tirrappreżenta t-theddida primarja u l-aktar sinifikanti għall-Unjoni u l-Istati Membri tagħha; ifakkar li l-Parlament Ewropew stieden lill-Unjoni u lill-Istati Membri tagħha jistabbilixxu qafas legali li jippermetti li r-Russja tiġi kklassifikata bħala stat sponsor tat-terroriżmu;

184. Ifakkar li l-kapaċitajiet tad-difiża fl-Unjoni jbatu minn għexieren ta’ snin ta’ nuqqas ta’ investiment u li, skont il-Kummissjoni, id-distakk fl-infiq fid-difiża għad-deċennju li jmiss bħalissa huwa ta’ EUR 500 biljun; jilqa’ l-fatt li minħabba l-ħtieġa urġenti li tingħata spinta lill-kapaċitajiet ta’ difiża, l-għadd ta’ strumenti ta’ finanzjament tad-difiża tal-Unjoni żdied mill-gwerra ta’ aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna; jinnota li l-istrumenti tad-difiża tal-Unjoni jinkludu dawk ekstrabaġitarji bħall-Faċilità Ewropea għall-Paċi (EPF), u l-Azzjoni għas-Sigurtà tal-Ewropa (SAFE), strument temporanju ta’ self għad-difiża; jisħaq, barra minn hekk, li minbarra l-programmi ta’ finanzjament tad-difiża, programmi oħra tal-Unjoni jistgħu jservu skopijiet ta’ użu doppju, b’mod partikolari l-komponent tal-Mobbiltà Militari tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) u l-programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura, stabbilit fl-2023 primarjament biex jipprovdi lill-Istati Membri tal-Unjoni aċċess garantit għal servizzi ta’ konnettività siguri ħafna, sovrani u globali; jinnota wkoll li wara r-rieżami ta’ nofs it-terminu tagħha f’Settembru 2025, il-fondi tal-politika ta’ koeżjoni jistgħu jintużaw ukoll biex tittejjeb il-mobbiltà militari u tiġi żviluppata l-infrastruttura tad-difiża, speċjalment fir-reġjuni tal-fruntiera tal-Lvant;

185. Japprezza t-tweġibiet bil-miktub tal-Kummissjoni li jirrikonoxxu li l-

għadd kbir ta’ strumenti relatati mad-difiża rriżulta f’xenarju ta’ finanzjament frammentat, b’ċerti duplikazzjonijiet u lakuni; jissottolinja l-ħtieġa ta’ approċċ komprensiv u fit-tul tal-Unjoni għall-finanzjament tas-sigurtà u d-difiża, li jirrispondi kemm għal theddid militari konvenzjonali kif ukoll għal theddid mhux konvenzjonali; jisħaq fuq il-ħtieġa li tittejjeb aktar it-trasparenza tal-finanzjament tad-difiża tal-Unjoni, inkluż billi jiġu ggarantiti d-drittijiet tal-awditjar tal-Qorti għall-istrumenti kollha u jiġi żgurat li l-awtorità ta’ kwittanza tkun tista’ teżerċita skrutinju demokratiku tal-attivitajiet kollha ffinanzjati mill-Unjoni; jenfasizza l-ħtieġa li tiżdied il-faċilità tal-użu tal-informazzjoni ppubblikata dwar il-finanzjament tad-difiża tal-Unjoni, bil-ħsieb li tkun ta’ benefiċċju anke għall-applikanti u l-benefiċjarji, speċjalment l-SMEs; jissottolinja li l-parteċipazzjoni tal-SMEs fl-Istati Membri kollha għandha tiġi ffaċilitata u promossa, u għandu jiġi żgurat l-aċċess ġust u ekwu tagħhom għall-proġetti ffinanzjati mill-Unjoni; iħeġġeġ investiment sostnut u appoġġ għall-SMEs;

186. Jisħaq li ż-żieda rapida fin-nefqa tal-Unjoni fid-difiża u s-sigurtà fl-2024 tirrikjedi arranġamenti tal-awditjar proporzjonali, li jippermettu aċċess effettiv għall-Qorti, l-OLAF u l-UPPE għad-dokumentazzjoni rilevanti kollha, inklużi l-proġetti b’teknoloġiji b’użu doppju; ifakkar li l-Kummissjoni nnifisha rrikonoxxiet li l-aċċess għal riżultati klassifikati jista’ jiddewwem meta l-Istati Membri jkunu “oriġinaturi” tal-klassifikazzjoni u jissottolinja li, meta l-aċċess għall-awditjar ikun limitat għal raġunijiet debitament ġustifikati bħan-natura klassifikata tal-proġetti, għandhom jiġu segwiti miżuri xierqa u soluzzjonijiet kostruttivi biex tiġi żgurata konformità sħiħa mar-rekwiżiti ta’ sorveljanza finanzjarja u l-ġestjoni tajba tal-fondi tal-Unjoni;

187. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tipproċedi bl-adozzjoni tal-inizjattiva “ReArm EU” mingħajr konsultazzjoni minn qabel mal-Parlament Ewropew; jesprimi dispjaċir għall-fatt li tali deċiżjoni twarrab il-prinċipju tal-bilanċ istituzzjonali u ddgħajjef ir-rwol tal-Parlament bħala koleġiżlatur fit-tfassil tal-prijoritajiet strateġiċi u baġitarji; iħeġġeġ li l-Kummissjoni biex iżżomm lura milli tagħti bidu għal strumenti ta’ politika sostanzjali li jkollhom impatt fuq l-arkitettura finanzjarja u strateġika tal-Unjoni mingħajr ma tiżgura rispett sħiħ għall-prerogattivi tal-Parlament;

188. Ifakkar li l-objettiv ġenerali tal-EDF huwa li jrawwem il-kompetittività, l-effiċjenza u l-kapaċità ta’ innovazzjoni tal-bażi industrijali u teknoloġika tad-difiża Ewropea (EDTIB) fl-Unjoni kollha; jinnota li, kif deskritt fit-tweġibiet bil-miktub tal-Kummissjoni, il-finanzjament tal-EDF li jammonta għal EUR 227,9 miljun ġie allokat għal 20 proġett relatati mal-intelliġenza artifiċjali u EUR 171,1 miljun oħra ġew allokati għal 18-il proġett iffukati fuq teknoloġiji tad-droni tal-ajru, filwaqt li 50 proġett iffukaw fuq dak li jista’ jiġi kklassifikat bħala tagħmir ta’ difiża tradizzjonali, relatat

mal-ġlied fuq l-art, fl-ajru u navali, taħt l-ilma, difiża kontra l-missili tal-ajru u l-mitigazzjoni tar-riskju kimiku, bijoloġiku, radjoloġiku u nukleari (CBRN), ġew appoġġjati b'total ta' EUR 1,49 biljun mill-EDF; jinnota li mill-2021, anqas minn EUR 400 miljun mill-EDF intefqu fuq proġetti relatati mal-intelliġenza artifiċjali u t-teknoloġiji tad-droni, minkejja l-fatt li l-esperjenza minn kunflitti attwali u reċenti tindika li l-kapaċitajiet ċibernetiċi, l-intelliġenza artifiċjali u s-sistemi mingħajr bdot abbord, inklużi d-droni, qed ikollhom rwol dejjem aktar importanti fil-gwerra moderna; iqis li fil-finanzjament tat-teknoloġiji, dawk li jipprovdu l-akbar vantaġġ operazzjonali għandhom jingħataw prijorità;

189. Jinnota r-Rapport Speċjali 04/2025 tal-Qorti dwar il-mobbiltà militari tal-UE u t-tweġibiet tal-Kummissjoni; jinsab imħasseb dwar il-konklużjoni ġenerali tal-Qorti li t-tieni pjan ta' azzjoni tal-UE dwar il-mobbiltà militari, ippubblikat f'Novembru 2022, ma kienx mibni fuq pedamenti sodi biżżejjed u li l-progress lejn l-ilħuq tal-objettiv tiegħu, jiġifieri l-iżgurar ta' moviment rapidu u bla xkiel tal-persunal, tal-materjal u tal-assi fi żmien qasir u fuq skala kbira, kien varjabbli minħabba dgħufijiet fit-tfassil u ostakli għall-implimentazzjoni; jinnota bi tħassib l-osservazzjoni tal-Qorti li l-Kummissjoni ma kinitx wettqet valutazzjoni robusta tal-finanzjament ġenerali meħtieġ biex l-objettivi u l-miri tagħha jkunu jistgħu jintlaħqu; jinnota l-fatt, enfasizzat mill-Qorti, li s-sorveljanza parlamentari tal-attivitajiet kollha ta' mobbiltà militari tal-Unjoni mhijiex dejjem fattibbli minħabba l-fatt li mhux il-proġetti kollha huma ffinanzjati mill-baġit tal-Unjoni, bħalma hu l-każ tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA) jew il-PESCO;

190. Jesprimi t-tħassib tiegħu li wara tliet sejħiet għal proposti organizzati fl-2021, l-2022 u l-2023, il-pakkett kollu tal-mobbiltà militari fl-ambitu tal-FNE għall-perjodu ta' programmazzjoni attwali diġà ġie eżawrit, filwaqt li huwa stmat li huwa meħtieġ investiment ta' mill-anqas EUR 100 biljun biex jiġu indirizzati l-500 hotspot identifikati fl-Unjoni bħala li jeħtieġu titjib urġenti[17]; jinnota t-tweġiba bil-miktub tal-Kummissjoni li r-reviżjoni tal-2024 tar-Regolament TEN-T introduċiet elementi biex il-mobbiltà militari tiġi integrata fil-politika tat-trasport tal-Unjoni; jinnota wkoll li l-Kummissjoni Ewropea u r-Rappreżentant Għoli adottaw il-Pakkett dwar il-Mobbiltà Militari 2025; itenni l-importanza li jkomplu jissaħħu r-rispons u l-effiċjenza tal-mobbiltà militari tal-Unjoni billi titnaqqas il-kumplessità regolatorja u proċedurali, tissaħħaħ l-armonizzazzjoni u tiġi ssimplifikata l-koordinazzjoni biex jitnaqqas id-dewmien u tittejjeb it-tħejjija operazzjonali;

---

17 Il-komunikazzjoni konġunta tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tas-16 ta' Ottubru 2025 bit-titolu "Il-Pjan Direzzjonali għall-2030 Inseddqu l-Paċi – Nippreparaw id-Difiża", JOIN(2025)0027).

Rakkomandazzjonijiet

191. Jistieden lill-Qorti tipprovdi stima tar-rata ta’ żball għall-Intestatura 5 tal-QFP;

192. Jistieden lill-Kummissjoni:

(i) tkompli bl-isforzi tagħha biex ittejjeb it-trasparenza tal-infiq tal-Unjoni fuq id-difiża fl-istrumenti rilevanti kollha, inkluż billi tiffaċilita l-ħidma tal-awditjar tal-Qorti f’konformità mal-qafas legali applikabbli u billi tiżgura li l-awtorità ta’ kwittanza tkun infurmata kif xieraq sabiex teżerċita skrutinju demokratiku tal-attivitajiet iffinanzjati mill-Unjoni matul il-fażijiet tal-adozzjoni, tat-tfassil u tal-implimentazzjoni;

(ii) tipprovdi lill-awtorità ta’ kwittanza rapportar konsolidat regolari dwar l-eżekuzzjoni tal-baġit u l-prestazzjoni tan-nefqa kollha relatata mad-difiża mill-baġit tal-Unjoni, mill-istrumenti barra l-baġit u mill-istrumenti rilevanti l-oħra kollha, bħall-mobbiltà militari u l-programmi relatati mas-sigurtà, sabiex ikun jista’ jsir skrutinju demokratiku;

(iii) tipprovdi lill-Parlament segwitu u rapportar aktar sistematiċi dwar il-miżuri, l-implimentazzjoni u l-finanzjament tad-difiża u l-mobbiltà militari tal-Unjoni, inklużi dawk relatati mal-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO, l-EPF, l-EDA u l-PESCO;

(iv) issaħħaħ il-kontribut tal-EDF għal approċċ Ewropew komprensiv għad-difiża billi żżid l-appoġġ għal proġetti li jindirizzaw it-theddid ibridu, inklużi l-intelliġenza artifiċjali, it-teknoloġiji ċibernetiċi u tad-droni;

(v) tkompli ssaħħaħ il-miżuri ta’ sigurtà u ta’ difiża tal-Unjoni billi żżid b’mod sostanzjali l-finanzjament disponibbli biex jittejbu l-kurituri tal-infrastruttura tat-trasport b’użu doppju u billi tieħu azzjoni biex telimina l-ostakli amministrattivi, proċedurali u regolatorji għall-movimenti militari transfruntiera, inkluż permezz tal-armonizzazzjoni tal-akkwist konġunt u komuni tad-difiża, kif imsemmi fir-Regolament (UE) 2025/2643 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ Diċembru 2025 (“ir-Regolament EDIP”), u l-proċeduri relatati fost l-Istati Membri sabiex jissaħħu l-interoperabbiltà, l-effiċjenza u l-koerenza strateġika, filwaqt li tingħata prijorità lill-finanzjament tal-Unjoni għal proġetti li jirrispondu bl-aħjar mod għax-xenarju ta’ theddid Ewropew attwali;

(vi) tieħu azzjoni ulterjuri biex tiżgura kundizzjonijiet ekwi għall-atturi kollha tal-industrija tad-difiża madwar l-Unjoni u tissimplifika l-aċċess għall-finanzjament tal-Unjoni, inklużi l-SMEs u l-Istati Membri l-aktar vulnerabbli għat-theddid estern;

Il-viċinat u d-dinja

193. Jinnota li l-baġit għall-programmi fl-ambitu tal-intestatura 6 tal-QFP “Il-viċinat u d-dinja” kien ta’ EUR 15,4-il biljun (8,0 % tan-nefqa baġitarja tal-Unjoni minbarra l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza) imqassam kif ġej: 62,4 % għall-Istrument ta’ Viċinat, ta’ Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta’ Kooperazzjoni Internazzjonali - Ewropa Globali (NDICI-Ewropa Globali), 15,9 % għall-Għajnuna Umanitarja (HUMA), 14,9 % għall-Assistenza ta’ Qabel l-Adeżjoni (IPA III), 2,7 % għall-Assistenza Makrofinanzjarja Plus tal-Ukrajna u 4,1 % għal azzjonijiet u programmi oħra;

194. Jilqa’ l-fatt li fl-2024 il-Qorti eżaminat kampjun statistikament rappreżentattiv ta’ 137 tranżazzjoni li jkopru l-infiq kollu fl-ambitu ta’ din l-intestatura tal-QFP, li jippermettilha tikkalkula għall-ewwel darba rata ta’ żball; jinnota bi tħassib ir-rata ta’ żball stmata ta’ 4,9 %, li taqbeż b’mod sinifikanti l-livell limitu ta’ materjalità ta’ 2,0 %; jinnota wkoll li 56 mill-137 tranżazzjoni (40,9 %) kien fihom żbalji kwantifikabbli li għandhom impatt finanzjarju fuq il-baġit tal-Unjoni; josserva li dawn l-iżbalji kienu jikkonċernaw kostijiet ineliġibbli, ksur serju tar-regoli dwar l-akkwist pubbliku, nuqqas ta’ dokumentazzjoni ta’ sostenn essenzjali, benefiċjarji ineliġibbli, u nefqa li fil-fatt ma ġġarbitx; iqis li dawn il-kwistjonijiet jistgħu jindikaw dgħufijiet fil-funzjonament u l-affidabbiltà tas-sistemi ta’ kontroll;

195. Huwa impressjonat mill-fatt li f’għaxra mill-każijiet li jinvolvu żbalji kwantifikabbli, il-Kummissjoni diġà kellha biżżejjed informazzjoni għad-dispożizzjoni tagħha biex tipprevjeni l-iżball jew biex tidentifikah u tikkoreġih qabel ma taċċetta n-nefqa; jinnota li, kieku l-Kummissjoni użat din l-informazzjoni b’mod effettiv, il-livell ta’ żball stmat kien jitnaqqas b’1,4 punti perċentwali;

196. Jinnota li, bħal fis-snin preċedenti, sehem sinifikanti tal-iżbalji identifikati mill-Qorti kienu jikkonċernaw kuntratti implimentati taħt ġestjoni indiretta minn organizzazzjonijiet ivvalutati skont il-pilastru, inklużi istituzzjonijiet internazzjonali; josserva li għal dawn il-kuntratti l-Kummissjoni aċċettat in-nefqa abbażi ta’ rapport finanzjarju u dikjarazzjoni ta’ ġestjoni, b’din tal-aħħar tkun ċertifikazzjoni maħruġa mill-organizzazzjoni vvalutata skont il-pilastru nnifisha li tiċċertifika l-kompletezza, il-preċiżjoni u l-konformità tal-informazzjoni finanzjarja pprovduta; jinnota bi tħassib li 26 mit-42 żball kwantifikat identifikati mill-Qorti kienu relatati ma’ tali kuntratti, li jikkontribwixxu 3,1 punti perċentwali għal-livell stmat ta’ żball, u b’hekk jenfasizzaw vulnerabbiltajiet persistenti fil-qafas ta’ aċċertament għall-ġestjoni indiretta ma’ entitajiet ivvalutati skont il-pilastru;

197. Jesprimi tħassib li, għal darb’oħra, il-Qorti ltaqgħet ma’ dewmien biex tikseb id-dokumentazzjoni mitluba minn ċerti organizzazzjonijiet

internazzjonali u istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, u b'hekk dan xekkel it-twettiq f'waqtu tal-ħidma tal-awditjar tagħha, minkejja r-rakkomandazzjoni preċedenti tagħha mill-2020; jinnota li fid-19-il tranżazzjoni awditjati dawn l-entitajiet illimitaw l-aċċess għad-dokumenti għal konsultazzjonijiet elettroniċi temporanji u ta' viżwalizzazzjoni biss, mingħajr ma ppermettew lill-Qorti żżomm kopji, u dan impedixxa l-ippjanar, l-eżekuzzjoni u l-kontroll tal-kwalità xierqa tal-awditu; jesprimi dispjaċir għall-fatt li dawn l-ostakli ppersistew minkejja l-isforzi tal-Kummissjoni biex issolvi l-kwistjoni permezz ta' komunikazzjoni sostnuta mal-organizzazzjonijiet ikkonċernati, kif enfasizzat ukoll fir-rapport annwali tal-2024 dwar il-FEŻ;

198. Jesprimi tħassib serju li fl-2024 ma saret l-ebda missjoni ta' Monitoraġġ Orjentat lejn ir-Riżultati (MOR), minħabba t-terminazzjoni taż-żewġ kuntratti ta' servizz eżistenti tal-MOR fl-2025; jenfasizza bi tħassib li l-offerta ristretta ppjanata tal-2024 għall-ġenerazzjoni l-ġdida ta' kuntratti tal-MOR kellha tiġi kkanċellata minħabba n-nuqqas ta' disponibbiltà ta' krediti tan-nefqa ta' appoġġ tal-NDICI, li ġiegħel lid-DĠ INTPA jibbaża fuq krediti operazzjonali u jħejji Miżura ta' Appoġġ tal-NDICI awtonoma biex jiffinanzja l-MOR; jinnota li proċedura ta' sejħa għall-offerti ristretta ġdida tnediet mill-ġdid f'Ottubru 2025 taħt klawżola sospensiva, bil-kuntratt tal-MOR il-ġdid ta' 3 snin mistenni li jiġi ffirmat biss f'April 2026; jissottolinja li dan it-tfixkil fil-finanzjament u fl-akkwist irriżulta f'sospensjoni sħiħa tas-sistema tal-MOR sa mill-bidu tal-2025, u dan dewwem il-monitoraġġ indipendenti tal-prestazzjoni tal-implimentazzjoni tal-programm u dgħajjef l-orjentazzjoni ġenerali lejn ir-riżultati tal-azzjoni esterna;

199. Jinnota li l-investiment tal-Unjoni f'assistenza relatata mal-kummerċ lill-pajjiżi l-anqas żviluppati (LDCs) tad-dinja naqas, bi 12,0 % biss tal-flussi tal-Għajnuna għall-Kummerċ (AfT) jilħqu l-LDCs fl-2022 meta mqabbla ma' 18,0 % bħala medja bejn l-2010 u l-2015; jinnota bi tħassib li din il-prestazzjoni insuffiċjenti tippersisti minkejja l-mira ta' nfiq ta' 25,0 % għal-LDCs stabbilita fl-istrateġija riveduta tal-UE tal-2017 dwar l-Għajnuna għall-Kummerċ; jieħu nota tas-sejbiet tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri fir-Rapport Speċjali 17/2025 "Għajnuna għall-kummerċ mogħtija mill-UE lill-pajjiżi l-anqas żviluppati", li kkonkluda li l-Għajnuna tal-UE għall-Kummerċ mhijiex fit-triq it-tajba biex tilħaq il-mira tal-2030; jilqa' l-aċċettazzjoni mill-Kummissjoni tar-rakkomandazzjoni tal-Qorti li tanalizza l-kawżi sottostanti ta' dan it-tnaqqis u jinnota li din il-valutazzjoni hija ppjanata għall-2026, filwaqt li jisħaq fuq il-ħtieġa ta' azzjoni korrettiva f'waqtha biex jiġi żgurat li l-assistenza kummerċjali tal-Unjoni tilħaq lil dawk l-aktar fil-bżonn;

200. Jinnota li l-appoġġ baġitarju rrappurtat fl-2024 mill-INTPA u d-DĠ NEAR lil pajjiżi barra mill-Unjoni ammonta għal EUR 1,56 biljun; jiddispjaċih dwar in-nuqqas ta' data disponibbli għall-pubbliku li

tidentifika l-pajjiżi benefiċjarji, peress li l-istatistika ppubblikata tirreferi biss għal reġjuni jew raggruppamenti ta’ pajjiżi; jiddispjaċih ukoll dwar in-nuqqas ta’ trasparenza rigward l-użu ta’ dawn il-fondi u l-identifikazzjoni tar-riċevituri finali; jenfasizza li l-appoġġ baġitarju għandu jkun allinjat mal-ħtiġijiet tal-pajjiżi sħab u mal-objettivi ta’ politika strateġika tal-Unjoni;

201. Jisħaq li l-għajnuna tal-Unjoni fl-ebda ċirkostanza, direttament jew indirettament, ma trid tiffinanzja t-terroriżmu jew kwalunkwe attività inkompatibbli mal-valuri minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE, u għalhekk ma trid tappoġġja l-ebda entità marbuta mal-Ħamas jew ma’ kwalunkwe organizzazzjoni terroristika jew estremista oħra; ifakkar li, għal dan l-għan, huwa kemm leġittimu kif ukoll essenzjali li jiġu identifikati b’mod ċar il-benefiċjarji finali kollha tal-assistenza tal-Unjoni, anke f’pajjiżi terzi; jenfasizza l-ħtieġa ta’ sorveljanza rigoruża tad-distribuzzjoni u l-użu tal-għajnuna biex jiġi żgurat li l-ebda fond ma jintuża ħażin; jitlob ukoll li jissaħħu l-mekkaniżmi ta’ diliġenza dovuta, monitoraġġ u kontroll sabiex tiġi evitata kwalunkwe forma ta’ infiltrazzjoni ideoloġika fil-programmi ffinanzjati mill-Unjoni; jissottolinja li s-salvagwardji kontra t-terroriżmu u r-rekwiżiti ta’ trasparenza jridu jiġu applikati b’mod rigoruż mingħajr ma jiddgħajfu l-prinċipji umanitarji u l-għoti ta’ assistenza li ssalva l-ħajjiet;

202. Ifakkar li l-edukazzjoni hija pilastru ċentrali tal-konsolidazzjoni tal-paċi, tal-koeżistenza u tat-tħejjija għal soluzzjoni negozjata ta’ żewġ stati, u mezz ewlieni biex jiġu miġġielda l-estremiżmu, l-intolleranza u l-ideoloġiji radikali; ifakkar li l-assistenza finanzjarja u l-impenn politiku tal-Unjoni għandhom jappoġġjaw edukazzjoni li tippromwovi l-paċi, it-tolleranza u l-koeżistenza; jilqa’ l-impenn kontinwu tal-Kummissjoni mal-Awtorità Palestinjana dwar ir-riforma tal-kurrikulu u jirrikonoxxi l-progress tanġibbli rrapportat fl-2025, inklużi r-rieżami u l-emenda li għaddejjin tal-kotba tal-iskola mill-Ministeru għall-Edukazzjoni u l-Edukazzjoni Għolja Palestinjan biex jiġi żgurat l-allinjament mal-istandards tal-UNESCO; jinnota b’mod partikolari li saru xi reviżjonijiet tal-Grad 12 u reviżjonijiet aktar komprensivi tal-Gradi 1–4, u materjal ta’ tagħlim ġdid ġie ppubblikat f’Diċembru 2024 u Ottubru 2025 rispettivament u bħalissa għaddej minn rieżami mill-Unjoni; ifakkar fil-ħtieġa li l-Awtorità Palestinjana tneħħi l-materjali u l-kontenut edukattivi kollha li mhumiex aderenti mal-istandards tal-UNESCO, b’mod partikolari dawk li fihom l-antisemitiżmu, l-inċitament għall-vjolenza, il-glorifikazzjoni tal-ġiħad u tal-martirju, u r-rifjut tar-riżoluzzjoni paċifika tal-kunflitti; ifakkar lill-Kummissjoni tibbaża r-rieżami tagħha fuq evidenza pubblika u verifikabbli u tippubblika r-riżultat tar-rieżamijiet tagħha;

203. Jinnota li, bħal fis-snin preċedenti, l-ebda finanzjament tal-Unjoni fl-2024 ma ntuża biex jappoġġja l-produzzjoni ta’ kotba tal-iskola Palestinjani, u li l-assistenza finanzjarja diretta tal-Unjoni pprovduta lill-Awtorità Palestinjana permezz tal-mekkaniżmu tal-Unjoni PEGASE kemm fl-ambitu tal-pakkett ta’ Appoġġ ta’ Emerġenza tal-

2024 kif ukoll tal-Programm Komprensiv Pluriennali għall-Irkupru u r-Reżiljenza tal-Palestina (2025–2027) hija strettament limitata għal entrati ta’ nefqa traċċabbli bħas-salarji, l-allowances soċjali u l-arretrati lill-isptarijiet; jinnota li dan l-appoġġ finanzjarju lill-Awtorità Palestinjana huwa parzjalment marbut mal-kisba ta’ riformi miftiehma f’Matriċi ta’ Riforma ambizzjuża mal-Awtorità Palestinjana fl-2024, li tinkludi rieżami progressiv u sistemiku tal-materjali tat-tagħlim; ifakkar fil-ħtieġa li l-Awtorità Palestinjana tneħħi l-materjal u l-kontenut edukattivi kollha li mhumiex aderenti mal-istandards tal-UNESCO, b’mod partikolari dawk li jinkoraġġixxu l-antisemitiżmu u jinkludu l-vjolenza, li t-tfal Palestinjani ma għandhomx ikunu esposti għalihom; jisħaq li l-appoġġ finanzjarju mill-Unjoni lill-Awtorità Palestinjana fil-qasam tal-edukazzjoni għandu jingħata bil-kundizzjoni li l-kontenut tal-kotba tal-iskola jkun allinjat mal-istandards tal-UNESCO; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-ebda fond tal-Unjoni ma jiġi allokat, direttament jew indirettament, għal materjal edukattiv li jkun fih referenzi antisemitiċi jew eżempji li jinċitaw il-mibegħda u l-vjolenza;

204. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni, fil-kuntest tal-għoti ta’ appoġġ u għajnuna umanitarja lill-popolazzjoni Palestinjana, tikkoopera ma’ sħab affidabbli fuq il-post biex tiggarantixxi t-twassil mingħajr interruzzjoni u sigur tal-assistenza umanitarja u tiżgura li l-ebda fond tal-Unjoni ma jiġi allokat lil individwi jew organizzazzjonijiet marbuta ma’ movimenti terroristiċi jew estremisti li jopponu l-valuri fundamentali tal-Unjoni; ifakkar li kien hemm allegazzjonijiet li 19 mit-13 000 impjegat tal-UNRWA f’Gaża kienu involuti fl-attakki terroristiċi ta’ stmellija mwettqa mill-Ħamas kontra Iżrael fis-7 ta’ Ottubru 2023; jirrikonoxxi r-rispons tan-Nazzjonijiet Uniti għal dawk l-allegazzjonijiet, inklużi l-investigazzjonijiet varati mill-Uffiċċju tas-Servizzi ta’ Sorveljanza Interna (OIOS) tan-NU, li fi tmiemhom, ġie terminat formalment l-impjieg ta’ disa’ membri tal-persunal fl-interess tal-Aġenzija, u r-rakkomandazzjonijiet maħruġa permezz tar-Rapport Colonna; jinnota li l-Kummissjoni qed taħdem mal-UNRWA biex ittejjeb il-proċessi ta’ newtralità u s-sistemi ta’ kontroll fl-Aġenzija, f’konformità mas-sejbiet tal-investigazzjonijiet mill-OIOS tan-NU u biex timmonitorja l-applikazzjoni tal-pjan ta’ azzjoni ppreżentat mill-UNRWA; jinnota l-valutazzjoni tal-Kummissjoni li l-UNRWA għadha impenjata li timplimenta r-rakkomandazzjonijiet miftiehma kif ukoll li tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha miftiehma mal-Unjoni għal finanzjament kontinwu fl-2024; iħeġġeġ, f’dan ir-rigward, l-impenn kontinwu u l-monitoraġġ mill-qrib tal-Kummissjoni biex tiżgura li l-finanzjament ikun marbut ma’ garanziji sodi dwar in-newtralità, it-trasparenza u l-obbligu ta’ rendikont;

205. Jinnota li matul il-perjodu bejn l-2019 u l-2024 sitta minn disa’ pożizzjonijiet ta’ maniġment superjuri fid-DĠ NEAR baqgħu vakanti għal perjodi estiżi; jinnota b’mod partikolari li l-pożizzjoni ta’ Direttur Ġenerali baqgħet vakanti għal 28 xahar, Direttur A għal 25 xahar, Direttur NEAR B (Viċinat tan-Nofsinhar) għal 48 xahar, Direttur

NEAR D (Balkani tal-Punent) għal 35 xahar, Direttur tal-Grupp ta' Appoġġ għall-Ukrajna għal 32 xahar, u Direttur R għal 22 xahar; jissottolinja li dawn il-postijiet tax-xogħol vakanti fit-tul affettwaw uħud mill-aktar portafolli politikament sensittivi u operazzjonalment kritiċi tal-Unjoni, inkluż matul l-invażjoni Russa tal-Ukrajna u l-attakk terroristiku tal-Ħamas kontra Iżrael; jinnota wkoll ir-riżultati tal-istħarriġ tal-persunal tad-DĠ NEAR ta' April 2022 li juru tnaqqis sinifikanti fil-fiduċja fit-tmexxija tal-maniġment superjuri;

206. Jinnota li bejn l-2020 u l-2023, it-tmexxija tal-Grupp ta' Appoġġ għall-Ukrajna ġiet ipprovduta fuq bażi interim mill-Viċi Direttur Ġenerali tad-DĠ NEAR flimkien mal-ħafna funzjonijiet oħra tagħha, u jinnota wkoll li l-Grupp ta' Appoġġ għall-Ukrajna ġie xolt fl-2023 u l-portafolli tiegħu ġew ridistribwiti lill-Faċilità għall-Ukrajna u lil unitajiet oħra; jinnota li l-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni f'dan ir-rigward matul l-iskambju ta' fehmiet mal-awtorità ta' kwittanza ma kinitx preċiża u jistieden lill-Kummissjoni tiżgura rappurtar ċar u preċiż lill-Parlament mill-Membri kollha tal-Kummissjoni;

207. Jinnota r-rapportar investigattiv reċenti ppubblikat f'Ottubru 2025 minn diversi organi tax-xandir Ewropej li allegaw li s-servizzi tal-intelligence Ungeriżi kienu involuti f'attivitajiet ta' spjunaġġ fi Brussell, inklużi tentattivi biex jiġu reklutati ċittadini Ungeriżi li jaħdmu fl-istituzzjonijiet tal-Unjoni; jinnota li dawn ir-rapporti jirreferu għall-perjodu 2015–2019 u li l-Kummissjoni kkonfermat li qed teżamina dawn l-allegazzjonijiet internament; jistenna li l-Kummissjoni u l-awtoritajiet kompetenti jwettqu analiżi u investigazzjoni bir-reqqa abbażi tal-evidenza u jinfurmaw lill-Parlament hekk kif l-investigazzjoni tkun ġiet iffinalizzata;

208. Jinnota li l-Kummissarji jeżerċitaw awtorità politika u regolatorja sinifikanti u għalhekk l-imġiba tagħhom trid tirrifletti l-ogħla standards ta' indipendenza, trasparenza, obbligu ta' rendikont, u mġiba etika; jisħaq li aderenza stretta mal-Kodiċi ta' Kondotta għall-Membri tal-Kummissjoni Ewropea hija essenzjali biex jiġu ssalvagwardjati l-integrità, il-kredibbiltà u l-leġittimità demokratika tal-eżekuttiv tal-Unjoni; jissottolinja li l-konformità sħiħa mal-Kodiċi ta' Kondotta hija indispensabbli wkoll għall-prevenzjoni tal-kunflitti ta' interess, l-evitar ta' influwenza indebita, u l-iżgurar li d-deċiżjonijiet jittieħdu biss fl-interess Ewropew; iqis li, meta jitqiesu flimkien, in-nuqqasijiet serji u fit-tul marbuta mal-ġestjoni fid-DĠ NEAR, l-għoti ta' informazzjoni mhux preċiża lill-Parlament fil-kuntest tal-proċedura ta' kwittanza, u t-tħassib addizzjonali relatat mal-imġiba u l-indipendenza deskritt hawn fuq juru xejra li hija inkompatibbli mal-istandards ta' obbligu ta' rendikont, affidabbiltà u amministrazzjoni tajba meħtieġa minn Membru tal-Kummissjoni;

209. Jinnota bi tħassib li l-finanzjament tal-Unjoni lill-Ukrajna huwa mifrux fuq diversi strumenti u faċilitajiet, u dan joħloq xenarju ta'

finanzjament frammentat u kumpless; jissottolinja li n-nuqqas ta' ħarsa ġenerali konsolidata u trasparenti ta' kif dawn il-fondi, inkluż is-self garantit mill-marġni ta' manuvra tal-QFP, jiġu allokati u minfuqa jxekkel is-sorveljanza demokratika effettiva, l-obbligu ta' rendikont u l-kapaċità li jiġi vvalutat l-impatt ġenerali tal-appoġġ tal-Unjoni;

210. Jinnota li l-korpi speċjalizzati tal-Ukrajna kontra l-korruzzjoni (NABU, SAPO u HACC) qed ikomplu jwettqu investigazzjonijiet, prosekuzzjonijiet u sentenzi f'każijiet ta' livell għoli, u dan juri li l-istituzzjonijiet indipendenti kontra l-korruzzjoni qed jibdew jiffunzjonaw u li r-riżenji reċenti tal-ministri akkużati juru grad ta' rispons u obbligu ta' rendikont governattivi; ifaħħar ir-riformi mwettqa mill-Ukrajna f'nofs invażjoni sħiħa; jinnota li t-tentattivi biex in-NABU u s-SAPO jitqiegħdu taħt l-awtorità tal-Prosekutur Ġenerali, issograw li jimminaw l-indipendenza u l-effettività tal-qafas kontra l-korruzzjoni; jilqa' t-treġġigħ lura rapidu ta' dawn l-emendi wara pressjoni domestika u internazzjonali, iżda jesprimi tħassib dwar rapporti minn istituzzjonijiet kontra l-korruzzjoni u mis-soċjetà ċivili li jenfasizzaw l-isfidi fiż-żamma tal-effettività u l-indipendenza tal-qafas kontra l-korruzzjoni; jistieden lill-awtoritajiet jipprevjenu r-rigress, jindirizzaw id-dewmien proċedurali u l-ostakli f'każijiet ta' livell għoli, u jirrevedu l-istatuti ta' limitazzjoni f'konformità mal-istandards Ewropej;

211. Jinnota l-allegazzjonijiet reċenti ta' frodi fis-settur tal-enerġija tal-Ukrajna; jissottolinja li dawn l-allegazzjonijiet, jekk jiġu kkonfermati, jindikaw vulnerabbiltajiet strutturali fis-sistemi ta' governanza, sorveljanza u kontroll intern; jisħaq fuq il-ħtieġa li tinbena l-fiduċja pubblika biex tissaħħaħ il-kredibbiltà tar-riforma tal-Ukrajna permezz ta' sistemi robusti ta' akkwist pubbliku u kontroll intern;

212. Jinnota li, biex tiġi żgurata l-ġestjoni finanzjarja tajba tal-Faċilità għall-Ukrajna, f'Ġunju 2024 il-Kummissjoni stabbiliet Bord tal-Verifika ddedikat permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/1697, magħmul minn esperti indipendenti maħtura mill-Kummissjoni; jinnota li l-mandat tal-Bord tal-Verifika huwa li jidentifika dgħufijiet sistemiċi fil-ġestjoni u l-kontroll min-naħa tal-Ukrajna tal-fondi tal-Faċilità, inklużi nuqqasijiet fil-prevenzjoni tal-frodi, fis-salvagwardji kontra l-korruzzjoni u fis-sistemi ta' kunflitt ta' interess, u li jirrapporta tali kwistjonijiet direttament lill-Kummissjoni;

213. Jissottolinja li, lil hinn mir-rwol ta' sorveljanza tiegħu, il-Bord tal-Verifika jista' joħroġ rakkomandazzjonijiet lill-awtoritajiet Ukreni dwar l-indirizzar tal-irregolaritajiet finanzjarji jew tan-nuqqasijiet strutturali fil-ġestjoni tal-fondi tal-Unjoni; jisħaq li l-Ukrajna, irrappreżentata mill-Ministeru tal-Ekonomija, jeħtiġilha tipprovdi tweġiba bil-miktub għal kull rakkomandazzjoni, li tiddeskrivi l-miżuri ta' implimentazzjoni jew tipprovdi spjegazzjoni ġustifikata għan-

nuqqas ta’ implimentazzjoni; jenfasizza li s-sejbiet tal-Bord tal-Verifika jista’ jkollhom konsegwenzi finanzjarji sinifikanti; jissottolinja li l-appoġġ finanzjarju sostnut tal-Unjoni jrid ikun akkumpanjat minn ġestjoni finanzjarja tajba, trasparenza u monitoraġġ tal-prestazzjoni sabiex jiġi żgurat użu effettiv tal-fondi tal-Unjoni u tinżamm il-kredibbiltà tal-politika tat-tkabbir;

214. Ifakkar li, fl-ambitu tal-Faċilità għall-Ukrajna, il-pagamenti regolari jiddependu mill-verifika tal-Kummissjoni tal-implimentazzjoni tal-pjan ta’ rkupru u riforma tal-Ukrajna u r-rispett kontinwu tal-mekkaniżmi demokratiċi, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem; jinnota li, sal-lum, il-Kummissjoni f’ħames okkażjonijiet ikkonkludiet li l-passi ta’ riforma individwali ma ġewx issodisfati taħt l-ewwel sal-ħames pagament parzjali, u dan wassal għas-sospensjoni tal-ammonti korrispondenti, li wieħed minnhom minn dak iż-żmien ’l hawn ġie rimedjat; jilqa’ f’dan ir-rigward l-approċċ strett ta’ kundizzjonalità tal-Kummissjoni u r-rieda murija tagħha li tivverifika l-implimentazzjoni bir-reqqa u li żżomm il-fondi fejn il-kundizzjonijiet ma jiġux issodisfati;

215. Jilqa’ l-fatt li l-OLAF jipprovdi assistenza mmirata kontra l-frodi lill-awtoritajiet u jappoġġja l-adeżjoni tal-Ukrajna mal-Programm tal-UE Kontra l-Frodi; jinnota li l-Ftehim Qafas dwar il-Faċilità għall-Ukrajna, li daħal fis-seħħ f’Ġunju 2024, jipprevedi arranġamenti legalment vinkolanti għall-ġestjoni, il-kontroll, is-superviżjoni, il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni, ir-rapportar u l-awditjar ta’ fondi fl-ambitu tal-Faċilità, kif ukoll miżuri għall-prevenzjoni, l-investigazzjoni u l-korrezzjoni ta’ irregolaritajiet, frodi, korruzzjoni u kunflitti ta’ interess, u dispożizzjonijiet dwar ir-rwoli tal-OLAF u tal-UPPE;

216. Jesprimi tħassib peress li l-allokazzjoni fl-ambitu tal-pakkett flessibbli l-ġdid tal-EFSD+ “Appoġġ għall-Investimenti” hija ta’ benefiċċju għall-pajjiżi fejn l-investimenti tal-Global Gateway huma aktar faċli biex jiġu implimentati għad-detriment tal-prijoritizzazzjoni tal-LDCs u tal-pajjiżi fraġli u affettwati mill-kunflitti;

217. Jinnota li minkejja l-finanzjament tal-Unjoni li ilu jeżisti biex jissaħħu l-kontrolli Libjani fil-fruntieri u tal-migrazzjoni, ir-rapporti jindikaw li tali assistenza tkompli tqajjem tħassib operazzjonali u umanitarju serju kif ukoll tħassib fir-rigward tad-drittijiet fundamentali u tal-governanza, li potenzjalment jesponi lill-Unjoni għal riskji għar-reputazzjoni; jisħaq fuq il-ħtieġa ta’ mekkaniżmi rigoruż ta’ monitoraġġ, trasparenza u obbligu ta’ rendikont biex jiġi żgurat li l-assistenza relatata mal-migrazzjoni ma tikkontribwix indirettament għal aktar ħsara;

218. Jinnota li, mill-1 ta’ Frar 2025, il-Kummissjoni Ewropea organizzat mill-ġdid dak li qabel kien id-Direttorat Ġenerali għad-DĠ NEAR, u qasmet ir-responsabbiltajiet tiegħu bejn żewġ direttorati li għadhom

kif ġew stabbiliti: id-Direttorat Ġenerali għat-Tkabbir u l-Viċinat tal-Lvant (DĠ ENEST), responsabbli għall-pajjiżi kandidati u l-Viċinat tal-Lvant, u d-Direttorat Ġenerali għal-Lvant Nofsani, l-Afrika ta' Fuq u l-Golf (DĠ MENA), li issa jkopri r-reġjun tal-Mediterran;

Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ)

219. Jinnota li biex tawditja r-regolarità tat-tranżizzjonijiet, il-Qorti eżaminat kampjun ta' 85 tranżazzjoni, li jirrappreżentaw il-firxa sħiħa ta' nfiq mill-FEŻ; jinnota, barra minn hekk, li dan kien jinkludi 16-il tranżazzjoni relatati mal-Fond Fiduċjarju ta' Emerġenza tal-Unjoni Ewropea għall-Afrika, 54 tranżazzjoni awtorizzati minn 14-il delegazzjoni tal-Unjoni[18], 14-il tranżazzjoni approvati mill-kwartieri ġenerali tal-Kummissjoni u tranżazzjoni waħda relatata mal-Fond Fiduċjarju Bêkou;

220. Jinnota bi tħassib li, mill-85 tranżazzjoni eżaminati, 34 (40,0 %) kien fihom żbalji, meta mqabbla mat-62 tranżazzjoni (44,3 %) fl-2023 għall-istess għadd ta' tranżazzjonijiet; jisħaq, barra minn hekk, li l-Qorti kkwantifikat 27 żball (52 fl-2023), li abbażi tagħhom stmat li l-livell ta' żball għas-sena finanzjarja 2024 kien ta' 6,5 % (8,9 % fl-2023);

221. Jenfasizza bi tħassib li l-aktar tliet tipi frekwenti ta' żbalji identifikati fis-sena finanzjarja 2024 kienu: nefqa ineliġibbli (40,0 %), in-nuqqas ta' dokumentazzjoni ta' sostenn essenzjali (32,0 %) u l-ikklerjar żejjed tal-prefinanzjament (14,0 %);

222. Jinnota bi tħassib li, sal-31 ta' Diċembru 2024, l-għeluq kontabilistiku sħiħ tad-9 Fond Ewropew għall-Iżvilupp, li jkopri l-perjodu 2000–2007, kien għadu ma tlestiex, aktar minn 17-il sena wara l-introduzzjoni tal-klawżola ta' estinzjoni, bi tmien kuntratti li għadhom għaddejjin, u dan juri l-kumplessità eċċezzjonali u t-tul ta' żmien ta' ċerti programmi tal-FEŻ;

223. Jinnota b'mod pożittiv li l-Kummissjoni tejbet il-kalkolu tal-istimi tal-limitu billi sistematikament qieset l-estensjonijiet tal-perjodi ta' implimentazzjoni tal-kuntratti li jseħħu wara s-sena ta' rapportar, wara rakkomandazzjoni li saret mill-Qorti fir-rapport annwali tagħha tal-2023;

224. Jinnota bi tħassib li, bħal fis-snin preċedenti, bilanċi sinifikanti ta' prefinanzjament għadhom ma ġewx approvati għal perjodi eċċessivament twal, inklużi EUR 446,0 miljun pendenti għal aktar minn 10 snin, fil-biċċa l-kbira marbuta mal-Fond Fiduċjarju tal-UE għall-Infrastruttura fl-Afrika, li l-operazzjonijiet fit-tul tiegħu

---

18 Il-Burundi, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, il-Guinea-Bissau, il-Kenja, il-Malawi, il-Mauritania, Mauritius, il-Mozambique, in-Namibja, in-Niġerja, Sierra Leone, it-Togo, l-Uganda, iż-Żambja.

jirriżultaw f’ikklerjar bil-mod ħafna tal-prefinanzjament;

225. Jinnota li l-eżiti mistennija tar-rieżami li qed iwettaq bħalissa d-DĠ INTPA tal-istrateġija ta’ kontroll tiegħu jinkludu t-tisħiħ tal-gwida dwar ir-rapportar finanzjarju u dwar kontrolli ex ante mtejba sabiex jiġu pprevenuti żbalji inkluż dwar ikklerjar eċċessiv;

226. Jinnota li d-dikjarazzjoni ta’ assigurazzjoni tad-Direttur Ġenerali fir-Rapport Annwali tal-Attività 2024 tad-DĠ INTPA ma fiha l-ebda riżerva, u dan kompla xejra li fiha d-Direttorat Ġenerali naqqas l-ambitu tar-riżervi minn 16,0 % tan-nefqa fl-2017 għal 1,0 % fl-2018 u għal żero mill-2019 ’il quddiem; jinnota wkoll li d-DĠ INTPA jistma li l-ammont f’riskju fil-waqt tal-pagament huwa ta’ EUR 89,7 miljun (1,1 % tan-nefqa tal-2024) u li l-ammont f’riskju fl-għeluq huwa ta’ EUR 78,6 miljun (0,97 %), u li jistenna li EUR 11,1-il miljun (12,4 % tal-ammont f’riskju fil-waqt tal-pagament) jiġu kkoreġuti fis-snin sussegwenti permezz tal-kontrolli tiegħu stess; josserva madankollu li, mill-EUR 5,0 miljun irrapportati bħala rkuprati fl-2024, l-ittestjar tal-Qorti wera li EUR 0,2 miljun ma kellhomx jingħaddu bħala kapaċità korrettiva implimentata, u dan qajjem tħassib dwar l-affidabbiltà tar-rapportar tad-DĠ;

227. Jinnota li d-DĠ INTPA kkummissjona t-13-il studju tiegħu dwar ir-Rata tal-Iżball Residwu (RER) fl-2024, komponent importanti li jirfed id-dikjarazzjoni ta’ assigurazzjoni tad-Direttur Ġenerali u l-informazzjoni dwar ir-regolarità żvelata fir-Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni; josserva li l-istudju tal-2024, ibbażat fuq kampjun ta’ 401 tranżazzjoni, stima rata tal-iżball residwu ta’ 0,48 %, li għad-disa’ sena konsekuttiva baqgħet taħt il-livell limitu ta’ materjalità ta’ 2,0 % tal-Kummissjoni; ifakkar, madankollu, li l-Qorti ripetutament identifikat nuqqasijiet metodoloġiċi li jistgħu jissottovalutaw ir-rata reali tal-iżball residwu, b’mod partikolari fir-rigward tat-trattament ta’ oġġetti ta’ valur għoli; jinnota li filwaqt li l-Kummissjoni rrevediet il-metodoloġija tal-RER mill-2025 biex tiċċara ċerti aspetti u tillimita d-dipendenza mill-kontrolli ta’ ġestjoni u l-ħidma ta’ awdituri oħra, il-metodoloġija aġġornata għadha tippermetti l-esklużjoni ta’ żbalji “iżolati” mill-estrapolazzjoni; jistenna li l-Kummissjoni timplimenta l-metodoloġija riveduta b’mod rigoruż u jistenna bil-ħerqa l-verifika mill-Qorti tal-applikazzjoni tagħha fiċ-ċiklu tal-awditjar li jmiss;

228. Ifakkar li l-Fond Fiduċjarju ta’ Emerġenza tal-UE għall-Afrika, stabbilit biex jindirizza l-kawżi fundamentali tal-ispostament u l-migrazzjoni irregolari, immobilizza aktar minn EUR 5 biljun, li minnhom 88 % ġew mill-FEŻ u mill-baġit tal-Unjoni; jiddispjaċih dwar in-nuqqas ta’ trasparenza fil-ġestjoni u l-allokazzjoni ta’ dawn il-fondi u d-diffikultà fil-verifika tal-konformità mal-prinċipji tal-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp, kif enfasizzat mir-Rapport Speċjali 17/2024 tal-Qorti; jappella biex l-EUTF jappoġġja b’mod suffiċjenti l-prijoritajiet miftiehma; jinnota wkoll bi tħassib is-sejbiet tar-Rapport

Speċjali 20/2025 tal-Qorti dwar l-appoġġ tal-Kummissjoni għall-ġlieda kontra l-ġuħ fl-Afrika sub-Saħarjana, li identifika dgħufijiet fil-valutazzjoni tal-kostijiet u fl-ippjanar tal-proġetti, inklużi skrutinju insuffiċjenti tal-baġits u każijiet ta' tagħmir mhux użat jew mhux xieraq; jisħaq li tali nuqqasijiet jimminaw il-ġestjoni finanzjarja tajba u jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ l-analiżi tal-kostijiet, l-ippjanar tal-akkwist u l-implimentazzjoni bbażata fuq il-ħtiġijiet;

Rakkomandazzjonijiet

229. Jistieden lill-Kummissjoni:

(i) issaħħaħ il-kontrolli preventivi u korrettivi fl-ambitu tal-intestatura 6 billi tindirizza dgħufijiet rikorrenti bħal nefqa ineliġibbli, irregolaritajiet fl-akkwist, dokumentazzjoni ta' sostenn nieqsa u nefqa li fil-fatt ma tkunx iġġarrbet; tappella għal gwida msaħħa għad-delegazzjonijiet u s-sħab ta' implimentazzjoni;

(ii) twettaq rieżami komprensiv tal-qafas ta' aċċertament għall-ġestjoni indiretta, b'mod partikolari ma' organizzazzjonijiet ivvalutati skont il-pilastru u istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali;

(iii) tiżgura li l-kuntratt tal-MOR il-ġdid ikun operazzjonali mingħajr dewmien f'April 2026 peress li l-interruzzjoni tal-MOR timmina l-monitoraġġ tal-prestazzjoni u l-orjentazzjoni lejn ir-riżultati tal-implimentazzjoni tal-NDICI; jiġi pprevenut tfixkil futur fl-MOR billi jiġi żgurat finanzjament stabbli u jiġi żgurat li l-għodod ta' monitoraġġ ikunu disponibbli kontinwament matul il-perjodu tal-QFP;

(iv) treġġa' lura t-tnaqqis fil-finanzjament tal-Għajnuna għall-Kummerċ lil-LDCs, twettaq l-analiżi ppjanata tal-2026 mingħajr dewmien u tipproponi miżuri korrettivi li jiżguraw li r-riżorsi tal-Għajnuna għall-Kummerċ jagħtu prijorità lill-pajjiżi l-aktar fil-bżonn;

(v) tintegra fil-proposta leġiżlattiva l-ġdida tal-QFP ir-rakkomandazzjonijiet tal-Garanzija għall-Azzjoni Esterna li jikkomplementaw l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni, inkluż użu akbar ta' taħlit fl-LDCs, f'pajjiżi fraġli jew affettwati mill-kunflitti u koordinazzjoni impenjata mal-partijiet ikkonċernati bħas-soċjetà ċivili;

(vi) tiżgura valutazzjonijiet imparzjali u bbażati fuq l-evidenza fir-rapportar dwar it-tkabbir sabiex il-kunsiderazzjonijiet politiċi ma jiħdux preċedenza fuq kriterji ta' evalwazzjoni oġġettivi;

(vii) tiżgura li l-ebda assistenza tal-Unjoni lil pajjiżi terzi ma tkun ta' benefiċċju għall-entitajiet li huma involuti fi ksur tad-drittijiet

tal-bniedem, fir-repressjoni jew fir-rigress demokratiku, u tapplika l-kundizzjonalità b'mod rigoruż, inkluż permezz tas-sospensjoni tal-assistenza meta l-valuri fundamentali tal-Unjoni jiġu mminati; tipprovdi deskrizzjoni dettaljata tas-salvagwardji, tal-mekkaniżmi ta' monitoraġġ u tal-miżuri korrettivi implimentati biex jinżammu l-integrità u r-responsabbiltà tal-assistenza esterna tal-Unjoni;

(viii) tkompli tappoġġja sħab umanitarji affidabbli, flimkien ma' sorveljanza indipendenti minn esperti esterni u mill-Qorti, biex tiżgura kontroll effettiv u fiduċja fl-użu tal-fondi tal-Unjoni;

(ix) tipprovdi ħarsa ġenerali konsolidata u trasparenti tal-appoġġ finanzjarju kollu tal-Unjoni lill-Ukrajna, inklużi għotjiet, self u garanziji fl-ambitu ta' diversi strumenti u faċilitajiet, sabiex issaħħaħ l-iskrutinju demokratiku u tiżgura obbligu ta' rendikont sħiħ;

(x) timmonitorja mill-qrib l-allegazzjonijiet serji ta' frodi fl-Ukrajna, u tkompli tapplika l-kundizzjonalità meta jiġu identifikati riskji sistemiċi jew użu ħażin tal-fondi; iżżomm lill-Parlament Ewropew infurmat regolarment dwar l-attivitajiet u s-sejbiet tal-Bord tal-Verifika sabiex tiġi żgurata sorveljanza parlamentari xierqa;

(xi) tirrapporta dwar il-volum tal-ammonti tal-EFSD+ allokati u kuntrattwalizzati fl-LDCs u, għal raġunijiet ta' trasparenza, dwar kif tiġi rispettata l-kwota tal-allokazzjonijiet fl-MIPs tal-pajjiżi;

(xii) tirrapporta lill-awtorità ta' kwittanza dwar il-miżuri ta' rimedju meħuda mal-finalizzazzjoni tar-rieżami kontinwu tad-DĠ INTPA tal-istrateġija ta' kontroll tiegħu;

(xiii) taċċelera l-għeluq tad-9 FEŻ, filwaqt li tinnota li dan għadu miftuħ 17-il sena wara l-klawżola ta' estinzjoni, u tirrieżamina r-raġunijiet li kkontribwew għaċ-ċiklu ta' implimentazzjoni mtawwal;

(xiv) timpenja ruħha mal-BEI biex tiżgura li l-operazzjonijiet ta' self tiegħu f'pajjiżi mhux tal-UE jkunu allinjati mal-objettivi ta' politika esterna tal-Unjoni u akkumpanjati minn oqfsa ta' kooperazzjoni effettivi mal-pajjiżi sħab;

(xv) iżżid it-trasparenza billi tippubblika dashboards aċċessibbli li jsegwu l-kuntratti ta' azzjoni esterna ta' valur għoli, l-indikaturi tal-prestazzjoni u l-istatus tar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti;

(xvi) issaħħaħ id-diliġenza dovuta finanzjarja u s-salvagwardji tal-akkwist fl-ambitu tal-Global Gateway;

(xvii) tiżgura li s-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni jikkonformaw strettament mar-regoli ta’ viżibbiltà biex jippreżentaw informazzjoni trasparenti għall-pubbliku u titlob segwitu aktar strett f’każijiet ta’ nuqqas ta’ konformità ripetut;

Amministrazzjoni

230. Jinnota li l-intestatura 7 “Amministrazzjoni pubblika Ewropea” tal-QFP kienet tammonta għal EUR 13,3-il biljun, ugwali għal 6,9 % tal-infiq tal-baġit tal-Unjoni fl-2024; jinnota li l-Kummissjoni Ewropea tonfoq EUR 8 biljun, ugwali għal 60,6 % tal-ammont totali; jinnota b’sodisfazzjon li anke għall-2024 il-Qorti tikkonkludi li l-infiq amministrattiv huwa qasam ta’ nfiq b’riskju baxx; jisħaq li l-Kummissjoni għandha, mingħajr eżitazzjoni, issegwi l-kwistjonijiet identifikati mill-Qorti fir-Rapport Annwali tagħha tal-2024 dwar il-ħlas għas-servizzi tal-IT;

231. Ikompli jikkritika l-proċess li bih il-Kummissjoni fl-2023 iddeċidiet li tbigħ 23 mill-binjiet tal-uffiċċji tagħha fi Brussell u tikri lura 17 minnhom għal perjodu sal-2029; jinnota li apparentement id-deċiżjoni li jsir dan ittieħdet mingħajr valutazzjonijiet tal-impatt ċari tat-tranżazzjonijiet kollha; iqis li huwa partikolarment inkwetanti li l-Kummissjoni rċeviet biss offerta waħda għat-tranżazzjoni minn kumpanija tal-Istat Belġjan, li kienet ippreżentat offerta indikattiva qabel ma l-Kummissjoni nediet is-sejħa għall-applikazzjonijiet u li l-offerta ma ssodisfatx ir-rekwiżiti fis-sejħa għall-offerti dwar il-perjodu ta’ żmien għall-validità ta’ garanzija bankarja; jesprimi t-tħassib serju tiegħu li l-kumitat ta’ evalwazzjoni tal-Kummissjoni ma kellux indipendenza peress li l-membri kollha kienu subordinati tal-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni; jinnota bi tħassib, f’dan il-kuntest, l-attivitajiet reċenti ta’ ġbir ta’ evidenza mwettqa mill-UPPE fir-rigward ta’ din it-tranżazzjoni, peress li dan ikompli jqajjem dubji serji dwar it-trattament u l-governanza tal-bejgħ;

232. Jinnota li l-Kummissjoni tirrapporta li ġew ippreżentati 54 talba għal assistenza skont l-Artikolu 24 tar-Regolament tal-Persunal fil-perjodu 2021–2024 u li 8 biss ġew segwiti bil-ftuħ ta’ inkjesta amministrattiva; iqis li dan l-għadd huwa baxx b’mod inkwetanti, peress li jfisser li 85 % tat-talbiet ġew miċħuda mingħajr ebda segwitu; jilqa’ l-fatt li l-uffiċċju tal-Konsulent Kunfidenzjali Prinċipali ssaħħaħ, filwaqt li jitqies li madwar 300 membru tal-persunal tal-Kummissjoni talbuha għajnuna f’każijiet relatati mal-fastidju fi żmien sena waħda; jinnota wkoll li 14-il ilment tressqu direttament lill-Uffiċċju tal-Investigazzjoni u d-Dixxiplina tal-Kummissjoni (IDOC), fejn erba’ każijiet ingħalqu bħala każijiet ineżistenti wara valutazzjoni, żewġ każijiet ingħalqu mingħajr segwitu wara inkjesta amministrattiva; il-proċedimenti predixxiplinari wasslu għal twissija waħda, twissija waħda bil-miktub, u tliet twissijiet, każ wieħed għadu fil-fażi predixxiplinari u żewġ każijiet jinsabu attwalment quddiem il-Bord Dixxiplinari, filwaqt li żewġ każijiet ġew irrapportati

direttament lill-OLAF li t-tnejn li huma ġew miċħuda minħabba suspett insuffiċjenti; jisħaq li dawn in-numri jidhru li huma baxxi ħafna għal organizzazzjoni b'aktar minn 30,000 impjegat u jħeġġeġ lill-Kummissjoni ttejjeb il-possibbiltajiet għall-impjegati biex jippreżentaw każijiet ta' fastidju f'ambjent sikur;

233. Jinnota li, fil-perjodu 2021–2024, ma ġie rrapportat l-ebda każ lill-OLAF mill-membri tal-persunal tal-Kummissjoni fejn is-sors ikkwalifika bħala informatur; jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-Kummissjoni ma pprovdietx informazzjoni dwar jekk, jew kemm, każijiet ġew irrapportati minflok permezz ta' kanali ġerarkiċi interni jew lis-Segretarju Ġenerali; iqis li, fin-nuqqas ta' data komprensiva dwar l-għadd ta' każijiet imqajma, il-kanali użati, u l-azzjonijiet ta' segwitu meħuda mill-Kummissjoni f'kull każ, mhuwiex possibbli li jiġi vvalutat jekk is-sistema ta' żvelar ta' informazzjoni protetta hijiex effettiva; jinnota f'dan il-kuntest li l-Kummissjoni bħalissa qed tirrieżamina l-Linji Gwida tagħha dwar l-Iżvelar ta' Informazzjoni Protetta fid-dawl tal-ġurisprudenza u l-esperjenza prattika bl-implimentazzjoni tad-Direttiva (UE) 2019/1937 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw dwar ksur tad-dritt tal-Unjoni fl-Istati Membri, bil-ħsieb li tallinjahom kemm jista' jkun mill-qrib mad-Direttiva;

234. Jinnota b'interess li l-Kummissarju għall-Baġit, għall-Ġlieda kontra l-Frodi u għall-Amministrazzjoni Pubblika fl-ittra ta' missjoni tiegħu ngħata l-kompitu li jwettaq rieżami fuq skala kbira tal-organizzazzjoni u l-operazzjonijiet tal-Kummissjoni; jaqbel fil-prinċipju li huwa importanti għall-organizzazzjonijiet kollha li jeżaminaw perjodikament jekk l-organizzazzjoni u l-proċeduri tagħhom humiex aġġornati; jissottolinja li huwa importanti li l-proċess jibqa' trasparenti u li l-organizzazzjonijiet rilevanti li jirrappreżentaw lill-persunal tal-Kummissjoni u atturi rilevanti oħra jkunu involuti bis-sħiħ fil-proċess, anke biex jitrawmu l-fiduċja u l-aċċettazzjoni tal-eżitu tar-rieżami mill-partijiet ikkonċernati kollha, inkluż b'mod partikolari l-persunal affettwat;

235. Jissottolinja li t-trasparenza fl-amministrazzjoni u l-aċċess għall-informazzjoni u d-dokumenti huma elementi ewlenin ta' governanza soda, responsabbli u demokratika; f'dak ir-rigward jiddispjaċih li kien hemm bosta eżempji matul l-aħħar snin meta l-Kummissjoni ma ssodisfatx standards ta' trasparenza raġonevoli; jieħu nota tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali fil-kawża T-36/23, *Stevi u The New York Times v. Il-Kummissjoni*; iqis li l-iskambji informali ma jridux jissostitwixxu l-komunikazzjoni uffiċjali u li kwalunkwe informazzjoni relatata mat-teħid ta' deċiżjonijiet jew mal-fluss tax-xogħol trid tiġi trażmessa permezz ta' kanali uffiċjali b'rispett sħiħ tar-rekwiżiti ta' trasparenza; jisħaq li huwa importanti għall-kredibbiltà tal-Kummissjoni li tiżgura implimentazzjoni stretta tal-linji gwida dwar l-użu ta' messaġġi testwali fir-rigward tal-flussi tax-xogħol; ifakkar li skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 il-messaġġi testwali

mibgħuta jew riċevuti mill-uffiċjali tal-Unjoni jiġu kkwalifikati bħala dokumenti biss jekk jikkonċernaw il-politika jew id-deċiżjonijiet tal-Unjoni;

236. Jinnota bi tħassib li fl-2024 il-Kummissjoni rrevediet ir-regoli interni tagħha dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti; iqis li dawn il-bidliet huma inkompatibbli mad-dritt ta' aċċess għad-dokumenti kif żviluppat fir-Regolament (KE) Nru 1049/2001; jenfasizza li, pereżempju, ir-regoli jiddikjaraw li għandu jiġi rreġistrat biss "kontenut li jikkostitwixxi informazzjoni importanti li ma għandhiex ħajja qasira" u jirrikjedu l-għajbien awtomatiku tal-messaġġi testwali; jinnota li l-legalità ta' dawn ir-regoli bħalissa qed tiġi kkontestata quddiem il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja;

237. Jisħaq li l-aċċess għad-dokumenti huwa prinċipju ewlieni biex tiġi żgurata t-trasparenza fl-amministrazzjoni pubblika; jirrimarka li sfortunatament il-Kummissjoni f'ħafna sitwazzjonijiet ma pprovdietx tweġibiet sal-iskadenzi stipulati speċjalment fir-rigward ta' każijiet fl-ambitu tal-applikazzjonijiet konfermatorji fejn l-Ombudsman Ewropew sabet dewmien sistemiku u sinifikanti fl-amministrazzjoni tal-Kummissjoni; jenfasizza li għall-kredibbiltà tal-Kummissjoni huwa essenzjali li l-ġurnalisti u l-pubbliku ġenerali jkun jista' jkollhom aċċess għad-dokumenti fl-iskadenzi legalment applikabbli; jisħaq, barra minn hekk, li t-trasparenza tirrikjedi mhux biss aċċess f'waqtu iżda wkoll li d-dokumenti nfushom jiġu abbozzati b'lingwaġġ ċar u li jinftiehem, peress li komunikazzjoni teknokratika żżejjed tista' xxekkel l-aċċess sinifikanti taċ-ċittadini għall-informazzjoni anke meta d-dokumenti jkunu disponibbli;

238. Ifakkar li l-Ombudsman Ewropew sabet każijiet ta' amministrazzjoni ħażina fir-rigward ta' diversi proposti leġiżlattivi li l-Kummissjoni ppreżentat fl-2025; jinnota bi tħassib kbir li dawn il-każijiet jinkludu l-pakkett Omnibus I; jisħaq fuq l-importanza li jiġu rrispettati r-regoli dwar it-tfassil aħjar tal-liġijiet; jissottolinja l-importanza ta' leġiżlazzjoni robusta, dejjiema u legalment soda li tiżgura ambjent regolatorju stabbli u prevedibbli, anke bil-ħsieb li jissaħħaħ is-Suq Uniku u tingħata spinta lill-kompetittività globali tal-Unjoni;

239. Jesprimi t-tħassib serju tiegħu li kien hemm għadd ta' allegazzjonijiet ta' korruzzjoni marbuta mal-Kummissjoni, inklużi eks Membri tal-Kummissjoni u uffiċjali għolja; jinnota b'mod partikolari li, wara l-ftuħ ta' investigazzjoni kriminali dwar allegazzjonijiet ta' korruzzjoni li jinvolvu uffiċjal għoli tal-Kummissjoni mill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew lejn l-aħħar tal-2024 u wara r-rakkomandazzjoni maħruġa mill-OLAF fl-2024, il-Kummissjoni nediet il-proċedura dixxiplinari tagħha stess dwar dak l-uffiċjal; jinnota li l-Kummissjoni dan l-aħħar ħabbret li kienet ikkonkludiet il-proċedura, u sabet li l-uffiċjal ikkonċernat kien kiser ir-regoli applikabbli tar-Regolamenti tal-Persunal, inklużi dispożizzjonijiet relatati mal-kunflitti ta' interess, mat-trasparenza, mal-aċċettazzjoni tar-rigali u mal-iżvelar

ta’ dokumenti; ifakkar li l-proċedura dixxiplinari segwiet is-sejbiet tal-OLAF, li eżamina l-allegazzjonijiet li informazzjoni kunfidenzjali dwar ftehim ewlieni tal-avjazzjoni mal-Istat tal-Qatar kienet ġiet skambjata bħala kumpens għal rigali; jinnota li, peress li dak iż-żmien l-uffiċjal għoli kellu l-pożizzjoni ta’ Direttur Ġenerali fid-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni għall-Mobbiltà u t-Trasport, huwa eżerċita influwenza sinifikanti fuq il-proċess tan-negozjati u, konsegwentement, fuq il-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru li rriżulta bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u l-Istat tal-Qatar, iffirmat fit-18 ta’ Ottubru 2021; fid-dawl tan-natura tal-fatti li wasslu lill-Kummissjoni biex tibda proċedura dixxiplinari u fid-dawl tan-natura tal-miżuri deċiżi mill-Kulleġġ tal-Kummissarji fir-rigward ta’ dak l-uffiċjal għoli, iqis li l-applikazzjoni ta’ dak il-Ftehim għandha tiġi evalwata u, jekk ikun meħtieġ, sospiża;

240. Ifakkar li l-Kodiċi ta’ Kondotta għall-Membri tal-Kummissjoni Ewropea jipprevedi perjodu ta’ skrutinju ta’ sentejn għall-eks Membri tal-Kummissjoni għal attivitajiet professjonali wara t-tmiem tal-mandat tagħhom; iqis li huwa vitali li jiġi żgurat li l-eks Membri tal-Kulleġġ iwettqu biss attivitajiet ta’ wara l-mandat li jkunu kompatibbli mal-Artikolu 245 tat-TFUE; ifakkar ukoll li l-Kodiċi ta’ Kondotta jistipula li l-Kummissarji jeħtiġilhom jevitaw kwalunkwe attività li tista’ tikkomprommetti l-indipendenza tagħhom jew il-perċezzjoni tagħha, b’mod partikolari matul perjodi politikament sensittivi bħall-kampanji elettorali;

241. Jinnota bi tħassib serju l-iskambji rrapportati reċentement bejn il-persunal mid-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni għall-Kummerċ u s-Sigurtà Ekonomika (DĠ TRADE) u r-rappreżentanti tal-industrija tat-tabakk, li jagħtu x’tifhem li l-persunal tad-DĠ TRADE seta’ aġixxa b’modi li minnhom ibbenefikat kumpanija fis-settur billi ħeġġeġ lil pajjiżi terzi jdgħajfu r-restrizzjonijiet regolatorji u l-politiki tat-taxxa fuq ċerti prodotti tat-tabakk; jinnota li, fid-deċiżjoni tagħha tad-19 ta’ Diċembru 2023, l-Ombudsman Ewropew sabet li n-nuqqas tal-Kummissjoni li tiżgura approċċ komprensiv fid-dipartimenti kollha għat-trasparenza fil-laqgħat mal-industrija tat-tabakk kien jikkostitwixxi amministrazzjoni ħażina; ifakkar li, bħala Parti għall-Konvenzjoni ta’ Qafas tad-WHO dwar il-Kontroll fuq it-Tabakk (FCTC), l-Unjoni jeħtiġilha tipproteġi l-politiki tagħha mill-interessi kummerċjali u interessi partikolari oħra tal-industrija tat-tabakk u tillimita l-interazzjonijiet għal dak li jkun strettament meħtieġ għal skopijiet regolatorji; jisħaq, għalhekk, li ma għandha tkun permessa l-ebda interazzjoni li tikkonċerna l-politiki ta’ kontroll tat-tabakk ta’ pajjiżi terzi; jiddispjaċih li l-laqgħat li allegatament saru ma ġewx żvelati; jappella għall-implimentazzjoni sħiħa tal-Artikolu 5.3 tal-FCTC, filwaqt li jiġi żgurat li l-interazzjonijiet ikunu strettament limitati u kompletament trasparenti;

242. Jiddeplora n-nuqqasijiet tekniċi, organizzattivi u proċedurali persistenti u kritiċi tal-funzjonament tal-EPSO matul dawn l-aħħar

snin li wasslu għal ħsara serja għar-reputazzjoni tal-proċess ġenerali ta’ reklutaġġ tal-Unjoni u kellhom konsegwenzi negattivi serji għal ħafna kandidati li investew ħin u riżorsi konsiderevoli biex jippruvaw jipparteċipaw fi proċeduri ta’ selezzjoni li ġew ikkanċellati, imdewma jew li kellhom nuqqasijiet tekniċi serji; ifakkar li l-Ombudsman Ewropew ikkonkludiet, f’diversi inkjesti separati, li l-EPSO wettaq amministrazzjoni ħażina fit-trattament tiegħu tal-ilmenti tal-kandidati, b’mod partikolari fir-rigward tal-proċeduri tal-ittestjar mill-bogħod, in-nuqqasijiet tal-pjattaformi u l-komunikazzjonijiet inkonsistenti rigward kwistjonijiet tekniċi; jisħaq li dawn in-nuqqasijiet jissograw li jimminaw l-attraenza, il-kredibbiltà u l-kapaċità amministrattiva fit-tul tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni u għalhekk jeħtieġu azzjoni korrettiva urġenti;

243. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lit-tmexxija tal-EPSO jevalwaw l-aspetti kollha tal-proċedura ta’ selezzjoni, inklużi l-governanza, l-infrastruttura diġitali, il-komunikazzjoni mal-kandidati u t-trattament tal-ilmenti tal-kandidati, sabiex jiġi żgurat li l-Kummissjoni u istituzzjonijiet oħra tal-Unjoni jkunu jistgħu jiddependu bis-sħiħ u mingħajr dewmien fuq l-EPSO għall-identifikazzjoni u s-selezzjoni ta’ kandidati bi kwalifiki għoljin u motivati għat-tipi kollha ta’ impjiegi fl-istituzzjonijiet; iħeġġeġ, fl-istess ħin, lill-Kummissjoni tindirizza l-iżbilanċi persistenti fir-rappreżentanza ġeografika fis-servizzi kollha;

Skejjel Ewropej

244. Jinnota li l-baġit ġenerali għall-Iskejjel Ewropej għall-2024 kien ta’ EUR 439,5 miljun, u dan jirrappreżenta żieda ta’ 5,3 % mill-2023; ifakkar li l-Iskejjel Ewropej huma primarjament iffinanzjati mill-Kummissjoni Ewropea, minn Istituzzjonijiet Ewropej oħra, mill-Istati Membri u minn miżati mħallsa mill-ġenituri;

245. Jinnota b’sodisfazzjon li la l-IAS u lanqas l-unità tal-Kapaċità ta’ Kontroll Intern (ICC) ma sabu kwistjonijiet kritiċi fl-awditi u l-kontrolli tagħhom fl-2024; jinnota madankollu li d-dgħufijiet identifikati fil-ġestjoni tar-riżorsi umani u fil-proċeduri ta’ akkwist pubbliku għandhom jiġu indirizzati bħala kwistjoni ta’ prijorità;

Osservazzjonijiet dwar il-proċedura ta’ kwittanza

246. Jisħaq li l-Parlament jistenna li l-Kummissjoni tipprovdi t-tweġibiet dettaljati għar-riżoluzzjoni ta’ kwittanza qabel il-bidu tas-seduti ta’ smigħ dwar il-kwittanza għas-sena ta’ wara, li normalment jibdew fil-bidu ta’ Novembru; jesprimi dispjaċir għall-fatt li rċieva t-tweġibiet dettaljati tal-Kummissjoni għat-talbiet speċifiċi li saru mill-Parlament Ewropew fir-rapport ta’ kwittanza għas-sena finanzjarja 2023 biss fil-bidu ta’ Diċembru 2025; jisħaq li tali dewmien jimmina l-effiċjenza tal-proċess ta’ kwittanza billi jżid l-ammont ta’ xogħol għaż-żewġ istituzzjonijiet u jnaqqas l-enfasi tal-iskrutinju parlamentari;

247. Jissottolinja li meta l-mistoqsijiet orali ma jkunux jistgħu jitwieġbu

direttament mill-Kummissarju responsabbli matul seduta ta’ smigħ dwar il-kwittanza fil-Parlament, għandhom jingħataw tweġibiet ta’ segwitu bil-miktub lill-Parlament fiż-żmien miftiehem; ifakkar li l-għoti ta’ tweġibiet f’waqthom u sostantivi jikkostitwixxi komponent ewlieni ta’ skrutinju parlamentari effettiv u responsabbiltà demokratika;

248. Jinnota b’sodisfazzjon li l-biċċa l-kbira tal-Kummissarji jirrispettaw il-proċedura ta’ kwittanza u jieħdu sehem fis-seduti ta’ smigħ kif mitlub mill-kumitat għall-kontroll tal-baġit; jissottolinja li l-President tal-Kummissjoni fir-rwol tagħha bħala kap tal-Kummissjoni għandha rwol deċiżiv fil-formulazzjoni u l-implimentazzjoni tal-inizjattivi u l-proposti ta’ politika ewlenin kollha tal-Kummissjoni; iqis li f’dik il-funzjoni l-President tal-Kummissjoni għandha tipparteċipa b’mod attiv fil-proċedura ta’ kwittanza u jissottolinja f’dan il-kuntest l-importanza li l-President tal-Kummissjoni Ewropea tieħu sehem fid-dibattitu dwar il-kwittanza fil-plenarja;

Rakkomandazzjonijiet:

249. Jistieden lill-Kummissjoni, b’mod partikolari:

(i) tiżgura li kwalunkwe deċiżjoni futura dwar operazzjonijiet ta’ bejgħ u ta’ bejgħ u kiri lura li jikkonċernaw il-binjiet issir abbażi ta’ valutazzjonijiet tal-impatt bir-reqqa, li għandha tasal aktar minn offerta waħda u li l-kumitati ta’ evalwazzjoni jeħtiġilhom ikunu indipendenti mill-uffiċjali tal-awtorizzazzjoni;

(ii) tfassal il-fażijiet futuri tar-rieżami fuq skala kbira tal-organizzazzjonijiet u l-operazzjonijiet tal-Kummissjoni b’mod trasparenti u tiżgura li l-organizzazzjonijiet rilevanti li jirrappreżentaw lill-persunal tal-Kummissjoni u atturi rilevanti oħra jkunu involuti bis-sħiħ fil-proċess;

(iii) tipprovdi lill-awtorità ta’ kwittanza l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni rilevanti kollha dwar il-bejgħ fl-2023 ta’ 23 mill-binjiet tagħha, inkluż rendikont dettaljat tal-passi proċedurali kollha meħuda bħall-metodoloġija ta’ valwazzjoni użata u l-valutazzjoni tal-offerti li kienu qed jikkompetu, bi trasparenza sħiħa u b’rispett xieraq għall-investigazzjoni tal-UPPE li għaddejja bħalissa;

(iv) tikkummissjona studju estern minn esperti indipendenti taħt l-awspiċi tal-Konsulent Kunfidenzjali Prinċipali li janalizza l-funzjonament jew il-funzjonament ħażin tal-proċedura formali ta’ fastidju u jipproponi mezzi biex din issir aktar effettiva;

(v) tipprovdi lill-awtorità ta’ kwittanza ħarsa ġenerali komprensiva, għall-perjodu 2021–2025, tal-każijiet ta’ żvelar ta’ informazzjoni protetta mqajma mill-membri tal-persunal, inklużi l-għadd ta’ każijiet, il-kanali ta’ rapportar użati (inkluża

l-ġerarkija rispettiva, is-Segretarju Ġenerali u l-OLAF), l-azzjonijiet ta' segwitu meħuda f'kull każ, u l-istatus fl-impjieg tal-persuni li jirrapportaw;

(vi) tieħu l-miżuri kollha meħtieġa, fil-kuntest tar-rieżami tagħha tal-Linji Gwida dwar l-Iżvelar ta' Informazzjoni Protetta, biex tallinjahom mal-istandards stabbiliti fid-Direttiva;

(vii) timplimenta l-linji gwida dwar l-użu tal-messaġġi testwali fir-rigward tal-flussi tax-xogħol, sabiex jiġi żgurat li kwalunkwe informazzjoni relatata mat-teħid ta' deċiżjonijiet jew mal-fluss tax-xogħol tiġi trażmessa permezz ta' kanali uffiċjali, b'rispett sħiħ tar-rekwiżiti ta' trasparenza;

(viii) tirrevedi l-bidliet tal-2024 għar-Regoli Dettaljati tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 u temenda r-Regoli ta' Proċedura tagħha biex tiżgura konformità sħiħa ma' dan ir-Regolament;

(ix) tiżgura t-trattament f'waqtu u korrett tal-applikazzjonijiet għall-aċċess għad-dokumenti, fl-istadji kollha tal-proċess;

(x) tiżgura applikazzjoni prevedibbli, konsistenti u mhux arbitrarja tar-regoli tagħha dwar Regolamentazzjoni Aħjar, billi tiddefinixxi s-sitwazzjonijiet "urġenti" li jiġġustifikaw deroga mir-rekwiżiti stabbiliti fir-regoli u tistabbilixxi, meta jingħataw id-derogi, proċedura biex tiżgura li t-tħejjija urġenti tal-proposti leġiżlattivi xorta tikkonforma mal-prinċipji ta' proċess ta' tfassil tal-liġijiet trasparenti, ibbażat fuq l-evidenza u inklużiv;

(xi) tiżgura li l-prinċipji ta' indipendenza u integrità, kif stabbiliti fil-Kodiċi ta' Kondotta għall-Membri tal-Kummissjoni Ewropea, jiġu rispettati b'osservanza tal-ogħla standard ta' mġiba etika;

(xii) tħaffef il-ħidma sabiex tiżgura li l-EPSO jiffunzjona kif suppost sabiex jipprovdi lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni kandidati suffiċjenti u bi kwalifiki għoljin;

(xiii) tiżgura, f'kooperazzjoni mal-EPSO u mal-istituzzjonijiet l-oħra tal-Unjoni, l-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha tar-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman dwar l-EPSO u tirrestawra l-fiduċja fil-ġustizzja, fl-aċċessibbiltà u fl-affidabbiltà tal-proċeduri ta' selezzjoni tal-EPSO, u tirrapporta dwar il-progress lill-awtorità ta' kwittanza;

(xiv) tkompli tesplora l-possibbiltajiet kollha biex tikkoreġi żbilanċi ġeografiċi u tal-ġeneru sinifikanti f'kategoriji differenti tal-persunal;

(xv) tadotta standards ta’ lingwaġġ sempliċi li jistgħu jitkejlu għall-komunikazzjonijiet pubbliċi kollha tagħha u tiżviluppa pjan ta’ azzjoni biex itejjeb l-aċċessibbiltà tal-pubblikazzjonijiet tagħha, inklużi stqarrijiet għall-istampa, dokumenti tal-programmi, rapporti annwali u rapporti annwali tal-attività, għaċ-ċittadini bil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni, u tirrapporta dwar l-implimentazzjoni tiegħu lill-awtorità ta’ kwittanza;

(xvi) tikkollabora mar-Reġim Komuni tal-Assigurazzjoni tal-Mard (JSIS) biex tiżgura li jipprovdi kopertura għal firxa usa’ ta’ mard, inkluż aktar mard awtoimmuni, u tirrimborża firxa usa’ ta’ ttestjar u trattamenti;

(xvii) tevalwa, u jekk ikun meħtieġ, tissospendi l-Ftehim tal-2021 dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u l-Istat tal-Qatar;

(xviii) tagħti segwitu lis-sejbiet tal-Ombudsman u tinvestiga b’mod urġenti l-iskambji bejn il-persunal tad-DĠ TRADE u r-rappreżentanti tal-industrija tat-tabakk, u tirrapporta s-sejbiet tagħha lill-awtorità ta’ kwittanza;

KAPITOLU II – Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza

Osservazzjonijiet tal-Qorti

250. Jinnota li l-Qorti ħarġet opinjoni kwalifikata dwar il-legalità u r-regolarità tan-nefqa tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza għat-tielet sena konsekuttiva, wara konklużjonijiet simili fl-2022 u l-2023; jinnota li fl-2024, il-Qorti kkampjunat 395 stadju importanti u mira (M&Ts) fi 28 pagament ta' għotja, li jkopru EUR 53,5 biljun minn total ta' EUR 59,9 biljun żborżati fl-2024 u, filwaqt li l-Qorti ma tipprovdix rata ta' żball minħabba l-mudell ta' nfiq speċifiku tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, hija tistma li l-impatt finanzjarju minimu tas-sejbiet tagħha jaqbeż il-livell limitu ta' materjalità; jinnota bi tħassib ix-xejra li qed tiżdied fl-impatt finanzjarju ġenerali tas-sejbiet kwantitattivi; jesprimi tħassib li, skont il-konklużjoni tal-Qorti, 6 minn 28 pagament ta' għotja fl-ambitu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza li saru fl-2024 kienu affettwati minn sejbiet kwantitattivi, u li ħamsa minn dawn il-pagamenti kienu affettwati minn żball materjali; jinnota li, fl-opinjoni tal-Qorti, minbarra dawk il-kwistjonijiet, in-nefqa tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza aċċettata fil-kontijiet għall-2024 hija legali u regolari fl-aspetti materjali kollha;

251. Jinnota bi tħassib li l-Qorti identifikat sitt stadji importanti f'ħames pagamenti li ma kinux intlaħqu b'mod sodisfaċenti; jinnota li f'dawn il-każijiet, l-elementi neqsin kienu jirrappreżentaw aktar minn devjazzjoni aċċettabbli minima u li l-Kummissjoni xorta waħda pproċediet bil-pagamenti korrispondenti; jinnota wkoll li f'wieħed mis-sitt każijiet, il-Kummissjoni, fil-valutazzjoni preliminari tagħha, ibbażat ruħha fuq data u kontrolli pprovduti mill-Istat Membru mingħajr ma wettqet ittestjar addizzjonali biex tivverifika l-affidabbiltà tagħhom;

252. Jinnota, barra minn hekk, li l-Qorti identifikat 12-il każ addizzjonali ta' dgħufijiet fil-valutazzjoni tal-Kummissjoni li, għalkemm ma kellhomx impatt fuq l-ilħuq sodisfaċenti tal-istadju importanti jew tal-mira kkonċernati, żvelaw li l-Kummissjoni ma kinitx wettqet biżżejjed kontrolli biex tivvaluta l-affidabbiltà tad-data u l-kontrolli pprovduti mill-Istati Membri;

253. Jinnota li, fl-ambitu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, il-pagamenti mill-Kummissjoni lill-Istati Membri huma kundizzjonali fuq l-ilħuq sodisfaċenti tal-istadji importanti u l-miri miftiehma, aktar milli fuq il-verifika tal-konformità tan-nefqiet individwali mar-regoli tal-Unjoni u dawk nazzjonali, u dan jagħmilha diffiċli li tiġi vvalutata l-konformità mar-rekwiżiti legali applikabbli; jinnota wkoll li r-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza ma jispeċifikax kriterji għall-interpretazzjoni tat-terminu "sodisfaċenti" fir-rigward tal-ilħuq tal-istadji importanti u l-miri, u li, fil-każ tal-

kriterji kwalitattivi, din il-valutazzjoni tiddependi fuq diversi sentenzi, u dan iwassal għal diversi interpretazzjonijiet possibbli dwar jekk l-istadji importanti jew il-miri ntlaħqux b'mod sodisfaċenti; jinnota wkoll li l-każijiet ta' stadji importanti jew miri definiti b'mod vag, li ġew identifikati, iwassal biex il-kriterji għall-valutazzjoni tal-ilħuq tagħhom jibqgħu mhux ċari;

254. Jinnota li l-Qorti identifikat erba' każijiet ta' stadji importanti jew miri ddefiniti b'mod vag li kienu ġew irrikonoxxuti u ddokumentati wkoll mill-Kummissjoni fil-valutazzjoni preliminari tagħha; jinnota li meta l-istadji importanti u l-miri jiġu definiti f'termini vagi, il-kriterji għall-valutazzjoni tal-ilħuq tagħhom inevitabbilment isiru vagi wkoll, u dan idgħajjef ir-robustezza u ċ-ċarezza tal-proċess ta' valutazzjoni; jinnota li l-Kummissjoni tirrikonoxxi li f'xi każijiet l-istadji importanti u l-miri stabbiliti bid-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill setgħu ġew abbozzati b'mod aktar ċar;

255. Ifakkar li l-istadji importanti ħafna tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza għall-Polonja taw mandat għal riformi speċifiċi fil-qasam tal-ġustizzja inkluż l-ewwel, iż-żarmar tal-Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema u s-sostituzzjoni tagħha minn Awla indipendenti tal-Qorti Suprema, u t-tieni, li l-imħallfin kollha affettwati bis-sentenzi tal-Awla Dixxiplinari kellhom id-dritt li l-kawża tagħhom tiġi rieżaminata mill-Awla l-ġdida f'perjodu ta' żmien ċar; jinsab imħasseb dwar ir-rifjut kontinwu tal-President Pollakk li jiffirma fil-liġi r-riformi proposti fl-2025 mill-Gvern Pollakk u adottati mill-Parlament Pollakk dwar l-istat tad-dritt li għandhom l-għan li jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea rigward l-ilħuq tal-istadji importanti ġudizzjarji skont il-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRP); jisħaq li l-ilħuq tal-istadji importanti tal-indipendenza ġudizzjarja, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, inkluża l-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja, huwa essenzjali biex tiġi żgurata ċ-ċertezza tad-dritt u jiġi protett il-baġit tal-Unjoni;

256. Jinnota li l-Qorti sabet li l-proġetti relatati ma' stadju importanti wieħed u tliet miri f'żewġ pagamenti kienu bdew qabel il-perjodu ta' eliġibbiltà; jinnota li r-Regolament jistipula li huma biss il-miżuri li bdew mill-1 ta' Frar 2020 'il quddiem li jistgħu jiġu ffinanzjati fl-ambitu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, iżda ma jiddefinix aktar x'jikkostitwixxi l-"bidu" ta' miżura; jinnota li, f'Jannar 2021, il-Kummissjoni ħarġet gwida li tinterpreta l-"bidu" ta' miżura bħala l-bidu tal-implimentazzjoni tagħha fil-prattika, meta jimmaterjalizzaw il-kostijiet; jirrikonoxxi li l-Qorti tqis il-bidu ta' miżura bħala d-data tal-ewwel impenn legali (eż. kuntratt, ordni ta' xiri, jew deċiżjoni ta' finanzjament), li jikkostitwixxi l-bidu tal-ewwel attività relatata mal-miżura, filwaqt li l-Kummissjoni tqis il-bidu bħala l-bidu tal-implimentazzjoni fil-prattika meta jimmaterjalizzaw il-kostijiet; jirrikonoxxi l-eżistenza ta' interpretazzjonijiet differenti ta' x'jikkostitwixxi l-"bidu" ta' miżura fl-ambitu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza;

257. Jinnota li s-self pendenti tal-Unjoni żdied b’aktar minn 30 % fl-2024, u dan jirrifletti l-użu estiż mill-Kummissjoni tas-swieq kapitali biex tiffinanzja programmi fuq skala kbira bħal SURE u n-Next Generation EU; jinnota li sal-2027 is-self pendenti totali jista’ jaqbeż id-EUR 900 biljun, kważi għaxar darbiet il-livell irreġistrat fl-2020 qabel it-tnedija tan-Next Generation EU; jinnota li minn Diċembru 2022 il-Kummissjoni applikat strateġija ta’ finanzjament diversifikata bħala l-metodu standard tagħha għall-ġbir ta’ fondi fis-swieq kapitali, u li fi tmiem l-2024 il-valur nominali tas-self pendenti tal-Unjoni kien jammonta għal EUR 601,3 biljun, żieda minn EUR 458,5 biljun fl-2023; jinsab imħasseb li ż-żieda fil-livell tad-dejn u ż-żieda assoċjata fil-kostijiet tal-imgħax se jkollhom implikazzjonijiet fit-tul għall-istabbiltà fiskali tal-Unjoni, u dan potenzjalment jirriżulta fi pressjoni finanzjarja akbar u jnaqqas il-kapaċità tal-Unjoni li tirrispondi għall-sfidi futuri jew tinvesti fi prijoritajiet strateġiċi ewlenin;

258. Jinnota bi tħassib li l-pagamenti annwali tal-għotjiet tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza ffinanzjati min-Next Generation EU ammontaw għal EUR 55,9 biljun fl-2024, filwaqt li laħqu biss madwar nofs il-livell mistenni mill-Kummissjoni f’Ġunju 2023 (EUR 96,0 biljun), u dan jirrifletti dewmien persistenti fis-sottomissjoni u l-ipproċessar tat-talbiet għall-pagament; jinnota, madankollu, li l-momentum żdied lejn tmiem is-sena, bi 15-il Stat Membru li ppreżentaw talbiet għall-pagament li jammontaw għal EUR 58,5 biljun f’Diċembru 2024;

259. Jinnota li sa tmiem l-2024, il-pagamenti fl-ambitu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza ammontaw għal EUR 197,5 biljun minn EUR 358,9 biljun f’għotjiet impenjati, u dan ħalla sa EUR 161,4 biljun li għad iridu jiġu żborżati sa tmiem l-2026; jinnota li dan il-volum sostanzjali ta’ pagamenti pendenti, ikkonċentrat fl-aħħar sentejn tal-istrument, iżid ir-riskju ta’ konġestjonijiet fl-implimentazzjoni u aktar dewmien, b’mod partikolari fl-Istati Membri li jiffaċċjaw restrizzjonijiet ta’ kapaċità strutturali; jisħaq li l-assorbiment f’waqtu tal-għotjiet tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza li jifdal se jiddependi mill-kwalità u l-maturità tar-riformi u l-investimenti, mill-istabbiltà tas-sistemi ta’ governanza nazzjonali, mid-disponibbiltà tal-kapaċità amministrattiva u l-appoġġ tekniku, u mill-kapaċità tal-Kummissjoni li tipproċessa volum għoli ta’ talbiet għall-pagament b’mod effiċjenti f’perjodu ta’ żmien ikkompressat;

260. Jinnota s-sejba tal-Qorti li l-implimentazzjoni tal-għotjiet tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza kienet aktar baxxa milli mistenni, filwaqt li l-assorbiment supplimentari tan-Next Generation EU aċċelera fl-2024; jinnota li l-pagamenti annwali tal-għotjiet tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza ammontaw għal EUR 55,9 biljun fl-2024, li minnhom EUR 7,9 biljun ġew iffinanzjati minn REPowerEU u EUR 48,0 biljun mill-għotjiet tan-Next Generation EU, u li l-pagamenti annwali għall-għotjiet tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza ffinanzjati min-Next Generation EU kienu biss nofs dak li l-Kummissjoni kienet stenniet f’Ġunju 2023 (EUR 96 biljun);

jenfasizza, madankollu, li 15-il Stat Membru kienu ppreżentaw talbiet għall-pagament li jammontaw għal EUR 58,5 biljun f'Diċembru 2024; jinnota li b'pagamenti sa tmiem l-2024 ta' EUR 197,5 biljun minn EUR 358,9 biljun ta' impenji meħuda, l-għotjiet tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza sa EUR 161,4 biljun jibqgħu disponibbli biex jitħallsu sa tmiem l-2026;

261. Jinnota bi tħassib ir-rikonoxximent tal-Kummissjoni, fir-rapport tagħha tat-8 ta' Ottubru 2025 dwar l-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, li l-pass tal-implimentazzjoni jvarja b'mod sinifikanti fost l-Istati Membri, b'sitt Stati Membri biss li rċevew pagamenti li jikkorrispondu għal aktar minn 65 % tal-pakkett totali tagħhom tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u erba' Stati Membri oħra li rċevew aktar minn 50 % tal-allokazzjoni tagħhom; jesprimi tħassib dwar id-disparitajiet sostanzjali fl-assorbiment tal-għotjiet tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza sal-lum; jisħaq li, b'anqas minn 6 xhur sal-iskadenza ta' Awwissu 2026, l-implimentazzjoni f'waqtha u effettiva tar-riformi u l-investimenti mill-Istati Membri saret dejjem aktar urġenti;

262. Jisħaq fuq it-tħassib tiegħu dwar is-sejbiet tal-Qorti fir-Rapport Speċjali 22/2024 dwar finanzjament doppju li jirriżulta mill-mudell tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljanza; jenfasizza li l-pjanijiet nazzjonali tal-Istati Membri jistgħu jinkludu l-hekk imsejħa "miżuri mingħajr kostijiet", jiġifieri miżuri stmati li ma għandhom l-ebda kost li għandu jiġi ffinanzjat mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, u li għalihom ma jitwettaq l-ebda kontroll għall-finanzjament doppju, peress li l-Kummissjoni tqis li l-miżuri li ma jirċievu l-ebda fond tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza ma joħolqu l-ebda tali riskju; jinnota li l-Qorti rrapportat każijiet potenzjali ta' finanzjament doppju fir-rigward tal-miżuri tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza; ifakkar li s-sejba rrapportata fil-Kroazja tikkonċerna tali miżura mingħajr kostijiet, u li la l-Kummissjoni u lanqas l-Istat Membru ma jqisu li xi fondi tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza ġew duplikati; jissottolinja li s-sejba tal-Qorti tirrifletti interpretazzjoni differenti ta' x'jikkostitwixxi "finanzjament" aktar milli finanzjament doppju reali; jisħaq, madankollu, li l-"miżuri mingħajr kostijiet" u n-nuqqas ta' kontroverifiki sistematiċi joħolqu punti mhux viżibbli strutturali li jirrikjedu monitoraġġ u gwida msaħħa; jistieden lill-Kummissjoni tkompli timmonitorja u tipprovdi gwida lill-Istati Membri dwar l-applikazzjoni tar-regoli dwar il-finanzjament doppju, filwaqt li tirrikonoxxi l-qafas legali u metodoloġiku stabbilit fir-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza;

263. Ifakkar li r-Regolament jistipula li, il-miżuri u l-azzjonijiet relatati mal-istadji importanti u l-miri milħuqa preċedentement ma jridux ikunu treġġgħu lura, u li l-Istati Membri huma meħtieġa jikkonfermaw dan in-nuqqas ta' treġġigħ lura fid-dikjarazzjonijiet ta' ġestjoni li jakkumpanjaw it-talbiet għall-pagament tagħhom; jiddeplora l-fatt li l-qafas legali tal-Faċilità għall-Irkupru u r-

Reżiljenza ma jippermettix lill-Kummissjoni tindirizza b'mod effettiv il-każijiet ta' treġġigħ lura wara l-31 ta' Diċembru 2026;

264. Jissottolinja li, f'konformità mal-Artikolu 12(1) tal-Ftehim ta' Finanzjament u l-Artikolu 21(1) tal-Ftehim ta' Self, il-Kummissjoni tista' twettaq verifiki, rieżamijiet, kontrolli u awditi għall-implimentazzjoni tal-RRP rigward l-informazzjoni u l-ġustifikazzjoni rigward l-ilħuq sodisfaċenti tal-istadji importanti u l-miri f'talba għall-pagament, u li tali verifiki, rieżamijiet, kontrolli u awditi jistgħu jitwettqu għal perjodu wara li l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza tkun skadiet u jistgħu jgħinu biex jiġu identifikati każijiet li fihom l-informazzjoni sottostanti għat-talba għall-pagament kif ippreżentata minn Stat Membru ma kinitx korretta;

265. Jinnota li, skont is-Semestru Ewropew, l-implimentazzjoni tal-miżuri stabbiliti fil-pjanijiet fiskali-strutturali fuq terminu medju tiġi mmonitorjata kull sena, bl-Istati Membri jissottomettu rapporti ta' progress lill-Kummissjoni; jinnota li, f'konformità mal-gwida[19] għall-Istati Membri dwar ir-rekwiżiti ta' informazzjoni għall-pjanijiet fiskali-strutturali fuq terminu medju u għar-rapporti ta' progress annwali, għat-tul tal-ħajja tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, dawn ir-rapporti meħtieġa jinkludu informazzjoni dwar il-progress fl-implimentazzjoni ta' kwalunkwe riforma u investiment tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza inklużi fil-pjanijiet fiskali-strutturali fuq terminu medju; jissottolinja li dawn ir-rapporti huma essenzjali biex jiġu żgurati t-trasparenza, l-obbligu ta' rendikont, u l-użu effettiv tal-fondi tal-Unjoni, u jistieden lill-Kummissjoni tivverifika li l-Istati Membri jipprovdu informazzjoni kompluta, f'waqtha u preċiża f'konformità mal-objettivi tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza;

266. Jinnota li mill-2021, il-Kummissjoni ħarġet 20 rapport finali tal-awditjar li jkopru l-istadji importanti u l-miri, li fihom 591 rakkomandazzjoni lil 15-il Stat Membru; jesprimi tħassib partikolari li għall-biċċa l-kbira (64 %) tal-136 rakkomandazzjoni relatati ma' sejbiet kritiċi u importanti ħafna, l-iskadenza għall-implimentazzjoni stabbilita fir-rapport tal-awditjar kienet diġà nqabżet; jinnota r-rikonoxximent tal-Kummissjoni li tali dewmien fl-implimentazzjoni minn xi Stati Membri jirrappreżenta 22 % tar-rakkomandazzjonijiet totali relatati ma' sejbiet kritiċi u importanti ħafna; jinnota, barra minn hekk, l-aċċettazzjoni mill-Kummissjoni tar-rakkomandazzjoni tal-Qorti li tanalizza r-raġunijiet għad-dewmien fl-implimentazzjoni mill-Istati Membri u r-rieżami kontinwu tagħha tal-istatus tar-rakkomandazzjonijiet pendenti kollha; jistenna li dan jindirizza b'mod urġenti d-dewmien fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni mill-awditi *ex post*;

267. Ifakkar li l-istadji importanti ta' kontroll komplew jiżdiedu mill-Kummissjoni wara l-identifikazzjoni tad-dgħufijiet tal-Istati Membri

---

19 Gwida C/2024/3975, il-21 ta' Ġunju 2024.

fis-sistemi ta’ kontroll tagħhom; jinnota l-osservazzjoni tal-Qorti li filwaqt li l-Kummissjoni tejbet il-kontrolli tagħha fuq l-akkwist pubbliku u l-għajnuna mill-Istat, is-sistemi ta’ kontroll tal-Istati Membri għadhom mhumiex effettivi biżżejjed biex jiżguraw il-konformità; jinnota li l-Qorti identifikat dgħufijiet, li joħolqu riskju għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, fi 22 proċedura ta’ akkwist pubbliku individwali inklużi nuqqas ta’ kontrolli għall-prevenzjoni jew l-identifikazzjoni ta’ kunflitti ta’ interess, dgħufijiet fil-ġustifikazzjoni tal-użu ta’ proċeduri urġenti u dgħufijiet fl-istima tal-valur tal-akkwist u d-durata tal-proġett li jwasslu għal differenzi sinifikanti bejn id-dokumenti tal-offerti u l-kuntratti reali ffirmati; jinnota li l-Kummissjoni qed tirrevedi l-gwida tagħha lill-Istati Membri bl-għan li ttejjeb il-kontrolli relatati fil-livell nazzjonali; jissottolinja li filwaqt li l-konformità mar-regoli dwar l-akkwist pubbliku u l-għajnuna mill-Istat ġeneralment ma jkollha l-ebda effett fuq ir-regolarità tal-pagamenti tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza magħmula mill-Kummissjoni lill-Istati Membri, dawn ir-regoli huma importanti biex is-suq intern żgur ikun effettiv. iqis, għalhekk, li l-finanzjament irid ikun soġġett għall-konformità mar-regoli applikabbli tas-suq intern; jirrikonoxxi r-rikonoxximent mill-Kummissarju għall-Baġit, għall-Ġlieda Kontra l-Frodi u għall-Amministrazzjoni Pubblika matul is-seduta ta’ smigħ tiegħu fil-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit fit-8 ta’ Diċembru 2025 li waħda mid-dgħufijiet li ma tistax tiġi ripetuta hija l-fatt li r-regoli dwar l-akkwist pubbliku u l-għajnuna mill-Istat mhumiex inklużi bħala kundizzjonijiet għall-pagament, u l-impenn tal-Kummissjoni li tikkoreġi dan taħt il-QFP li jmiss;

268. Jinnota li l-Qorti identifikat dgħufijiet, għal ħames Stati Membri, fid-dikjarazzjonijiet ta’ ġestjoni tagħhom, li għandhom jipprovdu aċċertament li l-informazzjoni ppreżentata mat-talbiet għall-pagament hija kompluta, preċiża u affidabbli; jinnota s-sejba tal-Qorti li l-ħames Stati Membri, inklużi ċ-Ċekja, Spanja, Franza, il-Kroazja u s-Slovakkja, kienu konxji minn evidenza insuffiċjenti għall-ilħuq sodisfaċenti ta’ xi stadji importanti u miri meta ppreżentaw it-talba għall-pagament, iżda li l-ebda wieħed minnhom ma inkluda xi riżerva fid-dikjarazzjoni ta’ ġestjoni tiegħu li tenfasizza li stadju importanti/mira kienu ntlaħqu biss parzjalment fiż-żmien tat-talba għall-pagament;

269. Jesprimi tħassib dwar is-sejbiet tal-Qorti fir-Rapport Speċjali 21/2025 “L-appoġġ mill-RRF għal ambjent tan-negozju mtejjeb”; jenfasizza li r-riformi stabbiliti fil-pjanijiet nazzjonali jvarjaw fl-ambitu, fin-natura u fl-ambizzjoni, u mhux dejjem ikunu jistgħu jissarrfu f’bidliet strutturali fl-ambjent tan-negozju; jesprimi wkoll diżappunt għall-fatt li l-istadji importanti u l-miri ġeneralment ikunu limitati għall-kejl tal-“outputs” legali, l-aktar l-adozzjoni ta’ liġijiet, aktar milli r-riżultati tagħhom, u għalhekk, il-kundizzjonijiet ta’ pagament jintlaħqu ladarba jkunu ġew adottati l-liġijiet, u mhux meta l-liġijiet ikunu wrew l-effetti tagħhom; jinnota li ħafna riformi kienu diġà previsti

qabel il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, iżda li l-appoġġ finanzjarju tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza għen biex jiġi żgurat li r-riformi jiġu implimentati f'dak il-mument;

Awditjar u kontroll

270. Jinnota l-osservazzjoni tal-Qorti li, fir-rigward tal-irregolaritajiet serji mhux ikkoreġuti mill-Istat Membru, id-Direttur Ġenerali tad-DĠ ECFIN ikkwalifika l-aċċertament tiegħu b'riżerva wara r-riskju għoli identifikat fi Stat Membru wieħed, jiġifieri ċ-Ċekja, minħabba żewġ każijiet individwali ta' kunflitt ta' interess li fir-rigward tagħhom ma hemm l-ebda informazzjoni dwar azzjoni korrettiva ulterjuri meħuda miċ-Ċekja f'dan l-istadju u li għalihom il-Kummissjoni kienet għadha ma nedietx azzjonijiet korrettivi; jinnota li din ir-riżerva tikkonċerna żewġ pagamenti tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, u li l-Kummissjoni vvalutat ukoll 22 pagament bħala ta' riskju medju u sitt pagamenti bħala ta' riskju baxx ta' irregolaritajiet serji; jinnota bi tħassib il-fehma tal-Qorti li, peress li l-kriterji tal-valutazzjoni tar-riskju huma b'mod ġenerali allinjati ma' dawk applikati għall-kontrolli f'oqsma bħall-akkwist pubbliku u l-għajnuna mill-Istat, il-valutazzjoni ġenerali tista' ma tkoprix bis-sħiħ il-livell ta' riskju sottostanti;

271. Jinsab imħasseb dwar ir-rappurtar tal-Qorti li l-informazzjoni disponibbli għall-Kummissjoni dwar il-frodi identifikata hija limitata u jissottolinja l-ħtieġa li jittejbu l-flussi ta' informazzjoni bil-ħsieb li tiġi żgurata l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, b'mod partikolari permezz ta' miżuri ta' prekawzjoni msaħħa; jenfasizza li, fi tmiem l-2024, l-UPPE kien qed jittratta 311-il każ attiv relatati man-Next Generation EU, u li taqta' barra erbgħa minnhom, kollha kellhom x'jaqsmu mal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, u jirrappreżentaw madwar 17 % tal-investigazzjonijiet attivi kollha ta' frodi relatata man-nefqa; jinnota li l-ħsara stmata għall-interessi finanzjarji tal-Unjoni hija ta' EUR 2,8 biljun, u dan jirrappreżenta 30 % (2023: 25 %) tal-ħsara kumplessiva stmata li tirriżulta minn frodi relatata man-nefqa kollha tal-UE. jenfasizza, madankollu, li l-UPPE kien innotifika uffiċjalment biss lill-Kummissjoni dwar 75 każ relatati mal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, u li 80 % ta' dawn il-każijiet innotifikati kienu relatati ma' miżura waħda fi Stat Membru wieħed, l-Italja; jinnota wkoll is-sejba tal-UPPE li l-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar tal-liġi baqgħu s-sors ewlieni ta' rapportar, b'90 % tal-investigazzjonijiet il-ġodda miftuħa abbażi tal-informazzjoni tagħhom; jinnota wkoll mir-Rapport Speċjali 06/2026 tal-Qorti "L-indirizzar tal-frodi fl-RRF" li l-Istati Membri kienu rrappurtaw 51 każ ta' frodi suspettata lid-DĠ ECFIN mill-bidu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza fl-2021 sa tmiem l-2024; jinsab imħasseb peress li r-rapporti mill-istituzzjonijiet, mill-korpi, mill-uffiċċji u mill-aġenziji tal-Unjoni, inkluża l-Kummissjoni, jammontaw għal inqas minn 1 % tal-investigazzjonijiet il-ġodda tal-UPPE miftuħa fl-2025, u dan iqajjem tħassib ulterjuri dwar il-kapaċità tal-

Kummissjoni li tissorvelja l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza; jinsab allarmat ukoll bil-fatt li peress li l-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza hija inqas minn nofs triq biex titlesta, l-UPPE jistenna li l-għadd ta' każijiet se jkompli jikber; jisħaq li ċ-ċifri ppreżentati mill-UPPE jikkonfermaw li r-riskju ta' frodi huwa preżenti fil-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza; jisħaq li din is-sitwazzjoni turi l-ħtieġa li jissaħħu aktar il-kapaċitajiet nazzjonali ta' detezzjoni u rapportar, il-kooperazzjoni mal-UPPE u mal-Kummissjoni, u l-effettività u l-konsistenza ġenerali tas-sistemi kontra l-frodi madwar l-Unjoni; jenfasizza li l-protezzjoni tal-fondi tal-Unjoni u tal-flus tal-kontribwenti tirrikjedi qafas robust, ikkoordinat u b'riżorsi tajbin kontra l-frodi kemm fil-livell tal-Unjoni kif ukoll f'dak nazzjonali;

272. Jilqa' r-riformi mwettqa mill-Bulgarija u l-progress miksub fl-2025, li matulhom il-pajjiż irċieva madwar 31 % tal-finanzjament totali allokat tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza tiegħu permezz ta' żewġ segmenti li jammontaw għal EUR 1,91 biljun; jirrikonoxxi r-riformi ewlenin fil-qasam tal-akkwist pubbliku u t-trasparenza ġudizzjarja; jinnota li, fit-3 ta' Novembru 2025, il-Kummissjoni adottat Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni dwar is-sospensjoni parzjali tal-iżborż tat-tieni pagament parzjali tal-appoġġ mhux ripagabbli għall-Bulgarija peress li stadju importanti wieħed relatat mar-riforma kontra l-korruzzjoni ma kienx tqies li ntlaħaq b'mod sodisfaċenti; jirrikonoxxi l-isforzi li saru mill-gvern Bulgaru biex jintroduċi riformi li għandhom l-għan li jiżguraw ħatra politikament indipendenti tal-Kummissjoni Kontra l-Korruzzjoni; jinnota li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tirrikonoxxi wkoll li l-Assemblea Nazzjonali żżomm rwol predominanti kemm fin-nomina kif ukoll fil-ħatra tal-maniġment tal-Kummissjoni Kontra l-Korruzzjoni; jinnota li l-Bulgarija għandha sitt xhur biex tirrevedi l-qafas leġiżlattiv ħalli tilħaq il-limitu meħtieġ; jissottolinja li s-sospensjoni għandha titneħħa biss meta l-Bulgarija tkun ħadet il-miżuri meħtieġa biex tiżgura l-ilħuq sodisfaċenti tal-istadju importanti;

273. Jinnota s-sejbiet ripetuti mill-Qorti ta' nuqqasijiet ta' ċerti awtoritajiet nazzjonali tal-awditjar f'termini ta' ambitu, kwalità, dokumentazzjoni u rappurtar; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' qafas ċar ta' responsabbiltajiet biex jiġu ggarantiti l-kwalità u l-konsistenza; jinsisti li l-korpi tal-awditjar fl-Istati Membri jikkonformaw ma' standards tal-awditjar aċċettati internazzjonalment; iwissi li jekk dan ma jsirx, tiġi kompromessa l-affidabbiltà tal-ħidma tagħhom u jinħolqu riskji għall-approċċ ta' Awditu Uniku;

274. Jesprimi dispjaċir għar-rekords tal-awditjar mhux kompluti osservati mill-Qorti fil-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, peress li dan idgħajjef it-traċċabbiltà u jillimita l-kapaċità tal-Parlament u tal-Qorti li jeżerċitaw skrutinju; jisħaq li l-bażijiet tad-data u s-sistemi ta' informazzjoni kollha tal-Kummissjoni użati għall-ġbir, għall-iskambju u għall-monitoraġġ tad-data bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri

jridu jkunu aċċessibbli għall-Qorti; jissottolinja li l-Qorti għandu jkollha aċċess dirett u fil-pront għad-data oriġinali kif irreġistrata fis-sistema, mingħajr modifika, aggregazzjoni jew editjar minn qabel mill-awtoritajiet nazzjonali jew mis-servizzi tal-Kummissjoni; jenfasizza li tali aċċess huwa essenzjali biex jiġu żgurati l-indipendenza, l-affidabbiltà u l-effettività tal-awditi u biex jinżammu t-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont fl-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni;

275. Jesprimi tħassib li l-awditi tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u ta' strumenti oħra bbażati fuq il-prestazzjoni jiffukaw fuq l-awditi tas-sistema aktar milli fuq il-kontrolli tan-nefqa reali mġarrba; iwissi li tali awditi tas-sistemi jistgħu ma jiżvelawx kwistjonijiet sottostanti li jistgħu jinfirxu u jikkompromettu serjament il-ġestjoni finanzjarja tajba tal-baġit tal-Unjoni u l-protezzjoni tal-interess finanzjarju tal-Unjoni; jistieden lill-Kummissjoni tieħu miżuri korrettivi deċiżivi, issaħħaħ il-proċeduri tal-awditjar u tal-akkreditazzjoni, u tiżgura li fallimenti sistemiċi simili ma jkunux jistgħu jerġgħu jseħħu, filwaqt li tirrispetta l-prinċipju tal-proporzjonalità fir-rigward tad-dmirijiet ta' rapportar u dokumentazzjoni;

276. Iqis li l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza tikkostitwixxi test kostituzzjonali għar-responsabbiltà demokratika, minħabba d-daqs, il-veloċità u l-mudell ta' implimentazzjoni eċċezzjonali tagħha; ifakkar li l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza hija ffinanzjata permezz ta' self Ewropew komuni sostanzjali u għalhekk tirrikjedi l-ogħla standards ta' responsabbiltà finanzjarja, trasparenza u valur għall-flus għall-kontribwenti tal-Unjoni; jisħaq li r-rwol tal-Parlament bħala awtorità ta' kwittanza huwa sinifikanti biss jekk it-trasparenza, it-traċċabbiltà, l-applikazzjoni oġġettiva tar-regoli u l-istandards ta' verifika jiġu applikati b'mod rigoruż u konsistenti fl-Istati Membri kollha u jekk il-valutazzjoni tal-istadji importanti u l-miri titwettaq b'mod kompletament oġġettiv u mhux politiċizzat li jiżgura t-trattament ugwali tal-Istati Membri; iqis li kwalunkwe bidla lejn strumenti bbażati fuq il-prestazzjoni trid tkun akkumpanjata minn skrutinju parlamentari sabiex tiġi ggarantita r-responsabbiltà demokratika; jirrifjuta kwalunkwe proposta li tħarbat il-bilanċ istituzzjonali u ddgħajjef ir-rwol tal-Parlament bħala awtorità ta' kwittanza;

Trasparenza

277. Jinnota li għall-2024 il-Qorti vvalutat is-sistemi nazzjonali ta' ħames Stati Membri biex tivvaluta jekk kinux kapaċi jittraċċaw il-fondi tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza mill-baġit nazzjonali sar-riċevituri finali u lil hinn, kif ukoll jipprovdu data dwar in-nefqa mġarrba mir-riċevituri finali; jinnota l-osservazzjoni tal-Qorti li t-traċċabbiltà tal-fondi tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza mhijiex sistematika fl-Istati Membri kollha, u li s-sistemi stabbiliti f'żewġ Stati Membri ma żgurawx il-ġbir sistematiku ta' data dwar in-nefqa

mġarrba mir-riċevituri finali tal-fondi tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza; jiddeplora s-sejba tal-Qorti li, minkejja l-gwida tal-Kummissjoni dwar il-metodoloġija li għandha tiġi segwita mill-Istati Membri għall-pubblikazzjoni tal-akbar 100 riċevitur finali[20], iseħħu varjazzjonijiet sinifikanti fit-tip ta' informazzjoni ppubblikata; jesprimi tħassib serju li tali nuqqasijiet fit-trasparenza u t-traċċabbiltà jissograw li jimminaw il-fiduċja pubblika u l-iskrutinju demokratiku effettiv tan-nefqa tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza; jinnota wkoll li żewġ Stati Membri rrapportaw ammonti allokati (jiġifieri bbaġitjati) jew żborżati iżda f'xi każijiet biss għal-livell ta' korpi intermedji, u f'xi każijiet ikkombinati ma' finanzjament nazzjonali, u li Stat Membru wieħed irrapporta biss data relatata ma' miżuri bi stadji importanti u miri ppreżentati għall-pagament lill-Kummissjoni, li ma kinitx tirrifletti bis-sħiħ l-implimentazzjoni tal-miżuri li għaddejjin;

278. Ifakkar li l-Artikolu 22(2)(d)(ii) tar-Regolament (UE) 2021/241 dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza jobbliga lill-Istati Membri, għall-fini ta' awditjar u kontroll, jiġbru informazzjoni komparabbli dwar l-użu tal-fondi tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, inkluż dwar l-ismijiet tar-riċevituri finali, il-kuntratturi u s-sottokuntratturi, u s-sidien benefiċjarji; ifakkar, barra minn hekk, li filwaqt li r-Regolament ma jobbligax lill-Istati Membri jiġbru u jippubblikaw informazzjoni dwar in-nefqa mġarrba mir-riċevituri finali biex jilħqu l-istadji importanti jew il-miri u lanqas biex jipprovdu tali informazzjoni mat-talbiet tagħhom għall-pagament tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, madankollu huma meħtieġa jippubblikaw din l-informazzjoni dwar il-100 "riċevitur finali" li jirċievu l-akbar ammonti ta' finanzjament fl-ambitu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza; jinnota li l-pożizzjoni tal-Kummissjoni, ippreżentata fil-Gwida tagħha dwar il-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza, tiddeskrivi riċevitur finali bħala l-"aħħar entità li tirċievi fondi li ma hijiex kuntrattur jew sottokuntrattur"; jesprimi tħassib serju dwar din l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "riċevitur finali", u jtenni l-fehma tiegħu li din tikkontradixxi l-leġiżlazzjoni eżistenti; jisħaq li jistenna li l-Kummissjoni tinforza l-konformità mal-leġiżlazzjoni eżistenti u tuża l-mezzi kollha għad-dispożizzjoni tagħha biex tiżgura li l-Istati Membri jipprovdu lista kompluta u sinifikanti tar-riċevituri finali, bl-esklużjoni ta' entitajiet sempliċement intermedjarji bħal ministeri jew awtoritajiet ta' ġestjoni; jissottolinja li, biex tiġi żgurata t-trasparenza, il-Parlament se jikkunsidra l-miżuri kollha disponibbli biex jinforza l-konformità, u biex jipprevjeni li tiġi applikata interpretazzjoni simili għad-dispożizzjonijiet dwar it-trasparenza f'regolamenti finanzjarji oħra; iqis li n-nuqqas persistenti li tiġi żgurata pubblikazzjoni sinifikattiva tar-riċevituri finali jqajjem dubji serji dwar il-kapaċità tal-Parlament li jagħti kwittanza fuq bażi

---

20 COM(2024)0474, Anness 5, Anness tar-Rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, 10.10.2024.

infurmata; ifakkar li l-Parlament ripetutament qajjem tħassib serju f'riżoluzzjonijiet ta' kwittanza preċedenti rigward l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, inkluż dwar it-trasparenza tar-riċevituri finali; iqis li l-Kummissjoni għandha tibda proċedimenti ta' ksur u li għandha taġixxi mingħajr dewmien żejjed biex teżerċita bis-sħiħ is-setgħat tagħha bħala gwardjan tat-Trattati kontra l-Istati Membri biex tiżgura li ċ-ċittadini u l-partijiet ikkonċernati jkollhom aċċess sħiħ għal din l-informazzjoni; jekk tonqos milli tagħmel dan, il-Parlament se jikkunsidra l-miżuri xierqa kollha fil-prerogattivi tiegħu biex jiżgura l-konformità, inklużi azzjonijiet legali; jisħaq li informazzjoni sħiħa u affidabbli dwar ir-riċevituri finali hija essenzjali sabiex jiġi evitat l-użu ħażin tal-fondi, tiġi identifikata l-frodi u jiġu żgurati standards ugwali ta' obbligu ta' rendikont fl-Istati Membri kollha;

279. Ifakkar lill-Kummissjoni li l-ittra u l-ispirtu tar-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza jridu jiġu segwiti b'mod strett, u li l-adozzjoni ta' linji gwida jew ta' dokumenti interni oħra trid tkun kompletament f'konformità mar-riżultati tan-negozjati bejn il-koleġiżlaturi; jemmen li dan ma kienx il-każ meta l-Kummissjoni adottat id-dispożizzjonijiet relatati mal-interpretazzjoni ta' x'inhu "riċevitur finali" fil-Gwida tagħha dwar l-RRPs;

280. Jenfasizza, barra minn hekk, li fl-4 ta' Frar 2025, għall-finijiet ta' kwittanza skont l-Artikolu 319 tat-TFUE, Membri tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit talbu li l-Kummissjoni tipprovdi għal kull Stat Membru l-lista tal-akbar 100 persuna fiżika jew entità li jirċievu fondi fl-ambitu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, inklużi kuntratturi u sottokuntratturi; iqis li huwa inaċċettabbli li sitt Stati Membri biss ikkondividew id-data mitluba mas-servizzi tal-Kummissjoni, u li Stat Membru esprima l-intenzjoni tiegħu li jikkondividi l-lista fil-futur, filwaqt li tliet Stati Membri oħra indikaw li ma kinux se jissottomettu d-data, għax sostnew li t-talba ma kinitx konformi mar-rekwiżiti ta' rapportar skont ir-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, filwaqt li s-17-il Stat Membru l-oħra naqsu milli jirreaġixxu għat-talba tal-Kummissjoni;

281. Jenfasizza l-kontribut kruċjali tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza għall-prevenzjoni ta' reċessjoni ekonomika severa u kriżi soċjali wara l-pandemija tal-COVID-19 u l-kapaċità tagħha li tipprovdi għodda b'saħħitha ta' rispons għall-kriżijiet;

Rakkomandazzjonijiet

282. Jistieden lill-Kummissjoni taġixxi fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti mir-Rapport Annwali tagħha tal-2024 biex tiżgura li l-Kummissjoni:

(i) twettaq ittestjar sostantiv suffiċjenti biex tiżgura l-affidabbiltà tal-informazzjoni li tappoġġja l-konformità tal-Istati Membri

mar-rekwiżiti tad-Deċiżjonijiet ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill meta tivvaluta l-istadji importanti u l-miri appoġġjati primarjament minn rapporti ta’ monitoraġġ jew ta’ implimentazzjoni, minflok ma tibbaża ruħha fuq id-data u l-kontrolli tal-Istati Membri;

(ii) tanalizza r-raġunijiet għad-dewmien fl-implimentazzjoni mill-Istati Membri tar-rakkomandazzjonijiet marbuta ma’ sejbiet kritiċi jew importanti ħafna u tqis li tapplika tnaqqis b’rata fissa;

283. Jistieden, barra minn hekk, lill-Kummissjoni:

(i) timmonitorja mill-qrib l-ilħuq kontinwu tal-istadji importanti u l-miri, b’mod partikolari dawk relatati mal-awditjar, il-monitoraġġ u l-kontroll, u tiżgura monitoraġġ adegwat tal-istat ta’ implimentazzjoni ta’ diversi stadji importanti u miri f’mumenti differenti wara l-iskadenza tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza bl-għażliet ipprovduti fl-ambitu tal-Ftehimiet ta’ Finanzjament u Self u s-Semestru Ewropew;

(ii) taħdem mill-qrib mal-Istati Membri biex tiżgura li l-istadji importanti u l-miri, b’mod partikolari dawk ta’ natura strutturali jew marbuta mas-CSRs, jiġu implimentati bis-sħiħ u b’mod diliġenti;

(iii) timplimenta mekkaniżmi ta’ verifika aktar stretti biex tipprevjeni l-inklużjoni ta’ proġetti preeżistenti li ma jipprovdux valur miżjud fl-ambitu tal-qafas tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza;

(iv) tiżgura l-konformità sħiħa mal-istadji importanti tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u tiżborża l-finanzjament biss jekk l-istadji importanti jkomplu jintlaħqu;

(v) tistabbilixxi, mingħajr dewmien ulterjuri, arranġament interistituzzjonali vinkolanti li jiżgura l-aċċess sħiħ, sistematiku u f’ħin reali tal-Qorti għall-bażijiet tad-data rilevanti kollha inklużi Arachne u Fenix;

(vi) tapplika b’mod konsistenti u preċiż id-dispożizzjonijiet relatati mar-“riċevituri finali” tar-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza billi tirrevedi l-Gwida tagħha dwar l-RRPs, tikkomunika mal-Istati Membri dwar l-applikazzjoni korretta tad-definizzjoni ta’ “riċevituri finali”, tiżgura li l-Istati Membri jiġbru u jipprovdu informazzjoni dwar l-aħħar entitajiet li jirċievu fondi, eskluż entitajiet intermedjarji bħal ministeri jew awtoritajiet ta’ ġestjoni, tagħmel din l-informazzjoni disponibbli għall-awtorità ta’ kwittanza sal-iskadenza tal-aħħar pagamenti tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, u tibda proċedimenti ta’ ksur jekk ikun meħtieġ;

(vii) tiżgura trasparenza akbar fil-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza permezz tal-pubblikazzjoni f'waqtha tal-valutazzjonijiet tal-Kummissjoni, tar-rapporti nazzjonali, tal-awditi u tal-azzjonijiet ta' rkupru f'format aċċessibbli u verifikabbli, li jippermetti skrutinju xieraq mill-Parlament, mill-Qorti u miċ-ċittadini; jappoġġja approċċ b'diversi saffi għall-aċċess sħiħ f'ħin reali għall-Qorti, drittijiet ta' informazzjoni mhux ristretti għall-Parlament, u aċċess pubbliku trasparenti f'konformità mad-deċiżjonijiet tal-QĠUE – filwaqt li tiġi żgurata l-konformità mal-GDPR u mar-regoli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data; jisħaq li d-data ppubblikata trid tirrifletti l-implimentazzjoni u r-riżultati reali tal-proġett;

(viii) tiżgura informazzjoni konsistenti dwar il-prestazzjoni, fil-QFP ta' wara l-2027, billi tistabbilixxi sett uniku ta' oqsma ta' politika definiti b'mod ċar u metodoloġija konsistenti biex torbot l-isfidi, l-objettivi, il-miżuri, il-finanzjament u l-indikaturi tal-prestazzjoni ma' qasam ta' politika wieħed jew aktar, inkluż permezz tal-użu ta' oqfsa ta' rapportar armonizzati u indikaturi li jistgħu jitkejlu u komparabbli fl-Istati Membri kollha, peress li dan jippermetti valutazzjoni ċara tar-riżultati, tal-effiċjenza u tal-valur għall-finanzjament tal-Unjoni;

(ix) tapplika b'mod strett id-dispożizzjonijiet tar-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, inklużi dawk dwar is-sospensjoni tal-pagamenti jew l-irkupri tal-ammonti, b'mod partikolari jekk ma tiġix żgurata l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni;

(x) tagħti mandat għal kontroverifiki interoperabbli u awtomatizzati fl-istrumenti tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, ta' koeżjoni u ta' ġestjoni diretta u tirrapporta kull sena lill-awtorità ta' kwittanza dwar każijiet identifikati ta' finanzjament doppju;

(xi) taħdem mill-qrib mal-Istati Membri, b'mod partikolari dawk li qed jiffaċċjaw restrizzjonijiet strutturali tal-kapaċità, billi tipprovdi assistenza teknika mmirata, gwida u appoġġ amministrattiv sabiex tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-investimenti u r-riformi tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza fl-Istati Membri kollha;

(xii) issaħħaħ il-mekkaniżmi ta' monitoraġġ u tiżgura li r-riformi u l-investimenti ffinanzjati fl-ambitu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza jibqgħu operazzjonali u jwasslu impatt dejjiemi lil hinn mill-perjodu ta' żborż, sabiex jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-Unjoni u l-flus tal-kontribwenti;

(xiii) tipproponi, għall-istrumenti ta' wara l-2026 u r-reviżjonijiet tar-regolamentazzjoni, obbligu għall-Istati Membri li jirrapportaw

frodi u irregolaritajiet suspettati bl-użu ta’ tassonomija armonizzata allinjata mal-istandards tal-OLAF/UPPE;

(xiv) twettaq evalwazzjoni makroekonomika bl-objettiv li tivvaluta l-effettività u l-effiċjenza tal-appoġġ tal-Unjoni lill-Istati Membri permezz tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, inkluż sa liema punt l-appoġġ kien f’waqtu u proporzjonali għall-objettivi maħsuba tal-Faċilità, b’mod partikolari l-irkupru mill-kriżi tal-COVID-19, u tikkondividiha mal-awtorità ta’ kwittanza;

(xv) jappella għall-introduzzjoni ta’ għodod analitiċi predittivi mħaddma mill-IA kif ukoll ta’ kapaċitajiet ta’ tagħlim awtomatiku li jippermettu lill-awdituri jwettqu valutazzjonijiet tar-riskju f’ħin reali u jidentifikaw l-anomaliji b’mod aktar effettiv;